II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-26 ta' Jannar 2010**

**dwar l-għajnuna mill-Istat C 56/07 (eks E 15/05) mogħtija minn Franza lil La Poste**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 133)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/605/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ([2]),

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

(1) Fil-21 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni approvat it-trasferiment tal-attivitajiet bankarji u finanzjarji ta' La Poste lis-sussidjarja tagħha, La Banque Postale ([3]). Fid-Deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-kwistjoni ta' garanzija mingħajr limitu mill-Istat favur La Poste kienet soġġetta għal proċedura separata.

(2) Fil-21 ta' Frar 2006, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [issal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea] ([4]) (minn hawn'il quddiem "ir-Regolament tal-Proċedura"), il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Franċiżi dwar il-konklużjonijiet preliminari tagħha dwar l-eżistenza ta' garanzija mingħajr limitu mill-Istat li nħolqot mill-istatus ta' La Poste u li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u talbithom iressqu l-kummenti tagħhom. Peress li din il-preżunta garanzija mingħajr limitu mill-Istat kienet fis-seħħ minn qabel l-1 ta' Jannar 1958, il-Kummissjoni applikat ir-regoli ta' proċedura rigward l-għajnuniet eżistenti, skont l-Artikolu 1(b) tar-regolament tal-proċedura msemmi qabel ([5]).

(3) Il-Kummissjoni rċeviet ir-risposta tal-awtoritajiet Franċiżi fl-24 ta' April 2006.

(4) Fl-4 ta' Ottubru 2006, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Proċedura, il-Kummissjoni talbet lil Franza tneħħi l-garanzija li tgawdi La Poste minħabba l-istatus tagħha fuq l-impenji kollha tagħha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.

(5) Fis-6 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni rċeviet notifika mingħand l-awtoritajiet Franċiżi li kienet tikkontesta l-konklużjonijiet imressqa mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tal-4 ta' Ottubru 2006.

(6) Wara laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mill-kompetizzjoni (minn hawn'il quddiem "DĠ Kompetizzjoni"), permezz tal-ittra tas-16 ta' Jannar 2007, l-awtoritajiet Franċiżi ssottomettew lill-Kummisjoni abbozz ta' emenda tad-digriet dwar l-infurzar tal-Liġi Nru 80-539 tas-16 ta' Lulju 1980 dwar il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti fi proċeduri amministrattivi u l-infurzar tas-sentenzi mill-korporazzjonijiet pubbliċi ([6]) (minn hawn'il quddiem "il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980"), jiġifieri d-Digriet nru 81-501 tat-12 ta' Mejju 1981 ippromulgat għall-implimentazzjoni tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 dwar il-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti fi proċeduri amministrattivi u l-infurzar tas-sentenzi mill-korporazzjonijiet pubbliċi ([7]) (minn hawn'il quddiem "id-Digriet tat-12 ta' Mejju 1981").

(7) Wara talba ta' kjarifika mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu nota, li waslet fl-1 ta' Frar 2007, li kienet tispjega s-sitwazzjoni tal-kredituri ta' La Poste f'każ li din issib ruħha f'diffikultajiet finanzjarji.

(8) Permezz ta' nota tad-19 ta' Marzu 2007, l-awtoritajiet Franċiżi għamlu proposta addizzjonali, li kienet tikkonsisti fl-impenn, flimkien ma' La Poste, li jissemma n-nuqqas ta' garanzija f'kull kuntratt finanzjarju u l-prospett ta' La Poste.

(9) Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni infurmat lil Franza dwar id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE kontra din il-miżura (minn hawn'il quddiem "id-deċiżjoni ta' ftuħ").

(10) Id-deċiżjoni ta' ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([8]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni.

(11) Il-Kummissjoni ma rċevietx kummenti rigward dan mingħand il-partijiet interessati.

(12) Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti ta' Franza permezz ta' ittra tat-23 ta' Jannar 2008.

(13) Il-Kummissjoni ppubblikat fuq is-sit tal-Internet tad-DĠ Kompetizzjoni sejħa għall-offerti biex isir studju dwar il-garanzija mingħajr limitu tar-Repubblika Franċiża lil La Poste. Erba' offerti waslu qabel l-iskadenza tal-21 ta' April 2008. L-istudju ġie fdat f'idejn is-Sinjura Sophie NICINSKI, Professoressa tal-Università, assoċjata taħt id-dritt pubbliku, avukata u awtriċi ta' pubblikazzjonijiet dwar is-suġġett tal-garanzija tal-Istat favur l-istabbilimenti pubbliċi industrijali u kummerċjali. L-esperta (minn hawn'il quddiem "l-esperta tal-Kummissjoni") ippreżentat ir-rapport tagħha fis-17 ta' Novembru 2008.

(14) Wara l-pubblikazzjoni fil-gazzetti ta' informazzjoni li tirrigwarda l-adozzjoni mill-gvern Franċiż ta' abbozz ta' liġi li jikkonferma l-bidla fl-istatus ta' La Poste, fl-20 ta' Lulju 2009 il-Kummissjoni staqsiet lil Franza jekk kinitx taċċetta li tieħu impenn għat-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija limitata soġġetta għall-proċedura ta' riorganizzazzjoni u likwidazzjoni tal-liġi komuni. Permezz tal-istess ittra, il-Kummissjoni bagħtet ir-rapport tal-esperta tagħha lill-awtoritajiet Franċiżi.

(15) Permezz ta' nota mibgħuta fil-31 ta' Lulju 2009, Franza infurmat lill-Kummissjoni li l-Kunsill tal-Ministri tad-29 ta' Lulju 2009 kien adotta abbozz ta' liġi rigward La Poste u l-attivitajiet postali, li kien jistabbilixxi t-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija limitata fl-1 ta' Jannar 2010. L-awtoritajiet Franċiżi barra minn hekk indikaw li kienu sejrin jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar ir-rapport tal-esperta tal-Kummissjoni.

(16) Wara żewġ noti ta' tfakkir tal-Kummissjoni datati d-9 ta' Settembru u s-6 ta' Ottubru 2009, Franza tat, permezz ta' nota mibgħuta fis-27 ta' Ottubru 2009, il-kummenti tagħha dwar ir-rapport tal-esperta tal-Kummissjoni u bagħtet opinjoni tas-Sur Guy CARCASSONNE, Professur tal-Università u assoċjat tal-fakultajiet tal-liġi (minn hawn'il quddiem "l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi").

(17) Fil-11 ta' Diċembru 2009 tressqet emenda għall-abbozz ta' liġi rigward La Poste u l-attivitajiet postali li kienet tipposponi d-data tat-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija limitata għal Marzu tal-2010.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

(18) Il-Liġi Nru 90-568 tat-2 ta' Lulju 1990 rigward l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku tal-posta u France Télécom ([9]) (minn hawn'il quddiem "il-Liġi tat-2 ta' Lulju 1990") biddlet id-Direttorat Ġeneral tal-posta u t-telekomunikazzjonijiet f'żewġ stabbilimenti pubbliċi: La Poste u France Telecom.

(19) Ċerti stabbilimenti pubbliċi ma ġewx ikklassifikati mil-liġi dwar l- istabbilimenti pubbliċi amministrattivi (IPA) jew dwar l-istabbilimenti pubbliċi industrijali u kummerċjali (IPIK) ([10]). Dan kien il-każ ta' La Poste. Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2001 (it-tieni awla ċivili) ([11]), il-Qorti tal-Kassazzjoni madankollu adottat il-prinċipju li La Poste għandha tkun ittrattata bħala IPIK ([12]). Il-konsegwenzi legali tal-istatus ta' La Poste huma dawn:

### 2.1. *IN-NUQQAS TA' APPLIKABBILTÀ TAL-PROĊEDURI TA' INSOLVENZA U TA' FALLIMENT GĦAL LA POSTE*

(20) L-ewwel Artikolu tal-Liġi tat-2 ta' Lulju 1990 ikkwalifika lil La Poste bħala entità pubblika. Fi Franza, l-entitajiet pubbliċi mhumiex soġġetti għal-liġi li tirregola l-irkupru u l-likwidazzjoni tal-kumpaniji f'diffikultà.

(21) In-nuqqas ta' applikabbiltà tal-proċeduri ta' insolvenza u ta' falliment għall-istabbilimenti pubbliċi jirriżulta mill-prinċipju ġenerali ta' immunità mis-sekwestru ta' proprjetà tal-entitajiet pubbliċi rikonoxxut mill-qrati Franċiżi mill-aħħar tas-seklu 19, u b'mod partikolari mill-Qorti tal-Kassazzjoni ([13]).

(22) Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tal-Liġi nru 85-98 tal-25 ta' Jannar 1985 rigward l-irkupru u l-likwidazzjoni tal-kumpaniji ([14]) (minn hawn'il quddiem "il-Liġi tal-25 ta' Jannar 1985"), li tiddefinixxi l-ambitu ta' applikazzjoni tal-proċeduri ta' rkupru u likwidazzjoni tal-liġi Franċiża, li sar l-Artikolu L620-2 tal-Liġi kummerċjali, jgħid: "Il-proċeduri ta' rkupru u likwidazzjoni huma applikabbli għal kull negozjant, għal kull persuna rreġistrata fl-indiċi tal-kummerċ, għal kull bidwi u għal kull entità privata". Jirriżulta għalhekk minn dan l-Artikolu kif ukoll mill-interpretazzjoni tiegħu tal-qrati Franċiżi ([15]), li l-proċeduri kollettivi tal-liġi komuni mhumiex applikabbli għall-entitajiet pubbliċi.

### 2.2. *APPLIKABBILTÀ GĦAL LA POSTE TAL-LIĠI TAS-16 TA' LULJU 1980 U TAL-PRINĊIPJU TAR-RESPONSABBILTÀ BĦALA L-AĦĦAR ALTERNATTIVA TAL-ISTAT GĦAD-DJUN TAL-ENTITAJIET PUBBLIĊI*

(23) Il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 hija applikabbli għal La Poste, ikklassifikata bħala entità pubblika mil-Liġi tat-2 ta' Lulju 1990.

(24) Il-paragrafu II tal-ewwel Artikolu tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 jgħid: "meta deċiżjoni ġudizzjarja li għandha l-forza ta' res judicata tkun ikkundannat awtorità lokali jew stabbiliment pubbliku għall-ħlas ta' somma ta' flus li t-total tagħha huwa ffissat fid-deċiżjoni nnifisha, din is-somma għandha tkun mandata jew awtorizzata fi żmien xahrejn min-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti. Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' awtorizzazzjoni f'dan iż-żmien, ir-rappreżentant tal-Istat fid-dipartiment jew l-awtorità regolatorja għandha toħroġ ordni ta' ħlas obbligatorju. F'każ ta' nuqqas ta' fondi, ir-rappreżentant tal-Istat fid-dipartiment jew l-awtorità regolatorja tintima lill-awtorità jew lill-istabbilimenti sabiex toħloq ir-riżorsi meħtieġa; jekk il-korp leġiżlattiv tal-awtorità jew tal-istabbiliment ma jkunx laħaq jew ħoloq dawn ir-riżorsi, ir-rappreżentant tal-Istat fid-dipartiment jew l-awtorità regolatorja tipprovdi u twettaq, jekk ikun il-każ, l-ordni tal-ħlas obbligatorju".

(25) Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 3-1 tad-Digriet tat-12 ta' Mejju 1981 jgħid li "meta l-intimazzjoni tkun baqgħet mingħajr effett meta jgħaddi ż-żmien ([16]), ir-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja għandha twettaq ir-reġistrazzjoni tan-nefqa fil-baġit tal-awtorità jew tal-istabbiliment pubbliku li jkun falla. Hija tirrilaxxa, jekk ikun il-każ, ir-riżorsi meħtieġa jew billi tnaqqas il-fondi allokati għal spejjeż oħrajn u li jkunu għadhom jistgħu jintużaw, jew billi żżid ir-riżorsi". Fl-aħħar nett, il-paragrafu 5 tal-Artikolu 3-1 tal-istess Digriet jipprovdi li "jekk, fi żmien tmint ijiem wara n-notifika tar-reġistrazzjoni tal-fondi, l-awtorità lokali jew l-istabbiliment pubbliku ma jkunx għamel il-ħlas tas-somma dovuta, ir-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja għandha tipproċedi fi żmien xahar".

(26) Id-Digriet imsemmi tat-12 ta' Mejju 1981 kien imħassar u sostitwit mid-Digriet nru 2008-479 tal-20 ta' Mejju 2008 li jirrigwarda l-infurzar ta' penali finanzjarji imposti fir-rigward tal-entitajiet pubbliċi. Madankollu, l-Artikolu 10 tad-Digriet il-ġdid jinkludi t-termini tal-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 3-1 tad-Digriet tat-12 ta' Mejju 1981 ([17]). Għaldaqstant ma jbiddilx is-sustanza tal-miżura.

(27) Barra minn hekk, iċ-ċirkolari tas-16 ta' Ottubru 1989 ([18]) tipprevedi li: "f'każ ta' nuqqas jew assenza ta' fondi, sitwazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu tat-II tal-ewwel Artikolu tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, l-uffiċjal huwa obbligat ukoll, qabel ma jgħaddu erba" xhur, li jinforma dwar dan lill-kreditur permezz ta' ittra reġistrata b'talba għall-konferma tal-wasla, filwaqt li jispeċifika l-ammont tas-somma li sejra tkun ikkummissjonata aktar tard. Dan il-ħlas għandu jkun fuq l-ammont sħiħ dovut f'każ ta' nuqqas totali ta' fondi, jew fuq il-bilanċ f'każ ta' fondi insuffiċjenti'.

(28) Minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta li l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u d-dokumenti ta' implimentazzjoni tagħha huma maħsuba biss sabiex jinfurzaw id-deċiżjonijiet legali li għandhom il-forza ta' *res judicata* li jikkundannaw jew lill-Istat, jew lil xi awtorità lokali, jew entità pubblika tħallas somma flus. Ma jistabbilixxux proċedura ta' rkupru jew ta' likwidazzjoni.

(29) Barra minn hekk, il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u d-dokumenti ta' implimentazzjoni tagħha jinnominaw speċifikament lill-Istat bħala l-awtorità kompetenti għall-irkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi. L-Istat għandu setgħat importanti: minn naħa waħda, l-ordni tal-ħlas obbligatorju u, min-naħa l-oħra, il-ħolqien ta' riżorsi adegwati. Dan iwassal sabiex wieħed jikkunsidra b'liema mod il-possibbiltà ta' kumpens disponibbli għall-kredituri mill-involviment tar-responsabbiltà tal-Istat f'każ ta' falliment ta' La Poste tista' tiġi kkunsidrata bħala forma ta' garanzija.

(30) Minbarra ż-żewġ elementi preċedenti (in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-proċeduri ta' insolvenza u l-applikabbiltà tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980), fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, il-Kummissjoni nnutat li r-regoli applikabbli għal ċerti IPIK jistgħu jiġu applikati wkoll għal La Poste:

### 2.3. *TRASFERIMENT TAL-OBBLIGI TA' IPIK XOLTA LIL STABBILIMENT PUBBLIKU IEĦOR JEW LILL-ISTAT*

(31) L-istruzzjoni statutorja Nru 02-060-M95 tat-18 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolament finanzjarju u l-kontijiet tal-istabbilimenti pubbliċi nazzjonali tat-tip industrijali u kummerċjali ([19]) (minn hawn'il quddiem "l-istruzzjoni statutorja") tipprovdi li jistgħu jinħolqu żewġ sitwazzjonijiet f'każ ta' għeluq ta' IPIK li għandha accountant pubbliku:

— jew stabbiliment pubbliku ġdid jissostitwixxi lill-IPIK preċedenti u jużа l-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi ta' din tal-aħħar;

— jew dokument jiddikjara x-xoljiment tal-istabbiliment pubbliku; f'dan il-każ, "id-dokument dwar ix-xoljiment tal-istabbiliment jista", diġà, jinnomina l-werriet tal-bilanċ tal-likwidazzjoni, ġeneralment l-Istat' ([20]).

(32) Il-gwida dwar l-organizzazzjoni finanzjarja tal-ħolqien, it-trasformazzjoni u t-tneħħija tal-istabbilimenti pubbliċi nazzjonali u ta' gruppi ta' interess pubbliku tal-14 ta' Novembru 2006 (minn hawn'il quddiem "il-gwida dwar l-organizzazzjoni finanzjarja"), disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ministeru tal-Finanzi, tispeċifika ([21]): "Id-dokument li jneħħi l-istabbiliment għandu jipprovdi espliċitament għat-trasferiment tad-drittijiet, il-proprjetà u l-obbligi tal-istabbiliment mneħħi lill-istruttura li sejra tassumi l-attività jew l-assi tiegħu (jiġifieri jew stabbiliment pubbliku jew l-Istat)" [[…]]"B'mod aktar ġenerali, għandu jkun mistenni li l-istabbiliment il-ġdid jissostitwixxi l-korp li tiegħu jkun ħa l-attività bid-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti għat-twettiq tal-kompiti assenjati".

(33) Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-istruzzjoni statutorja u tal-gwida dwar l-organizzazzjoni finanzjarja mhumiex applikabbli ħlief għall-IPIK li għandhom accountant pubbliku, ċerti elementi jindikaw li IPIK li m'għandhomx accountant pubbliku wkoll jistgħu, f'każ ta' għeluq, ikollhom id-dejn tagħhom trasferit lill-Istat jew lil xi stabbiliment pubbliku ieħor.

(34) B'hekk, Charbonnages de France ippubblikat fin-noti tal-kontijiet finanzjarji tagħha tal-31 ta' Diċembru 2000 li d-drittijiet u l-obbligi kollha ta' IPIK għandhom, f'każ ta' għeluq, jiġu trasferiti jew lil entità pubblika oħra, jew lill-gvern Franċiż innifsu, u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' tali trasferiment għandhom ikunu speċifikati fil-liġi adottata sabiex tagħlaq l-IPIK inkwistjoni. Din id-dikjarazzjoni mhijiex limitata biss għal dawk l-IPIK li għandhom accountant pubbliku; fil-fatt, Charbonnages de France hija IPIK mingħajr accountant pubbliku.

(35) Barra minn hekk, skont ċerti aġenziji ta' klassifikazzjoni, f'każ ta' xoljiment ta' ERAP ([22]), għalkemm l-ERAP hija wkoll IPIK mingħajr accountant pubbliku, il-bilanċ tad-dejn u tal-assi tagħha wkoll jiġu trasferiti lill-Istat. Skont Fitch ([23]), "bħala IPIK, l-ERAP mhijiex soġġetta għall-proċeduri ta' likwidazzjoni. Tista" tiġi xolta biss permezz ta' proċedura leġiżlattiva u, f'dan il-każ, il-bilanċ tad-dejn u tal-assi tagħha jerġa' lura għall-Istat.' Skont Moody ([24]), "l-ERAP ma tistax tkun soġġetta għar-ristrutturar impost mill-qorti tal-proċeduri ta' likwidazzjoni ġudizzjarja. Għalhekk, f'każ ta' xoljiment tal-kumpanija, l-assi/djun tagħha jiġu trasferiti lill-awtorità responsabbli mill-ħolqien tagħha, jiġifieri l-Istat innifsu".

(36) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, u minkejja li La Poste m'għandhiex accountant pubbliku ([25]), jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk, f'każ ta' likwidazzjoni, il-prinċipju tat-trasferiment tad-djun lill-Istat jew lil xi entità pubblika oħra huwiex applikabbli għal La Poste meta wieħed iqis li hija ekwivalenti għal IPIK. Għalhekk, il-kreditur ikollu l-garanzija li ma jitlifx id-dejn dovut lilu u jista' jaċċetta rata ta' imgħax aktar baxxa jew jagħti kundizzjonijiet u skadenzi ta' ħlas aktar favorevoli milli fin-nuqqas ta' garanzija bħal din. Għaldaqstant trasferiment bħal dan għandu l-istess effetti ta' garanzija.

### 2.4. *AĊĊESS DIRETT GĦALL-KONTIJIET TAT-TEŻOR*

(37) Dejjem skont Fitch ([26]), "il-likwidità tal-ERAP hija garantita permezz tal-aċċess immedjat tagħha għall-kontijiet ta' self tat-Teżor". Peress li l-ERAP hija IPIK, jeħtieġ li wieħed jeżamina l-aċċess li La Poste jista' jkollha wkoll għall-kontijiet ta' self tat-Teżor.

## 3. **KUMMENTI U PROPOSTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI**

(38) Wara d-deċiżjoni ta' ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu l-kummenti u l-proposti tagħhom lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tat-23 ta' Jannar 2008. Din l-ittra tissupplimenta l-kummenti u l-proposti żviluppati fl-ittri preċedenti tal-awtoritajiet Franċiżi ([27]) u miġbura fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura.

### 3.1. *KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI*

(39) L-awtoritajiet Franċiżi jikkontestaw kemm l-eżistenza ta' garanzija kif ukoll il-preżenza ta' vantaġġ għal La Poste.

#### 3.1.1. NUQQAS TA' GARANZIJA

(40) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, minn naħa, l-istabbilimenti pubbliċi ma jibbenefikawx minn garanzija awtomatika minħabba l-istatus tagħhom (A) u min-naħa l-oħra, ir-raġunament tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ huwa żbaljat (B).

##### A. ***L-istabbilimenti pubbliċi ma' jibbenefikawx minn garanzija awtomatika minħabba l-istatus tagħhom*** [28].

(41) Fl-ewwel lok, ebda dokument, u ebda deċiżjoni, ma jistabbilixxi l-prinċipju li l-Istat jiggarantixxi, fil-prinċipju, b'mod indefinit, id-djun tal-IPIK.

(42) Fit-tieni lok, il-qrati ħadu deċiżjonijiet dwar in-nuqqas ta' garanziji. B'mod partikolari, fid-deċiżjoni tiegħu rigward is-*Société de l'hôtel d'Albe* [29], il-Conseil d'Etat sab li "l-uffiċċju nazzjonali tat-turiżmu b'personalità ġuridika u awtonomija finanzjarja [[…]] kien stabbiliment pubbliku, għaldaqstant, l-Istat m'għandux ikun meħtieġ iħallas id-djun kuntrattati minn dan l-istabbiliment; u għalhekk, kien għal din ir-raġuni li l-Ministru tax-xogħlijiet pubbliċi rrifjuta li jikkonċedi t-talba [tal-kreditur]." L-istess raġunament ġie segwit f'dak li jirrigwarda l-awtoritajiet lokali fiż-żewġ deċiżjonijiet tal-Conseil d'Etat fil-kawża *Campoloro* [30].

(43) Fit-tielet lok, il-liġi organika tal-1 ta' Awwissu 2001 li tirrigwarda l-liġijiet tal-Finanzi [31] (minn hawn'il quddiem "il-LOLF") tipprovdi li dispożizzjoni tal-liġijiet tal-Finanzi biss tista' toħloq garanzija [32]. Għalhekk, skont l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi [33], mid-dħul fis-seħħ sħiħ tal-LOLF fl-1 ta' Jannar 2005, ma setgħet tingħata l-ebda garanzija impliċita legalment. Għalhekk id-djun kuntrattati minn La Poste mill-1 ta' Jannar 2005 ma jgawdux garanzija impliċita. Fil-każ tad-djun kuntrattati qabel l-1 ta' Jannar 2005, l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jqis li fin-nuqqas ta' deċiżjoni kontenzjuża, ma jistax ikun determinat jekk l-iskadenza tal-garanziji impliċiti pprovduti qabel l-1 ta' Jannar 2005 li l-għoti tagħhom ma jkunx ġie awtorizzat espressament fl-Att tal-Finanzi tistax–jew le- tkun eskluża fuq il-bażi tar-rispett tad-drittijiet tal-kredituri mħarsa mill-kostituzzjoni.

(44) Fir-raba' lok, kieku l-IPIK kienu jgawdu garanzija mill-Istat, it-tibdil fl-istatus tagħhom kien ikun jeħtieġ l-introduzzjoni ta' miżuri biex jippreżervaw id-drittijiet tal-kredituri. Fil-fatt mekkaniżmu bħal dan qatt ma ġie stabbilit. Għall-kuntrarju, waqt it-trasformazzjoni fl-1 ta' Jannar 1991 tal-amministrazzjoni tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet f'entità indipendenti (La Poste), l-Istat ta, permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Diċembru 1990, garanzija espliċita għad-djun kuntrattati qabel il-31 ta' Diċembru 1990 u trasferiti lil La Poste. Dan ma kienx ikun meħtieġ kieku La Poste, bħala stabbiliment meqjus bħala IPIK, kienet irċeviet garanzija statutorja mill-Istat. Ġew adottati wkoll liġijiet u regolamenti li jipprovdu għal garanzija mill-Istat lil ċerti attivitajiet tal-ERAP u tal-Aġenzija Franċiża għall-Iżvilupp, li huma żewġ IPIK.

(45) Fl-aħħar lok, l-awtoritajiet Franċiżi jikkwotaw artiklu [34] tas-Sur Labetoulle, li kien il-President tat-taqsima tal-litigazzjoni tal-Conseil d'Etat. Skont is-Sur Labetoulle, "fil-liġi, mhemm l-ebda awtomatiċità fl-għoti, il-benefiċċju u l-firxa ta' din il-garanzija [garanzija mill-Istat li tapplika awtomatikament għall-istabbilimenti pubbliċi tal-Istat]."

##### B. ***Ir-raġunament tal-Kummissjoni rigward l-eżistenza ta' garanzija huwa żbaljat*** [35]

(a) **Ir-rimbors ta' krediti individwali mhuwiex garantit**

1. *Il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ma tistabbilixxix garanzija*

(46) Skont l-awtoritajiet Franċiżi [36], il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tagħti lill-awtorità regolatorja setgħa ta' sostituzzjoni lill-eżekuttiv tal-persuna li qiegħda tissostitwixxi. Bħala tali, it-tutela tista' teżerċita biss il-kompetenzi ta' dan l-eżekuttiv, li ma jinkludux il-possibbiltà tad-disponibbiltà tal-baġit Statali. Il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ma tipprovdix għalhekk l-obbligu tal-Istat li juża r-riżorsi tiegħu stess.

(47) Biex jappoġġaw din l-interpretazzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jikkwotaw ix-xogħol preparatorju għal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980. Waqt dawn id-diskussjonijiet, il-gvern kien oġġezzjona għall-emendi li kienu jobbligaw lill-Istat iħallas sussidju speċjali lil awtorità lokali li r-riżorsi tagħha ma jkunux suffiċjenti sabiex timplimenta deċiżjoni tal-qorti.

(48) L-awtoritajiet Franċiżi jirreferu wkoll għal artikli akkademiċi [37]. Dawn l-artikli jfakkru li l-espressjoni "tipprovdi" imsemmija fl-ewwel Artikolu tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tirreferi għal setgħa "alternattiva", li fiha "huwa prinċipju li s-sostitwent ikollu l-istess kompetenzi tas-sostitut", l-għoti ta' sussidju speċjali jaqa' wkoll "barra l-eżerċizzju ta' setgħa alternattiva" u għaldaqstant mhux previst mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980.

(49) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jikkwotaw id-deċiżjonijiet tal-Conseil d'Etat tal-10 ta' Novembru 1999 ([38]) u tat-18 ta' Novembru 2005 ([39]) rigward il-kawża *Campoloro*. Il-Conseil d'Etat ikkunsidra li s-sostituzzjoni finanzjarja tal-Istat tal-grupp li falla ma kinitx fil-lista tal-obbligi imposti mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980. Barra minn hekk, meta eżamina jekk kienx il-każ li jitlob ir-responsabbiltà tal-Istat fuq il-bażi ta' tort – li barra minn hekk kien kbir -, il-Conseil d'Etat fil-prinċipju eskluda kull forma ta' responsabbiltà "*ex officio*" u għalhekk kwalunkwe forma ta' garanzija.

2. *Ma tistax tiġi invokata r-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat minħabba n-nuqqas ta' assi biss*

(50) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jgħidu li l-possibbiltajiet ta' kumpens miftuħa permezz tal-involviment tar-responsabbiltà, f'kundizzjonijiet restrittivi, lill-kredituri ta' stabbilimenti pubbliċi ma jistgħux jitqiesu bħala forma ta' garanzija. Il-garanzija titlob li l-garanti jassumi l-azzjonijiet tal-garantit. Jekk wieħed jassumi żball jew, fil-każ ta' responsabbiltà mingħajr tort, il-konsegwenzi ta' azzjoni proprja, ma jistax ikun hemm garanzija.

(51) Imbagħad l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li f'kull każ, ir-responsabbiltà tal-Istat ma tistax tiġi invokata biss minħabba li l-Prefett jew l-awtorità regolatorja ma setgħet tieħu l-ebda azzjoni li tippermetti rimbors tad-dejn minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja u l-assi tal-awtorità jew tal-istabbiliment pubbliku.

(52) Fuq il-bażi ta' tort – ikun kemm ikun kbir -, fl-ewwel lok, l-astensjoni tal-Prefett jew tal-awtorità regolatorja li timplimenta s-setgħat tagħha meta l-ebda miżura ma tippermetti r-rimbors tad-djun mill-awtorità jew l-istabbiliment pubbliku ma tistax tkun inkorretta fiha nfisha.

(53) Fil-każ ta' responsabbiltà mingħajr tort, mill-inqas żewġ elementi jwasslu biex din tkun eskluża:

— L-ewwel nett, ir-responsabbiltà tal-persuna li lilha qed jintalab kumpens tista' tinħoloq biss jekk il-fatt (inkluż l-astensjoni) attribwit lilha kien il-kawża diretta tal-ħsara. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' assi suffiċjenti, ma jkunx l-att jew l-astensjoni tal-awtorità amministrattiva li hija l-kawża tal-ħsara mġarrba mill-kreditur, iżda l-insolvibbiltà tal-awtorità jew tal-istabbiliment pubbliku.

— Fit-tieni lok, ir-responsabbiltà mingħajr tort tirriżulta mill-prinċipju ta' ugwaljanza quddiem l-obbligazzjonijiet pubbliċi. Madankollu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, f'dan il-każ, huwa diffiċli li wieħed jiddistingwi b'liema mod il-ħsara mġarrba mill-kredituri tista' tirriżulta minn tqassim mhux ugwali tal-obbligazzjonijiet pubbliċi. Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-kawża li wasslet għall-ġurisprudenza Couitéas ([40]), f'dan il-każ, l-ebda awtorità tal-Istat ma tiddeċiedi li ma tipproċedix bit-twettiq tas-sentenza għal raġunijiet ta' interess ġenerali. Iċ-ċirkustanzi huma dawk li fihom l-awtorità pubblika jkollha tiffaċċja l-impossibbiltà prattika li tieħu miżuri sabiex timplimenta d-deċiżjoni tal-qorti u tħallas lura lill-kredituri, u mhux impossibbiltà għal raġunijiet ta' rekwiżiti ta' interess ġenerali. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-invokazzjoni tar-responsabbiltà minħabba ksur tal-ugwaljanza quddiem l-obbligazzjonijiet pubbliċi ma tistax tirriżulta mis-sempliċi konstatazzjoni tal-falliment. Rigward l-argument ippreżentat mill-Kummissjoni fil-premessa 59 tad-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha li "jekk ir-rappreżentant tal-Istat jagħżel iż-żamma tal-kontinwità tas-servizz pubbliku minflok id-dritt tal-kreditur li jara d-dejn tiegħu mħallas, ma jistax ikun eskluż li tintalab ir-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat", l-awtoritajiet Franċiżi jirrikonoxxu li l-ħtieġa tal-kontinwità tas-servizz pubbliku hija importanti għar-rappreżentant tal-Istat fit-twettiq tal-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980. Madankollu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, anki jekk l-imħallef jordna l-kumpens lill-kredituri, tali kumpens ikollu l-effett li jpoġġi lill-kreditur fis-sitwazzjoni li kien ikun fiha fil-liġi komuni, minħabba li, f'dan il-każ, il-proprjetà inkwistjoni kienet tinbiegħ u l-grupp ta' kredituri kienu jieħdu l-ammont korrispondenti. Għaldaqstant ma jkun hemm l-ebda vantaġġ għall-kredituri.

(b) **[…]** (*)

1. *In-nuqqas ta' applikabbiltà tal-proċedura ta' rkupru u ta' likwidazzjoni tal-liġi komuni għall-istabbilimenti pubbliċi ma jeskludix il-possibbiltà ta' falliment ta' IPIK jew ta' proċedura ta' falliment kontriha*

(54) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni qiegħda tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-Komunikazzjoni tagħha tas-sena 2000 dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji ([41]), u b'mod partikolari il-punt 2.1.3 tagħha, li jipprovdi li "Il-Kummissjoni tqis ukoll bħala għajnuna fil-forma ta' garanzija il-kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli miksuba mill-kumpaniji li l-istatut legali tagħhom jeskludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' falliment jew insolvenza jew jipprovdi b'mod espliċitu garanzija mill-Istat jew kopertura tat-telf mill-Istat".

(55) Filwaqt li jinnutaw li r-regoli tat-Trattat jissuperaw il-Komunikazzjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji, l-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw żewġ elementi li, fil-fehma tagħhom, ineħħu l-applikabbiltà tiegħu għal din il-Komunikazzjoni f'dan il-każ:

— il-Komunikazzjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji tenfasizza l-fatt li l-għajnuna possibbli tirriżulta minn "kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli" li jkunu attribwibbli għall-esklużjoni tal-possibbiltà ta' proċedura ta' falliment; madankollu il-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza ta' tali "kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli";

— il-Komunikazzjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji tirreferi għall-każ fejn l-istatus legali jeskludi kull proċedura ta' falliment jew ta' insolvenza u mhux xi proċedura partikolari; madankollu l-Kummissjoni ma stabbilixxitx li La Poste ma tistax tfalli, lanqas li l-ebda proċedura ta' insolvenza ma hija possibbli.

(56) Madankollu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-Liġi tal-25 ta' Jannar 1985 hija biss liġi ta' proċedura. Il-fatt li l-IPIK ma jidħlux fl-ambitu ta' applikazzjoni tagħha ma jfissirx li IPIK ma tistax issib ruħha f'sitwazzjoni ta' sospensjoni tal-pagamenti, u lanqas ma tipprojbixxi l-implimentazzjoni kontra tagħha ta' proċedura ta' riorganizzazzjoni, likwidazzjoni jew falliment *ad hoc*.

2. *L-applikazzjoni tal-"proċedura" stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, minflok il-liġi tal-falliment, ma tagħti l-ebda vantaġġ lill-kreditur*

(57) Wara analiżi tal-premessa 68 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li l-Kummissjoni tuża żewġ kriterji sabiex tevalwa jekk l-applikazzjoni ta' proċedura speċifika f'każ ta' insolvenza tagħtix vantaġġ lill-entità soġġetta għal din il-proċedura fir-rigward tal-intrapriżi soġġetti għal-liġi kummerċjali:

— kriterju ta' reklamar: il-proċedura li tiġi segwita f'każ ta' insolvenza ta' La Poste għandha tkun definita u magħmula pubblika;

— kriterju ta' ekwivalenza: din il-proċedura għandha tkun jew il-proċedura tal-liġi privata, jew proċedura li tagħti lill-kredituri ta' La Poste drittijiet li ma jkunux akbar minn dawk li jkollhom taħt il-liġi kummerċjali.

(58) Għalkemm l-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw il-ħtieġa tar-rispett ta' dawn iż-żewġ kriterji ([42]), peress li dawn il-kriterji jitqiesu bħala neċessarji u suffiċjenti mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi għażluhom sabiex janalizzaw jekk l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tagħtix vantaġġ lill-kredituri tal-kumpaniji soġġetti għal-liġi tal-falliment.

(59) F'dak li jirrigwarda l-kriterju tar-reklamar, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li l-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 hija identifikata b'mod korrett mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni bħala li hija applikabbli fil-każ ta' insolvenza ta' IPIK, kif jirriżulta mill-punti tal-aġenziji msemmija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-ERAP.

(60) F'dak li jirrigwarda l-kriterju ta' ekwivalenza, l-awtoritajiet Franċiżi jiddistingwu bejn il-każ fejn ħtieġa ta' kontinwità ta' servizz pubbliku tkun applikabbli u l-każ fejn tali ħtieġa ma tkunx applikabbli.

(i) il-"proċedura" stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 analizzata mill-angolu ta' prova ta' ekwivalenza – minbarra ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku

(61) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, jekk La Poste ma tkunx f'sitwazzjoni li tħallas lura d-djun tagħha u jekk l-ebda ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku ma tkun applikabbli, tiġi segwita l-proċedura li ġejja: fil-każ mhux mistenni ta' diffikultà finanzjarja u ppruvata u qabel ma tasal għal sitwazzjoni ta' nuqqas ta' assi, il-kumpanija jkollha tidħol f'negozjati mal-kredituri tagħha sabiex tistabbilixxi pjan ta' razzjonalizzazzjoni tad-djun. Imbagħad, jekk il-pjan ma jitqiesx sodisfaċenti jew jekk ma jippermettix li jintemmu d-diffikultajiet finanzjarji, u fl-assenza ta' ftehim ġdid mal-kredituri, dawn – jew xi whud minnhom – jistgħu jitolbu lill-imħallef kompetenti l-kundanna tad-debitur u għalhekk jiġi rikonoxxut il-kreditu tagħhom. Il-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 għandha tkun implimentata. Din tista' twassal, jekk ikun il-każ, sabiex l-awtorità regolatorja tiegħu post l-eżekuttiv ta' La Poste biex tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għall-ħlas tad-djun tagħha fuq ir-riżorsi tal-istabbiliment. Jekk il-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tiskopri nuqqas ta' assi ta' La Poste, u jekk ma jkunx fiżikament possibbli għall-awtorità regolatorja, minħabba li ma jkollhiex aktar assi xi tbiegħ, li toħloq ir-riżorsi meħtieġa għall-ħlas tas-somma dovuta, il-proċedura prevista mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tintemm.

(62) Għalhekk, skont l-awtoritajiet Franċiżi, fil-każ fejn l-ebda ħtieġa ta' servizz pubbliku ma hija applikabbli, l-applikazzjoni tal-"proċedura" stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tista' twassal għar-realizzazzjoni tal-assi kollha ta' La Poste, iżda, f'każ ta' nuqqas ta' assi, din il-proċedura ma tippermettix li jitħallsu l-kredituri kollha ta' La Poste.

Fl-aħħar tal-proċedura, il-kredituri ta' entità soġġetta għal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, meħuda flimkien, kienu jirkupraw l-istess ammont tal-kredituri ta' entità soġġetta għal-liġi kummerċjali, jiġifieri l-ammont li jirriżulta mir-realizzazzjoni tal-assi.

(63) Din il-proċedura hija differenti mill-proċedura applikabbli fil-liġi kummerċjali f'żewġ aspetti biss:

— in-nuqqas ta' trattament tal-kredituri f'daqqa: għall-kuntrarju tal-proċedura tal-liġi privata li fiha d-djun jiġu pproċessati f'daqqa u l-kredituri jitħallsu f'ordni dixxendenti ta' privileġġ u fil-proporzjon tal-ammonti disponibbli, il-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 hija differenti minħabba li l-azzjoni tal-kreditur biss tippermetti li jżomm id-drittijiet tiegħu. Il-loġika tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 hija dik ta "jinqeda l-ewwel, min jiġi l-ewwel";

— huwa r-rappreżentant tal-Istat li, taħt is-sorveljanza tal-imħallef amministrattiv (sorveljanza tal-imġiba ħażina kif stabbilit mill-Conseil d'Etat fid-deċiżjoni *Campoloro* msemmija ta' Novembru 2005), iwettaq funzjoni ekwivalenti għal dik tal-likwidatur u tal-amministratur ġudizzjarju.

(64) L-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li wara l-proċedura, il-kredituri ma jkollhom l-ebda rikors. Fil-fatt, skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-Istat ma jistax jinżamm responsabbli fuq il-bażi biss ta' nuqqas ta' assi. Bl-istess mod, fil-proċedura tal-liġi privata, il-kredituri "ma jirkuprawx id-dritt tagħhom ta' proċedura individwali", ħlief għal xi eċċezzjoni, wara l-likwidazzjoni ġudizzjarja ([43]).

(ii) Il-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 analizzata mill-angolu tat-test ta' ekwivalenza bil-kunsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku.

(65) F'każ li l-kontinwità tas-servizz pubbliku għandha tkun assigurata, l-awtoritajiet Franċiżi, jammettu li r-rappreżentant tal-Istat, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, jista' jiddeċiedi li ma jbiegħx ċerti assi meħtieġa għat-twettiq ta' kompitu ta'servizz pubbliku. In-nuqqas ta' trasferiment ta' ċerti assi, għal raġunijiet li jirrigwardaw il-kontinwità tas-servizz pubbliku, jirriżulta, jekk ma jkunx soġġett għal kumpens mill-Istat, f'realizzazzjoni aktar baxxa tal-assi u fi tnaqqis korrelattiv tal-ammonti rekuperabbli mill-kredituri. Il-proċedura ma tagħtix lill-kredituri ta' La Poste drittijiet superjuri għal dawk li jkollhom taħt il-liġi kummerċjali. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-kriterju ta' ekwivalenza mressaq mill-Kummissjoni huwa *a fortiori* ssodisfat.

(66) L-awtoritajiet Franċiżi jammettu madankollu li f'dan il-każ, ir-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat tkun soġġetta li tiġi invokata u li tirriżulta f'kumpens lill-kredituri li jammonta għad-danni li jkunu sofrew, jiġifieri l-valur tas-suq tal-assi li r-rappreżentant tal-Istat ikun iddeċieda b'mod legali li ma jbiegħx. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan il-kumpens possibbli xorta waħda ma jkollu l-ebda effett ieħor għajr li jpoġġi lill-kredituri fis-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-liġi komuni u għaldaqstant ma tkunx tista' tagħtih, skont it-test ta' ekwivalenza, drittijiet superjuri għal dawk li jista' jkollu taħt il-liġi komuni.

(67) L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li l-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tissodisfa l-kriterji ta' ekwivalenza u ta' reklamar imressqa mill-Kummissjoni u li huma biżżejjed sabiex jeskludu l-eżistenza ta' benefiċċju. Huma jikkunsidraw għalhekk li mhuwiex ġustifikat li La Poste tkun soġġetta direttament għall-proċedura rigoruża u kumplessa, tal-liġi komuni.

3. *Id-dokumenti kkwotati mill-Kummissjoni dwar xi jsir mill-obbligi wara l-eżawriment tar-riżorsi tal-istabbiliment mhumiex applikabbli għal La Poste*

(68) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, id-dokumenti msemmija mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' ftuħ, b'mod speċjali fil-premessa 69, mhumiex applikabbli, lanqas trasponibbli għal La Poste.

3.1.2. EBDA VANTAĠĠ

(69) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-analiżi tal-Kummissjoni rigward l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv tiżvolġi tul żewġ angoli:

— argument ċirkolari ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji;

— analiżi tal-impatt probabbli tal-miżura allegata fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

A. ***Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji ma tissuġġerixxix l-eżistenza ta' vantaġġ f'dan il-każ***

(70) L-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li fil-punt 77 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni għamlet żball ta' interpretazzjoni tal-premessa 2.1.3 tal-Komunikazzjoni tas-sena 2000 dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-punt 2.1.3 jimplika li fil-każ ta' kumpanija li l-istatus legali tagħha jipprekludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' falliment jew ta' insolvenza, jekk din il-kumpanija tirċievi kundizzjonijiet ta' kreditu

aktar favorevoli, dawn jitqiesu bħala għajnuna fil-forma ta' garanzija. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, fil-punt 2.1.3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji xejn ma jindika li l-Kummissjoni tikkunsidra li l-fatt li l-istatus legali ta' kumpanija jeskludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' falliment neċessarjament iwassal sabiex din il-kumpanija tibbenefika minn kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar favorevoli.

(71) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jikkunsidraw li La Poste ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 2.1.3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-sena 2000 rigward l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji minħabba li din tal-aħħar hija maħsuba għall-każ fejn l-istatus legali jeskludi kwalunkwe proċedura ta' falliment jew ta' insolvenza u mhux xi proċedura partikolari. Madankollu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni ma stabbilixxitx li La Poste ma setgħetx tiddikjara falliment, lanqas li ma kienet applikabbli l-ebda proċedura ta' insolvenza.

B. ***Nuqqas ta' responsabbiltà u ta' riżorsi tal-Istat***

(72) Fil-premessa 79 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni tfakkar l-influwenza li għandhom l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq il-kundizzjonijiet ta' kreditu miksuba mill-kumpaniji.

(73) Wara li fakkru n-nuqqasijiet tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-pożizzjoni ta' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, meta ma tkunx taħt tensjoni minn analiżi eżatta tal-qafas legali fis-seħħ, ma tistabbilixxix vantaġġ attribwibbli lill-Istat li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, anki jekk din l-evalwazzjoni tiftaħ fil-prattika aċċess vantaġġjuż għall-kreditu għal IPIK, dan ma jagħtihiex fid-dritt u fil-prattika l-ebda aċċess għal riżorsi tal-Istat, li huwa meħtieġ sabiex jirrappreżenta għajnuna mill-Istat.

(74) L-awtoritajiet Franċiżi jkomplu jgħidu li l-analiżi tal-aġenziji ma jibbażawx fuq pjan legali oġġettiv iżda fuq evalwazzjoni soġġettiva ta' xi jkun l-għajnuna tal-Istat f'każ ta' diffikultà tal-kumpanija kkunsidrata.

C. ***Ċirkolarità tar-raġunament***

(75) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, ir-raġunament tal-Kummissjoni huwa ċirkolari:

— il-Kummissjoni qiegħda tibbaża primarjament fuq ix-xhieda tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu biex tistabbilixxi vantaġġ ekonomiku;

— is-suq u l-aġenziji ta' klassifikazzjoni integraw in-nuqqas ta' garanzija mill-Istat fuq La Poste, iżda jkomplu jesprimu dubju li ġej biss mill-pożizzjoni espressa tal-Kummissjoni.

D. ***Nuqqas ta' effett fuq il-klassifikazzjoni ta' La Poste***

(76) F'kull każ, skont l-awtoritajiet Franċiżi, id-deċiżjoni ta' ftuħ ma tistabbilixxix li l-klassifikazzjoni ta' La Poste hija ogħla minħabba allegata garanzija illimitata mill-Istat.

(a) **It-twemmin tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni mhuwiex biżżejjed sabiex jistabbilixxi xi effett**

(77) L-awtoritajiet Franċiżi jifformulaw bosta osservazzjonijiet rigward l-istudju ta' Standard and Poor's intitolat "*Influence of Government Support on Ratings*", ikkwotat mill-Kummissjoni fil-premessa 80 tad-deċiżjoni ta' ftuħ. F'dan l-istudju, Standard and Poor's jagħmlu distinzjoni bejn diversi kategoriji ta' *"kumpaniji postali mgħejuna mill-gvern"*; il-klassifikazzjoni tiddetermina l-metodoloġija li jużaw Standard and Poor's sabiex jiddeterminaw il-grad tal- istabbiliment msemmi.

(78) L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li l-appartenenza għall-kategorija 1 ([44]) twieġeb għal kriterji wiesgħa, bħat-tip ta' attività jew l-ambjent ekonomiku u soċjali, iżda ma tagħmilx referenza għall-istatus tal-operatur ikklassifikat.

(79) L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li fit-22 ta' Novembru 2004, il-posta Franċiża u l-posta Taljana kienu kklassifikati fil-kategorija 2 ([45]). L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu mid-dokument ta' Standard and Poor li l-prestazzjonijiet finanzjarji tal-Poste Italiane ma kienux jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni tal-posta Taljana. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-posta Taljana kienet qiegħda tgawdi klassifikazzjoni influwenzata minn dik tas-sid tagħha, u dan minkejja l-fatt li Poste Italiane kellha status ta' SpA ta' dritt komuni.

(80) L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li Standard and Poor's finalment ikklassifikaw La Poste fit-3 kategorija ([46]). Skont l-awtoritajiet Franċiżi, ir-riformi kbar li saru mill-aħħar tal-2004 gradwalment wasslu lil Standard and Poor's sabiex jikklassifikaw lil La Poste f'din it-tielet kategorija. L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu minn dan li ma jistax jintwera li l-klassifikazzjoni ta' La Poste hija attribwibbli għall-istatus tagħha biss jew għal xi mekkaniżmu ta' garanzija mill-Istat, u li din il-klassifikazzjoni tista' tirrappreżenta għajnuna mill-Istat.

(81) L-awtoritajiet Franċiżi jammettu madankollu li l-istudju ta' Standard and Poor's tal-2004 kien iqajjem il-kwistjoni tal-istatus ta' La Poste. Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi jassiguraw li d-diskussjonijiet li kellhom minn dakinhar ma' Standard and Poor's iċċaraw il-kwistjoni. L-awtoritajiet Franċiżi avżaw lil Fitch ukoll dwar in-nuqqas ta' xi garanzija mill-Istat fuq La Poste, u wara dan l-aġenzija weghdet li tikkunsidra l-kwistjoni mill-ġdid.

(b) **L-isfera privata fiha abbondanza ta' każijiet fejn il-klassifikazzjoni ta' kumpanija sussidjarja tkun marbuta ma' dik tal-kumpanija prinċipali**

(82) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-influwenza tal-preżenza ta' azzjonist maġġoritarju u stabbli, li ġiet innutata mill-aġenziji ta' klassfikazzjoni fil-każ ta' Poste Italiane indipendentement minn kwalunkwe karatteristika statutorja, tinsab fil-każ tal-gruppi privati. L-awtoritajiet Franċiżi jikkwotaw bħala eżempji komunikazzjoni ta' Standard and Poor's tat-3 ta' Diċembru 2003 rigward l-AGF ([47]), komunikazzjoni rigward Volkswagen Bank GmbH ([48]) u komunikazzjoni rigward VWFS ([49]). Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan it-tip ta' approċċ fl-ebda każ ma jikkostitwixxi xi karatteristika tas-settur pubbliku.

(c) **Il-klassifikazzjoni ta' La Poste ma tinbidilx f'każ li jinbidel l-istatus**

(83) Permezz tal-analiżi tal-klassifikazzjoni ta' La Poste minn Standard and Poor's, l-awtoritajiet Franċiżi jippruvaw juru li din il-klassifikazzjoni ma tiddependix mill-istatus ta' La Poste.

(84) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li meta fformulaw il-kummenti tagħhom, Standard and Poor's taw lil La Poste il-klassifikazzjoni AA- flimkien ma' perspettiva stabbli. Standard and Poor's iġġustifikaw it-tnaqqis fil-klassifikazzjoni permezz tat-tnaqqis futur tal-istruttura finanzjarja tal-grupp marbut mal-ħlas minn La Poste ta' 2 biljun Euro għar-riforma tal-finanzjament tal-pensjonijiet tal-impjegati, kif ukoll permezz ta' "żieda fl-awtonomija ta' La Poste fil-konfront tal-azzjonist tagħha". Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan it-tnaqqis, li ma seħħx minħabba xi tibdil fl-istatus ta' La Poste, ma jistax jiġi spjegat kieku l-klassifikazzjoni ta' La Poste kienet biss konsegwenza tal-istatus tagħha.

(85) Fit-tieni lok, minkejja d-dettall ([50]) ta' Standard and Poor's fin-nota tagħhom tat-3 ta' April 2007 u kkwotata fil-punt 84 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, l-awtoritajiet Franċiżi jarawha diffiċli kif La Poste, li kieku kienet tgawdi xi garanzija mill-Istat, setgħet tiġi kklassifikata 3 *notches* taħt il-klassifikazzjoni tal-Istat. Bl-istess mod, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 kienu interpretati mill-aġenziji bħala li jistabbilixxu għall-benefiċċju tal-kredituri ta' stabbilimenti taħt mekkaniżmu simili għal garanzija mill-Istat, l-awtoritajiet Franċiżi ma jistgħux jifhmu kif awtoritajiet lokali jistgħu jiġu kklassifikati BBB+, meta l-klassifikazzjoni sovrana hija AAA.

(86) Fit-tielet lok, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-klassifikazzjoni ta' Standard and Poor's tat-3 ta' April 2007 tibbaża fuq lista ta' saħħiet u dgħufijiet tal-kumpanija, li ma tinkludix l-istatus. Iż-żewġ elementi li jsemmu Standard and Poor's bħala appoġġ għall-klassifikazzjoni, jiġifieri l-importanza ekonomika tal-kompiti ta' servizz pubbliku ta' La Poste u "*is-sostenn qawwi tal-azzjonisti*", huma elementi differenti mill-istatus ta' La Poste. Fil-fatt, skont l-awtoritajiet Franċiżi, b'"sostenn qawwi tal-azzjonisti", wieħed m'għandux jifhem appoġġ finanzjarju kontra l-Liġi tal-Unjoni, iżda l-interess fl-iżvilupp ta' La Poste mill-Istat f'kundizzjonijiet "*at arm's length*" (indipendenti) ([51]). L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu minn dan li l-istatus mhuwiex element essenzjali tal-klassifikazzjoni.

(87) Fir-raba' lok, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li f'din l-istess nota tat-3 ta' April 2007, l-aġenzija ta' klassifikazzjoni ċċarat li hija qiegħda tkompli ssegwi metodoloġija *top down*, li tippermetti l-klassifikazzjoni ta' stabbiliment sa żewġ kategoriji taħt is-sovran. Skont l-aġenzija, din il-metodoloġija hija ġġustifikata mill-fatt li l-Istat għandu jibqa' azzjonist 100 % ta' La Poste fuq żmien medju. L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu minn dan li dan l-approċċ mhuwa bl-ebda mod iġġustifikat mill-istatus ta' La Poste. Fl-aħħar nett, fuq bażi ta' kwotazzjoni ta' Standard and Poor's ([52]), l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li mhuwiex it-tibdil tal-istatus, iżda ftuħ tal-kapital li jwassal lil Standard and Poor's sabiex jadottaw metodoloġija *bottom up* fil-każ ta' La Poste. Huma jkomplu jgħidu li tali tibdil fil-metodoloġija ma jirriżultax neċessarjament f'tibdil fil-klassifikazzjoni meta wieħed jikkunsidra t-titjib mistenni mill-fundamentali ta' La Poste.

(88) Fil-ħames lok, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li l-perspettiva ffissata mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni hija stabbli, minkejja l-proċedura miftuħa mill-Kummissjoni kontra l-garanzija Statali mingħajr limitu li La Poste qiegħda tibbenefika minnha minħabba l-istatus tagħha. Madankollu, kieku l-istatus kellu influwenza fuq is-solvenza tal-kumpanija, il-perspettiva tat-tibdil tiegħu kienet tirriżulta f'perspettiva negattiva u mhux stabbli. Barra minn hekk, Standard and Poor's jiġġustifikaw il-perspettiva stabbli permezz tal-fatt li l-Istat għandu jibqa' azzjonist sa 100 % tal-kumpanija fis-sentejn li ġejjin, u dan, minkejja tibdil possibbli fl-istatus. Abbażi ta' kwotazzjoni oħra ta' Standard and Poor's ([53]), l-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li hija l-prestazzjoni nnifisha tal-kumpanija, kif ukoll il-possibbiltà ta' tibdil fil-proprjetà azzjonista, li huma kkunsidrati minn Standard and Poor's sabiex jiddeterminaw it-tibdil tal-klassifikazzjoni u mhux bidla possibbli fl-istatus.

(89) Fis-sitt lok, waqt li jikkwotaw silta oħra min-nota ta' Standard and Poor's tal- 2007 ([54]), l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-aġenzija ta' klassifikazzjoni ma tikkunsidrax l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-istatus iwassal għal titjib fil-kundizzjonijiet finanzjarji mogħtija lil La Poste. Abbażi tal-kwotazzjoni ta' Standard and Poor's li: "Il-klassifikazzjoni ta' La Poste ma kinitx affettwata minn din ir-rakkomandazzjoni minħabba li aħna nqisu li bidla fl-istatus ta' La Poste ma tirriflettix neċessarjament tnaqqis tal-appoġġ qawwi tal-Istat sottostanti għall-klassifikazzjoni ta' La Poste u li ġie kkonfermat mill-ġdid permezz ta' deċiżjonijiet reċenti tal-gvern" ([55]), l-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li mhemmx influwenza tal-istatus ta' La Poste fuq il-klassifikazzjoni tagħha.

E. ***Nuqqas ta' effett fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' La Poste***

(90) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jeżaminaw il-kundizzjonijiet ta' finanzjament effettivi ta' La Poste sabiex jiddeterminaw jekk humiex affettwati minn allegata garanzija mill-Istat.

(91) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, kemm l-aħbar tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' garanzija allegata, tal-allegat nuqqas ta' kompatibbiltà tagħha mal-liġi tal-Unjoni u t-tneħħija tagħha konsegwentement, kif ukoll iċ-ċaħdiet tal-awtoritajiet Franċiżi dwar l-eżistenza tal-garanzija magħmula lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni u lill-istampa, ma kellhom l-ebda impatt fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' La Poste. Għalhekk La Poste ħarġet self-bond ta' 1,8 biljun Euro fuq żewġ maturitajiet, 7 u 15-il sena, f'Ottubru 2006, eżatt wara li l-Kummissjoni ħabbret ir-rakkomandazzjoni tagħha ta' miżuri xierqa. La Poste semmiet din ir-rakkomandazzjoni fil-prospett tagħha u enfasizzat, waqt it-taħditiet mal-investituri, li ma kinitx qiegħda tibbenefika mill-garanzija tal-Istat. Madankollu, wara dan il-ħruġ, l-ispiża ta' finanzjament ta' La Poste ma nbidlitx b'mod sinifikanti ([56]). Iż-żewġ ħarġiet ġew sottoskritti b'mod wiesgħa, minn investituri Ewropej bi profil tipiku għal La Poste, jiġifieri investituri li jżommu t-titoli tagħhom sal-maturità. L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li l-aħbar tal-Kummissjoni li kienet titlob it-tneħħija tal-garanzija allegata u r-reklamar li sar f'dak li jirrigwarda l-pożizzjoni tal-Istat dwar din il-kwistjoni ma kellhom l-ebda impatt fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' La Poste fuq is-suq tal-bonds. Is-swieq jikkunsidraw fil-fatt li l-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' La Poste mhumiex ibbażati fuq l-eżistenza legali, jew fattwali, ta' xi garanzija.

(92) L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li:

— l-analiżi żviluppata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ ta' proċedura tagħha hija żbaljata: La Poste fil-fatt ma tibbenefika minn l-ebda garanzija mill-Istat;

— Il-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza ta' vantaġġ għal La Poste li ġej mill-istatus tagħha;

— għalhekk il-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza ta' għajnuna favur La Poste.

3.2. *PROPOSTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI*

(93) Madankollu, sabiex iwarrbu kull dubju li jista' jkollha l-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li kienu lesti, jekk il-Kummissjoni taċċetta li ttemm il-proċedura permezz ta' deċizjoni ta' nuqqas ta' għajnuna skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' proċedura, li jimplimentaw il-miżuri li ġejjin:

— kjarifika tad-Digriet li jimplimenta l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980;

— l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni li tindika n-nuqqas ta' garanzija fil-kuntratti ta' La Poste li jinvolvu dejn;

— mezz ta' retroċessjoni minn La Poste għall-Istat ta' effett negattiv possibbli fuq il-firxa li tkun marbuta man-nuqqas ta' sottomissjoni ta' La Poste għall-proċeduri kollettivi tal-liġi komuni.

3.2.1. KJARIFIKA TAD-DIGRIET LI JIMPLIMENTA L-LIĠI TAS-16 TA' LULJU 1980

(94) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, dan ma jinvolvix it-tibdil tas-sustanza tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni iżda biss li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tagħhom. Huma jipproponu wkoll li jemendaw id-Digriet li jimplimenta l-liġi ([57]). L-emenda tirrigwarda r-raba' paragrafu tal-Artikolu 3-1 tad-digriet li jorganizza s-setgħa regolatorja mogħtija lill-Prefett jew lill-awtorità regolatorja. L-emenda għandha tneħħi kull dubju mill-perspettiva tal-Kummissjoni rigward l-ambitu tat-terminu "jipprovdi" ("*y pourvoit*"). Għalhekk huwa propost li jiġi ċċarat li r-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja tipprovdi r-riżorsi fi ħdan il-baġit tal-korp jew tal-istabbiliment.

(95) Kif emendata, id-dispożizzjoni tad-Digriet issir:

"Meta l-avviż jibqa' mingħajr effett sal-iskadenza ta' dan it-terminu, ir-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja għandha tirreġistra n-nefqa fil-baġit tal-korp jew tal-istabbiliment pubbliku li falla. Din tipprovdi r-riżorsi meħtieġa, jekk ikun il-każ, *fil-baġit tal-korp jew tal-istabbiliment* jew billi tnaqqas krediti allokati għal spejjeż oħrajn u li għadhom jistgħu jintużaw, jew billi żżid ir-riżorsi" (emendi mmarkati bil-korsiv).

(96) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, din il-proposta, flimkien mal-kummenti u l-artikli akkademiċi trasmessi waqt diskussjonijiet qabel l-ittra ta' ftuħ, teskludi li, skont il-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, il-Prefett jew ir-rappreżentant tal-Istat jista' jżid ir-riżorsi tal-korp jew tal-istabbiliment kkonċernat permezz ta' sussidju mill-Istat jew użu ta' riżorsi pubbliċi.

3.2.2. L-INKLUŻJONI TA' DIKJARAZZJONI LI TINDIKA N-NUQQAS TA' GARANZIJA FIL-KUNTRATTI TA' LA POSTE LI JINVOLVU DEJN

A. ***Il-proposta inizjali tal-awtoritajiet Franċiżi***

(97) Fil-premessa 59 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi ta' emenda tad-Digriet li jimplimenta l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 "ma teskludix li fil-każ li r-riżorsi ta' La Poste ikunu eżawriti, il-kreditur li ma jkunx kiseb ir-rimbors tas-self tiegħu minħabba l-applikazzjoni tal-Liġi tal-1980 jirrikorri għall-ġustizzja sabiex iżomm lill-Istat responsabbli fuq il-bażi ta' tqassim mhux ugwali tal-obbligazzjonijiet pubbliċi".

(98) Minkejja li l-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw li l-Istat jista' jinżamm responsabbli fuq il-bażi biss ta' insolvenza ta' La Poste, biex iwarrbu d-dubji tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jagħmlu proposta bbażata fuq l-eċċezzjoni ta' riskju aċċettat. Din l-eċċezzjoni, li tapplika kemm għas-sistema ta' responsabbiltà minħabba tort tal-Istat kif ukoll dik mingħajr tort, hija bbażata fuq il-prinċipju li d-dannu li jirriżulta minn sitwazzjoni li l-vittma jkun espona ruħu konxjament għaliha ma jintitolahx għal kumpens (ara s-sentenzi tal-*Conseil d'Etat Sille* [58] u *Meunier* [59]).

(99) Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jipproponu li jikkonfermaw uffiċjalment lill-kredituri ta' La Poste li t-talba tagħhom ma tgawdix xi garanzija tal-Istat u, li f'każ ta' insolvenza, l-Istat ma jkunx mistenni li jissostitwixxi finanzjarjament lill-kumpanija għall-ħlas tad-dejn. Informazzjoni bħal din mhijiex kontra l-liġi, minħabba li l-liġi ma tiddisponix li f'każ ta' falliment ta' La Poste, l-Istat għandu jieħu post il-kumpanija finanzjarjament sabiex iħallas id-djun tagħha.

(100) Minbarra l-kjarifika tad-digriet li jimplimenta l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, l-awtoritajiet Franċiżi jintrabtu, flimkien ma' La Poste, għal kull operazzjoni, li jdaħħlu din id-dikjarazzjoni fil-kuntratt ta' finanzjament (għal kull strument kopert minn kuntratt):

"Il-ħruġ/il-programm/is-self ma jibbenefikaw minn l-ebda garanzija ta' kwalunkwe tip, diretta u mhux diretta, minnaħa tal-Istat. F'każ ta' falliment, l-Istat mhuwiex mistenni li jieħu post La Poste finanzjarjament għall-ħlas tad-dejn".

B. ***Id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' ftuħ***

(101) Fil-premessa 61 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni semmiet dawn id-dubji rigward il-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi msemmija hawn fuq:

— l-eċċezzjoni tar-riskju aċċettat hija regola stabbilita mill-ġurisprudenza li tista' tinbidel;

— "din il-proposta, li tirriżulta mill-prinċipji fundamentali tal-liġi pubblika, permezz ta' strumenti sekondarji tal-liġi, tidher imperfetta, minħabba li dawn l-istrumenti x'aktarx li jiġu annullati faċilment f'każ ta' kunflitt";

— fl-aħħar nett, id-djun ta' La Poste mhumiex biss finanzjarji iżda wkoll kummerċjali jew ta' tip ieħor; madankollu, dawn il-każijiet mhumiex ittrattati mill-proposta supplimentari tal-awtoritajiet Franċiżi.

C. ***Elementi mqajma mill-awtoritajiet Franċiżi b'risposta għal dawn id-dubji***

(102) Kif ġie mfakkar aktar'il fuq, skont l-awtoritajiet Franċiżi, ir-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat ma tistax tkun invokata fuq il-bażi biss ta' nuqqas ta' assi ta' La Poste, minħabba li l-istabbiliment ta' responsabbiltà tal-Istat jippresupponi deċiżjoni tal-Istat li jaġixxi jew li ma jaġixxix, u li hawn wieħed jiffaċċja impossibbiltà prattika ta' azzjoni. Għalhekk il-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi għandha biss valur bħala miżura addizzjonali ta' kjarifika fil-konfront tal-kredituri, jekk il-proposta, barra minn hekk, permezz tal-eċċezzjoni ta' riskju aċċettat, tneħħi kull riskju li tiġi invokata r-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat.

(103) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-ewwel oġġezzjoni tal-Kummissjoni tikkunsidra li anki jekk il-liġi interna ta' Stat Membru ma tipprovdix dispożizzjoni, ir-riskju biss ta' tibdil fil-ġurisprudenza, jiġifieri ta' tibdil fil-liġi interna, ikun biżżejjed sabiex jistabbilixxi għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw dan ir-raġunament. Fil-fehma tagħhom, l-eċċezzjoni ta' riskju aċċettat tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tal-liġi pubblika kkonfermat ampjament mill-qrati, li qatt ma ġie kkontestat u kkummentat minn ħafna. Il-Kummissjoni ma tistax tibbaża miżura potenzjali ta' għajnuna fuq bidla possibbli tal-liġi, li f'dan il-każ hija ferm improbabbli.

(104) It-tieni oġġezzjoni tal-Kummissjoni tirrigwarda l-fatt li dawn huma strumenti tal-liġi sekondarja li huma faċilment annullabbli f'każ ta' kunflitt. Huwa minnu li l-liġi u r-regoli jipprevalu fuq il-kuntratt. Iżda biex l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni jkollha sinifikat reali, hija jkollha teċċepixxi liġi ta' grad ogħla. Madankollu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, mhemm xejn li jappoġġa l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni dwar dan il-punt.

(105) Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet Franċiżi jammettu li t-tielet oġġezzjoni, li tikkonsisti fir-rikonoxximent li l-bonds mhumiex l-uniċi strumenti li joħolqu dejn, hija rilevanti, għalkemm limitata fl-ambitu fil-każ ta' La Poste peress li d-dejn finanzjarju huwa d-dejn prinċipali ta' La Poste u fil-parti l-kbira tiegħu huwa f'bonds.

D. ***Estensjoni tal-proposta***

(106) L-awtoritajiet Franċiżi għaldaqstant iċċaraw li huma lesti, jekk il-Kummissjoni ttemm il-proċedura formali ta' investigazzjoni permezz ta' deċiżjoni ta' nuqqas ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-regoli ta' proċedura, li jestendu l-proposta ta' dikjarazzjoni bil-miktub tan-nuqqas ta' garanzija għall-kuntratti kollha li jinvolvu dejn. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, din l-estensjoni tneħħi kull riskju ta' involviment tar-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat ibbażata fuq l-insolvenza biss ta' La Poste. Barra minn hekk, il-każ ta' involviment tar-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat minħabba deċiżjoni tal-awtorità regolatorja li ma tiddisponix l-assi meħtieġa għall-kontinwità tas-servizz pubbliku jkollu biss l-effett li jpoġġi lill-kredituri ta' La Poste fl-istess sitwazzjoni li jkunu fiha kieku kienu kredituri ta' kumpanija.

E. ***L-evalwazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi tal-kwalifikazzjoni ta' għajnuna tal-miżuri wara l-proposti tagħhom***

(107) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, iż-żewġ miżuri ta' kjarifika proposti hawn fuq jinfurmaw lill-kredituri ta' La Poste dwar id-drittijiet tagħhom. Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma jistgħux jitqiesu, kif tagħmel il-Kummissjoni fil-premessa 74 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, bħala "responsabbli għall-aspettattivi li nħolqu fost il-kredituri ta' La Poste rigward l-eżistenza ta' garanzija" u li ħolqu volontarjament "sitwazzjoni legali opaka" li tista' twassal sabiex l-Istat "ikun obbligat li jħallas lura d-djun ta' La Poste jekk din ma tkunx aktar f'pożizzjoni li twettaq l-impenji tagħha".

(108) Fil-fatt, skont l-awtoritajiet Franċiżi, minn naħa, in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' La Poste għal-liġi tal-falliment u s-sottomissjoni tagħha għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ma jissuġġerixxux l-eżistenza ta' garanzija mill-Istat; min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' kjarifika proposti jneħħu kull responsabbiltà tal-Istat fil-konvinzjoni allegata tas-suq dwar din il-garanzija.

(109) F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ebda effett possibbli ma jista' jiġi attribwit lill-Istat. Il-kriterju ta' responsabbiltà għalhekk mhuwiex sodisfatt, kontra dak li ssostni l-Kummissjoni fil-premessa 76 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ.

(110) Bl-istess mod, il-premessa 75 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, li fih il-Kummissjoni tirreferi għall-Komunikazzjoni tagħha tas-sena 2000 dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji msemmija sabiex tiġġustifika l-preżenza ta' riżorsi tal-Istat, ma jibqax validu peress li l-ebda fatt ma jappoġġa l-eżistenza ta' garanzija mill-Istat.

3.2.3. SISTEMA TA' RETROĊESSJONI

(111) Biex jissupplimentaw il-proposta, l-awtoritajiet Franċiżi huma lesti li jiddiskutu din l-istrateġija flimkien mal-Kummissjoni.

(112) L-istrateġija proposta tirriżulta mill-analiżi tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-paragrafu 2.1.3 tal-Komunikazzjoni tagħha tas-sena 2000 dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji: "Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll bħala għajnuna fil-forma ta' garanzija t-termini ta' finanzjament aktar favorevoli akkwistati minn intrapriżi li l-forma legali tagħhom teskludi proċeduri ta' falliment jew proċeduri oħra ta' insolvenza jew tipprovdi b'mod espliċitu garanzija jew kopertura tat-telf mill-Istat." Bl-istess mod, fid-Deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura tagħha, il-Kummissjoni tindika fil-premessa 114 li hija tqis problematiku l-fatt li "Franza ma tiħux miżuri xierqa sabiex tevita li dan l-istatus joħloq effetti ekonomiċi favur kumpanija li topera fi swieq kompetittivi".

(113) L-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw l-applikabbiltà għal La Poste tal-punt 2.1.3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-sena 2000 dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji u jsostnu li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi li n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' La Poste għall-proċeduri ta' falliment jirriżulta f'kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar favorevoli.

(114) Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi ipproponew lill-Kummissjoni li jeżaminaw magħha l-implimentazzjoni ta' skema ta' retroċessjoni minn La Poste għall-Istat, bl-Euro - Euro, ta' effett negattiv possibbli fuq il-firxa marbuta man-nuqqas ta' sottomissjoni għall-proċeduri ta' falliment, skont mekkaniżmu ta' kalkolu li jiġi vvalidat mill-Kummissjoni u li jkun jista' jiġi vverifikat. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-implimentazzjoni ta' approċċ bħal dan tikkumplimenta l-proposti ta' kjarifika msemmija aktar'il fuq, sabiex tintemm il-ħrafa tal-garanzija mill-Istat filwaqt li jitneħħa b'mod permanenti kull riskju ta' għajnuna.

## 4. **EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA**

### 4.1. *KLASSIFIKAZZJONI TAL-GĦAJNUNA*

(115) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprovdi: "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

4.1.1. EŻISTENZA TA' GARANZIJA MINGĦAJR LIMITU MILL-ISTAT: PREŻENZA TA' RIŻORSI STATALI

(116) Kif kien spjegat fil-premessa 56 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, minħabba l-istatus tagħha ta' entità pubblika ekwivalenti għal IPIK, La Poste tgawdi sitwazzjoni legali partikolari kemm f'dak li jirrigwarda r-rimbors lill-kredituri kif ukoll fl-eżistenza tagħha f'każ ta' falliment.

(117) L-ewwel, il-Kummissjoni tfakkar li La Poste mhijiex soġġetta għal-liġi komuni f'dak li jirrigwarda r-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni ta' kumpaniji f'diffikultà ([60]). L-awtoritajiet Franċiżi ma jikkuntestawx dan il-punt, iżda jiċħdu li hemm xi mekkaniżmu ekwivalenti għal garanzija statali favur La Poste. Madankollu, skont il-punt 1.2(2) ir-raba' inċiż tal-Komunikazzjoni tal-2008 tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għall-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanzija (minn hawn'il quddiem "il-Komunikazzjoni tal-2008 dwar il-garanziji") ([61]), it-termini ta' kreditu aktar favorevoli miksuba mill-kumpaniji li l-istatus legali tagħhom jeskludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' falliment jew ta' insolvenza jew jipprovdi b'mod espliċitu garanzija mill-Istat jew kopertura tat-telf mill-Istat, jitqiesu bħala għajnuna fil-forma ta' garanzija. Għalhekk jeħtieġ li jiġu analizzati l-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi li jsostnu li mhemm l-ebda garanzija statali.

A. ***Garanzija fuq ir-rimbors ta' krediti individwali***

(118) Biex wieħed jistabbilixxi jekk teżistix garanzija fuq it-krediti individwali, l-ewwel jeħtieġ li jiġi analizzat jekk tali garanzija hijiex eskluża mid-dokumenti jew mill-qorti, kif isostnu l-awtoritajiet Franċiżi (a).

(119) Il-Kummissjoni imbagħad sejra tanalizza l-passi ta' kreditur ta' La Poste sabiex jitħallas għat-talba tiegħu f'każ li La Poste issib ruħha f'diffikultà finanzjarja u ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha (b). Il-Kummissjoni sejra tiddetermina jekk il-proċedura segwita tkunx tali li l-kreditur ta' La Poste isib ruħu f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' kreditur ta' kumpanija soġġetta għal-liġi kummerċjali.

(a) **Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-awtoritajiet Franċiżi, il-liġi Franċiża tammetti l-eżistenza ta' garanziji impliċiti u b'mod partikolari l-eżistenza ta' garanzija mill-Istat minħabba l-istatus ta' stabbiliment pubbliku**

1. *Analiżi tal-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi* ([62])

(120) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Franċiżi jiddikjaraw li mhemm l-ebda dokument, u lanqas deċiżjoni, li toħloq il-prinċipju li l-Istat jiggarantixxi d-djun tal-IPIK.

(121) Il-Kummissjoni tosserva li għalkemm ma jeżisti l-ebda dokument jew deċiżjoni li tistipula b'mod espliċitu garanzija mill-Istat favur il-IPIK – bl-istess mod li ma jeżisti l-ebda dokument jew deċiżjoni li teskludi b'mod espliċitu kwalunkwe garanzija mill-Istat favur il-IPIK -, dan ma jeskludix il-preżenza ta' garanzija impliċita.

(122) Fit-tieni lok, skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-qorti kienet iddeċidiet fuq in-nuqqas ta' garanziji, b'mod partikolari, fil-każ *Société de l'hôtel d'Albe* ([63]) u fil-kawża *Campoloro* ([64]).

(123) Kif ġie enfasizzat mill-esperta tagħha, il-Kummissjoni tosserva li fil-każ *Société de l'hôtel d'Albe*, il-Conseil d'Etat irrifjuta biss li jilqa' t-talba tal-kreditur indirizzata b'mod dirett lill-Ministru tax-xogħlijiet pubbliċi. L-intervent ta' garanzija jimplika sitwazzjoni ta' insolvenza. Il-każ ikkwotat ma jirrigwardax is-sitwazzjoni eżatta li fiha tista' taħdem il-garanzija. Mekkaniżmu ta' garanzija ma jimplikax li fuq sempliċi talba tal-kreditur, l-Istat huwa mistenni li jħallas id-dejn ta' stabbiliment pubbliku.

(124) L-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-każ hija ppreżentata fis-sezzjoni 4.1.1.A.b)3) ta' din id-Deċiżjoni. Kif ser jintwera, il-każ *Campoloro* juri għall-kuntrarju li s-sistema ta' responsabbiltà tal-Istat fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi turi l-karatteristiċi kollha ta' mekkaniżmu ta' garanzija.

(125) It-tielet, l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jsostni li d-djun kuntrattati minn La Poste sa mid-dħul fis-seħħ tal-LOLF, fl-1 ta' Jannar 2005, ma jistgħux jibbenefikaw minn garanzija impliċita. Fil-każ tad-djun kuntrattati qabel l-1 ta' Jannar 2005 u li t-tul tagħhom jestendi aktar minn dik id-data, l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jirrikonoxxi żewġ ipoteżijiet:

— skont l-ewwel ipoteżi, ir-raġunijiet ta' tip kostituzzjonali (jiġifieri l-ugwaljanza quddiem l-obbligazzjonijiet pubbliċi u l-liġi tal-propjetà) li ġiegħlu lill-Kunsill kostituzzjonali ([65]) ineħħi l-iskadenza ta' garanziji li l-għoti tagħhom ma jkunx ġie awtorizzat speċifikament mill-Att tal-Finanzi japplikaw kemm għall-garanziji impliċiti kif ukoll għall-garanziji espliċiti: għalhekk is-suppożizzjoni li teżisti garanzija impliċita tad-djun ta' La Poste, in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni fl-Att tal-Finanzi ta' din il-garanzija ma jwassalx għall-iskadenza tal-garanzija għad-djun kuntrattati minn La Poste qabel l-1 ta' Jannar 2005;

— skont it-tieni ipoteżi, id-detenturi ta' garanzija impliċita ma jitolbux drittijiet daqstant indiskutibbli u deċiżivi; għalhekk, fl-ipoteżi li teżisti garanzija impliċita tad-djun ta' La Poste, in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni fl-Att tal-Finanzi ta' din il-garanzija jwassal għall-iskadenza tagħha wkoll għad-djun kuntrattati qabel l-1 ta' Jannar 2005.

(126) Il-Kummissjoni tinnota li l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jammetti li mhuwiex ċert jekk in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni fl-Att tal-Finanzi ta' garanzija impliċita jwassalx għall-iskadenza tal-garanzija għad-djun kuntrattati qabel l-1 ta' Jannar 2005. Minn perspettiva fundamentali, il-Kummissjoni tqis li sabiex tiddetermina jekk il-garanzija impliċita mogħtija mill-Istat lil La Poste ġietx issuperata mil-LOLF jew le, jeħtieġ li jiġi eżaminat minn meta La Poste ilha tibbenefika minn din il-garanzija impliċita u mhux id-dati ta' impenn tad-djun kuntrattati minn La Poste. Fil-fatt, il-garanzija eżaminata hawnhekk hija garanzija li torbot lill-Istat u lil La Poste (il-kredituri ta' La Poste huma biss benefiċjarji indiretti tagħha): barra minn hekk, il-garanzija tkopri mhux biss ir-rimbors tal-krediti individwali (ara sezzjoni 4.1.1.A ta' din id-Deċiżjoni), iżda wkoll iż-żamma tal-eżistenza ta' La Poste u/jew tal-obbligi tagħha (ara sezzjoni 4.1.1.B ta' din id-Deċiżjoni). Peress li l-garanzija impliċita mill-Istat favur La Poste kienet preċedenti għall-1 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni tqis li l-argument li ma tistax teżisti garanzija impliċita mill-1 ta' Jannar 2005 mhuwiex rilevanti.

(127) Fil-premessa 110 tad-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Lulju 2001 dwar il-LOLF [66], il-Kunsill kostituzzjonali qal li l-garanziji mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-LOLF u li ma ġewx identifikati ma jiskadux. Skont l-esperta tal-Kummissjoni, dan ir-raġunament japplika perfettament għall-eżistenza ta' garanziji impliċiti marbuta mal-istatus tal-istabbilimenti pubbliċi li jkunu għadhom ma ġewx identifikati iżda li xorta waħda jkunu validi.

(128) Madankollu l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jesprimi dubji dwar il-fatt li r-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill kostituzzjonali sabiex ineħħi l-iskadenza tal-garanziji li l-għoti tagħhom ma kienx ġie awtorizzat fl-Att tal-Finanzi japplikaw bl-istess mod għat-talbiet impliċiti kif ukoll għat-talbiet espliċiti. Fil-fehma tiegħu, id-detenturi ta' garanzija impliċita ma jitolbux drittijiet daqstant indiskutibbli u deċiżivi bħal dawk ta' garanzija espliċita.

(129) Minbarra l-fatt li l-argument tal-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jesprimi biss dubji u għalhekk mhuwiex deċiżiv, il-Kummissjoni tinnota li mhemm xejn fil-premessa 110 li jissuġġerixxi li l-garanziji espliċiti biss mhumiex affettwati minn skadenza. L-Artikolu 61 tal-LOLF, li għalih tirreferi l-premessa, ma jillimitax ruħu biss għall-garanziji espliċiti. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni tal-Kunsill kostituzzjonali li l-piena għal kwalunkwe nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-Att tal-Finanzi ma tistax tkun l-iskadenza ta' garanzija tapplika għall-garanziji impliċiti u għall-garanziji espliċiti. Il-Kummissjoni tqis ukoll li n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni fl-Att tal-Finanzi tal-garanzija impliċita mogħtija mill-Istat lil La Poste ma tagħmilx lil din tal-aħħar skaduta.

(130) Barra minn hekk, kif innutat l-esperta tal-Kummissjoni, l-ambitu tal-obbligu li jiġu inklużi fil-baġit il-garanziji tal-Istat huwa limitat biss għall-"għoti" ("*octroi*") ta' tali garanziji. Il-fatt li tingħata garanzija jkopri l-każijiet li fihom permezz ta' wirja espliċita ta' rieda, l-Istat jiddeċiedi li jagħti l-garanzija tiegħu lil xi korp jew operazzjoni. Għalhekk l-ambitu tal-obbligu li jiġu rreġistrati l-garanziji fil-baġit ma jkoprix il-garanziji li jirriżultaw minn status jew rekwiżit ġudizzjarju, ikkaratterizzati min-natura impliċita u awtomatika tagħhom. Din it-tieni kategorija ma tiġix minn deċiżjoni tal-Istat iżda mill-fatt li l-Istat jinsab f'qafas legali eżistenti li l-garanzija hija biss effett tiegħu. L-eżistenza ta' din it-tieni kategorija barra mill-ambitu tal-Artikolu 34 tal-LOLF tispjega li l-ġurisprudenza fuq il-garanzija minħabba l-konċessjonarji tkompli wara l-2001. Hija tispjega wkoll li kull darba li l-Istat ikun azzjonist jew assoċjat ta' kumpanija jew grupp li għalihom il-Kodiċi kummerċjali ma jillimitax il-garanzija tad-djun, huwa mhuwiex obbligat li jespiċifika dan f'baġit.

(131) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-argument tal-awtoritajiet Franċiżi bbażat fuq il-LOLF mhuwiex konvinċenti u li l-fatt li l-ebda liġi tal-baġit ma tispeċifika li l-Istat joffri l-garanzija tiegħu lil La Poste minħabba l-istatus tagħha ma jeskludix l-eżistenza ta' din il-garanzija. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tenfasizza li hija mhijiex marbuta mill-kwalifika tal-liġi Franċiża tal-miżura bħala garanzija, lanqas mill-fatt li din hija garanzija li taqa' taħt il-LOLF. Fil-fehma tal-Kummissjoni, hija rilevanti biss il-kwalifika ta' din il-miżura skont il-liġi Komunitarja u b'mod partikolari fid-dawl tal-Komunikazzjoni dwar il-garanziji. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-liġi Komunitarja tirrikonoxxi l-eżistenza ta' garanzija impliċita meta Stat Membru jkun legalment marbut li jħallas lura d-dejn ta' korp ieħor f'każ li dan tal-aħħar ifalli [67].

(132) Fir-raba' lok, skont l-awtoritajiet Franċiżi, kieku l-IPIK jibbenefikaw minn garanzija mill-Istat, il-bidla fl-istatus tagħhom tkun teħtieġ l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' garanziji b'mod li jżommu d-drittijiet tal-kredituri li jirriżultaw qabel it-tibdil fl-entità pubblika kkonċernata. Minħabba li mekkaniżmu bħal dan qatt ma kien implimentat (ara b'mod partikolari t-trasformazzjoni ta' France Télécom, ta' Gaz de France, tal-EDF u tal-ADP) [68], dan juri biċ-ċar li ma teżisti l-ebda garanzija.

(133) Kif tispjega l-esperta tal-Kummissjoni, dikjarazzjoni bħal din hija r-riżultat ta' interpretazzjoni wiesgħa ħafna tal-protezzjoni kostituzzjonali tad-drittijiet tal-proprjetà. Skont l-argument tal-awtoritajiet Franċiżi, il-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà teħtieġ li kull talba tkun ippreżervata. Minħabba li l-ħarsien kostituzzjonali tad-dritt tal-proprjetà ma jirrigwardax biss il-każ fejn dan jiddependi biss mill-entità pubblika, interpretazzjoni bħal din tkun tfisser li f'każ ta' avveniment fil-ħajja ta' kwalunkwe kumpanija, it-talbiet iridu jkunu mħarsa jekk isiru "vulnerabbli" minħabba l-iżvilupp li jkun seħħ. Madankollu, xejn fl-istat attwali tal-liġi pożittiva Franċiża ma jippreżerva t-talbiet. Jekk wieħed imbagħad jillimita l-argument għall-każijiet ta' talbiet garantiti mill-Istat, dan ikun ifisser li d-dritt ta' proprjetà garantit oriġinarjament mill-Istat għandu jgawdi minn protezzjoni kostituzzjonali ogħla mid-drittijiet ta' proprjetà l-oħrajn. Xejn ma jindika dan. Fl-aħħar nett, talba hija dritt *in personam* li ma jistax jitħallat mad-dritt tal-proprjetà, li essenzjalment huwa dritt *in rem*. Wieħed ma jistax jestendi l-protezzjoni akbar mogħtija lid-drittijiet *in rem* għad-drittijiet *in personam*.

(134) Il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dritt tal-proprjetà ma jitlobx li miżura speċifika tkun prevista sabiex tiggarantixxi d-drittijiet tal-kredituri meta l-IPIK tinbidel f'kumpanija soġġetta għall-proċeduri ta' riorganizzazzjoni u ta' likwidazzjoni. Għalhekk, in-nuqqas ta' tali miżuri ma jikkostitwixxix prova tan-nuqqas ta' eżistenza ta' garanzija impliċita.

(135) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, b'differenza mis-sitwazzjoni preċedenti, ma kienx ikun hemm ħtieġa li tingħata garanzija espliċita għad-djun kuntrattati mill-amministrazzjoni tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet li ġew trasferiti lil La Poste, li kieku din tal-aħħar kienet irċeviet garanzija statutorja mill-Istat. Dan madankollu sar b'Digriet tal-31 ta' Diċembru 1990.

(136) Il-Kummissjoni tenfasizza li l-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi iddeċidew li jagħtu garanzija espliċita ma jurix li ma kinitx teżisti garanzija impliċita. L-istess raġunament japplika għall-argument tal-awtoritajiet Franċiżi rigward il-garanzija mogħtija mill-Istat għal ċerti attivitajiet tal-ERAP u tal-Aġenzija Franċiża għall-Iżvilupp. Il-fatt li l-Istat iddeċieda, f'ċerti każijiet, li jagħti l-garanzija espliċita tiegħu anki jekk diġà kienet teżisti garanzija impliċita, jista' jiġi spjegat b'mod partikolari mill-interessi ta' trasparenza u r-rieda li tiżdied is-sigurtà legali tal-kredituri. Fil-fatt, kif jgħid l-espert tal-awtoritajiet Franċiżi, "*id-detenturi ta' garanzija impliċita ma jistgħux jitolbu drittijiet daqstant indiskutibbli u deċiżivi bħal dawk ta' garanzija espliċita*".

(137) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi jikkwotaw artiklu ([69]) tas-Sur Labetoulle, li kien il-President tat-taqsima tal-litigazzjoni tal-Conseil d'Etat. Dan l-artiklu ser ikun analizzat, bħall-kawża *Campoloro*, fis-sezzjoni ta' din id-Deċiżjoni dwar l-impenn tar-responsabbiltà tal-Istat ([70]).

(138) Il-Kummissjoni tikkonkludi li:

— minn naħa, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Franċiżi, l-ebda dokument u lanqas deċiżjoni ma teskludi l-eżistenza ta' garanzija mill-Istat favur La Poste;

— min-naħa l-oħra, il-fatt li l-ebda dokument ma jipprevedi b'mod espliċitu din il-garanzija ma jeskludix l-eżistenza ta' garanzija impliċita.

2) *L-eżistenza ta' garanziji impliċiti marbuta mal-istatus ta' stabbiliment pubbliku hija kkonfermata minn nota tal-Conseil d'Etat Franċiż*

(139) L-eżistenza ta' garanziji impliċiti marbuta mal-istatus ta' stabbiliment pubbliku hija kkonfermata minn nota tal-Conseil d'Etat Franċiż prodotta fl-1995 fil-każ tal-*Crédit Lyonnais* u diġà kkwotata fid-Deċiżjoni ta' ftuħ ([71]). F'din in-nota, il-Conseil d'Etat waqqaf garanzija impliċita fuq in-natura biss tal-istabbiliment pubbliku tal-korp: "Fl-okkażjoni tal-abbozz ta' liġi dwar l-azzjoni mill-Istat fil-pjanijiet ta' riorganizzazzjoni tal-Crédit Lyonnais u tal-Comptoir des Entrepreneurs, il-Conseil d'Etat […] ikkunsidra li l-garanzija tal-Istat lil dan l-istabbiliment tirriżulta, mingħajr miżuri legali espliċiti, min-natura stess tal-istabbiliment pubbliku tal-korp" ([72]).

(140) Il-Kummissjoni talbet kemm-il darba lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jibagħtulha din in-nota kollha.

(141) L-awtoritajiet Franċiżi wieġbu ([73]) li n-nota inkwistjoni, li ma ngħatatx fuq talba tal-gvern, ma kinitx ġiet formalizzata f'dokument uffiċjali. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, in-nota pprovduta mill-Kummissjoni hija magħmula biss minn din il- frażi unika inkwistjoni tar-rapport annwali.

(142) Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Franċiżi, din l-opinjoni ma tistax tiġi applikata għal La Poste minħabba li din tapplika għal istabbiliment pubbliku b'accountant pubbliku maħluq speċifikament bl-għan li jassigura l-ġestjoni tal-appoġġ mill-Istat għall-irkupru tal-Crédit Lyonnais, tippreċedi l-liġi organika tal-1 ta' Awwissu 2001 dwar l-atti tal-baġit (LOLF) u l-applikazzjoni tagħha tmur kontra l-ġurisprudenza sussegwenti tal-Conseil d'Etat.

(143) Il-Kummissjoni tinnota li l-interpretazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi, li l-opinjoni tal-Conseil d'Etat ma tistax tiġi applikata għal La Poste, tikkontradixxi t-termini stess tal-opinjoni. Fil-fatt, f'din l-opinjoni, il-Conseil d'Etat ma jagħmel l-ebda referenza għall-kompitu tal-istabbiliment. Barra minn hekk, hija tirreferi għan-natura tal-istabbiliment pubbliku mhux għal dik ta' stabbilimenti pubbliċi b'accountant pubbliku. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma jispjegawx għalfejn din l-opinjoni tapplika biss għall-stabbilimenti pubbliċi b'accountant pubbliku.

(144) F'dak li jirrigwarda l-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi li l-opinjoni mhijiex applikabbli għaliex hija preċedenti għal-LOLF u kontra ġurisprudenza sussegwenti tal-Conseil d'Etat, il-Kummissjoni wriet hawn fuq li l-LOLF ma teskludix l-eżistenza ta' garanzija impliċita mill-Istat favur La Poste.

(145) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkunsidra li l-opinjoni tal-Conseil d'Etat hija applikabbli għal La Poste u li din tammetti l-eżistenza ta' garanzija statali minħabba n-natura pubblika ta' korp.

(146) Barra minn hekk, l-eżistenza ta' garanziji impliċiti li jirriżultaw minn att amministrattiv jew leġiżlattiv li "*joħloq u jinvolvi konsegwenzi finanzjarji għall-Istat*" hija kkonfermata min-nota tal-Ministru tal-Ekonomija tal-Finanzi u tal-Industrija tat-22 ta' Lulju 2003 li kellha l-għan li titlob "*L-elenkar tal-garanziji impliċiti jew espliċiti mogħtija mill-Istat*". Din in-nota turi li l-garanzija tal-Istat tista' tirriżulta minn atti legali differenti ħafna ([74]).

(147) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li f'nota ta' spjegazzjoni mehmuża ma' din in-nota, preċiżament fil-parti 3 intitolata "*l-esperjenza tal-attivazzjoni ta' garanziji u l-ġurisprudenza tal-Kunsill wasslu għall-irfinar ta' ċertu numru ta' studji ta' każijiet ta' garanzija impliċita li huwa importanti li jiġu identifikati*", l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li "*Ċerti arranġamenti legali skont id-disinn tagħhom jinvolvu r-responsabbiltà tal-azzjonisti tagħhom, b'mod partikolari s-sħubijiet ġenerali u l-gruppi temporanji ta' kumpaniji. Fil-każ ta' dawn l-aħħar żewġ tipi, il-partijiet terzi jfittxu b'mod sistematiku l-azzjonista statali. L-istess japplika fil-ħolqien ta' stabbilimenti pubbliċi u f'ċerti investimenti ta' ekwità f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata*". Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi infushom ifakkru li l-ħolqien ta' stabbiliment pubbliku jimplika garanzija impliċita tal-Istat favur kredituri ta' dan l-istabbiliment.

(b) **Il-kreditur ta' La Poste huwa assigurat li t-talba tiegħu sejra titħallas lura**

(148) Il-Kummissjoni issa bi ħsiebha tanalizza l-passi ta' kreditur ta' La Poste sabiex jitħallas lura d-dejn dovut lilu f'każ li La Poste issib ruħha f'diffikultajiet finanzjarji u ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha. Il-Kummissjoni sejra tiddetermina jekk, wara proċedura definita minn qabel u magħmula pubblika, il-kreditur ta' La Poste ikunx f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' kreditur ta' impriża soġġetta għal-liġi kummerċjali.

(149) Din l-analiżi sejra turi li:

— l-ostakoli tradizzjonali li jopponu l-ħlas ta' dejn ta' organizzazzjoni privata ma jeżistux fir-rigward tal-istabbilimenti pubbliċi (1);

— il-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi kkundannati minn deċiżjoni tal-qorti stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 fl-ebda każ ma twassal għall-għajbien tad-dejn (2);

— is-sistema ta' responsabbiltà tal-Istat fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi tippreżenta l-karatteristiċi kollha ta' mekkaniżmu ta' garanzija (3);

— anki jekk ma jiġix issodisfat, il-kreditur jista' jipproduċi effetti legali għall-iżball leġittimu li jkun wettaq meta sar id-dejn fuq il-fatt li dan dejjem ser ikun onorat (4).

1. *L-ostakoli tradizzjonali li jopponu l-ħlas ta' dejn ta' organizzazzjoni privata ma jeżistux fir-rigward ta' stabbilimenti pubbliċi*

(150) Kif ġie spjegat fid-deskrizzjoni tal-miżura, La Poste mhijiex soġġetta għal-liġi pubblika dwar ir-rijabilitazzjoni u l-likwidazzjoni ta' kumpaniji f'diffikultà. Il-kreditur ta' La Poste ma jirriskjax għalhekk li jara t-talba tiegħu tgħib minħabba l-bidu ta' proċediment ta' likwidazzjoni ([75]) jew li jikseb parti biss mir-rimbors tat-talba tiegħu wara proċedura ta' riorganizzazzjoni jew ta' likwidazzjoni ġudizzjarja tal-liġi komuni.

(151) Barra minn hekk, kif enfasizzat l-esperta tal-Kummissjoni, il-personalità ġuridika ta' La Poste ma teskludix l-eżistenza ta' garanzija mill-Istat Franċiż. Fil-fatt, għalkemm jeżistu kumpaniji kummerċjali, bħal kumpaniji limitati u kumpaniji b'responsabbiltà limitata, fejn l-imsieħba mhumiex meħtieġa li jħallsu lura d-djun tal-istruttura li jkollhom sehem fiha, għall-kuntrarju jeżistu ħafna kategoriji ta' kumpaniji jew ta' entitajiet li jkollhom attività kummerċjali li fiha l-imsieħba privati jkunu responsabbli mid-djun tal-kumpanija maħluqa. Dan huwa l-każ ta'

shubijiet, gruppi ta' interess ekonomiku u s-soċjetajiet ċivili. Għaldaqstant mhemmx prinċipju espliċitu tal-liġi komuni rigward il-garanzija tad-djun mill-azzjonisti. Għalhekk wieħed ma jistax jgħid li fin-nuqqas ta' dokumenti, il-prinċipju applikabbli huwa dak ta' nuqqas ta' garanzija fil-konfront tad-djun u t-telf. L-indipendenza miksuba minn korporattiva, kif ukoll l-eżistenza ta' assi tagħha stess, mhijiex, fil-liġi Franċiża, kriterju li jiddetermina r-regoli ta' sigurtà għad-djun kuntrattati minn kumpanija. Jista' wkoll jiġi dedott mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li xejn ma jżomm lil-leġiżlatur milli jipprovdi li kull stabbiliment pubbliku jista' jiġi stabbilit minn persuna pubblika li tkun tista' tiflaħ it-telf biss sal-limitu tal-kontribuzzjoni tagħha jew sal-għotja inizjali tagħha.

(152) L-esperta tal-Kummissjoni temmet l-argument billi fittxet l-eżistenza ta' prinċipju (impliċitu) tal-liġi komuni firrigward ta' garanziji għad-djun meta l-azzjonisti jew il-membri ta' struttura ma jkunux inklużi f'qafas ipprovdut mil-leġiżlatur u sabet ir-risposta fl-Artikoli 1871 u sussegwenti tal-kodiċi ċivili. Dawn l-Artikoli jittrattaw azzjonisti li ma jkunux irreġistraw il-kumpanija tagħhom. L-Artikolu 1871-1 tal-kodiċi ċivili jipprevedi l-mekkaniżmu li ġej: "sakemm ma tkunx ġiet prevista organizzazzjoni, ir-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti huma rregolati, sakemm huwa raġonevoli, jew mid-dispożizzjonijiet applikabbli għas-soċjetajiet ċivili, jekk is-soċjetà għandha karattru ċivili, jew, jekk tkun ta' natura kummerċjali, minn dawk applikabbli għas-shubijiet". Madankollu, hawn fuq intqal li s-soċjetajiet ċivili u s-shubijiet jagħmlu parti mill-entitajiet li l-membri tagħhom għandhom responsabbiltajiet illimitati għad-djun. Minn dan l-esperta tikkonkludi li jekk għandu joħroġ prinċipju tal-liġi komuni, dan ikun prinċipju ta' garanzija tad-djun tal-entitajiet li jinħolqu.

(153) Fin-nota tagħhom mibgħuta fis-27 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw din il-konklużjoni. Din mhijiex ibbażata fuq l-ebda dokument, bir-referenza għall-Artikolu 1871-1 tal-kodiċi ċivili tirrigwarda r-"relazzjonijiet bejn l-imsieħba" u mhux partijiet terzi. Għaldaqstant hemm nuqqas ta' dokumenti, li minnhom wieħed ma jistax jikkonkludi prinċipju ta' garanzija, mingħajr ma jikser id-drittijiet tad-difiża fil-liġi Franċiża kif ukoll fil-liġi tal-Unjoni.

(154) Il-Kummissjoni tinnota madankollu li l-Artikolu 1872-1 tal-Kodiċi ċivili jistabbilixxi li kull imsieħeb f'kumpanija li mhijiex irreġistrata jikkuntratta f'ismu personali u huwa biss impenjat lejn terzi. Kull imsieħeb huwa għalhekk responsabbli mingħajr limitu għad-djun kuntrattati. Naturalment il-Kummissjoni m'għandhiex intenzjoni li tikkonkludi minn din il-kunsiderazzjoni biss li l-Istat huwa responsabbli mid-djun ta' La Poste, iżda tqis li l-argument tal-esperta tagħha li jekk kellu joħroġ prinċipju tal-liġi komuni, dan ikun prinċipju ta' garanzija mhuwiex invalidat mill-argument ippreżentat mill-awtoritajiet Franċiżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li fin-nota ta' spjegazzjoni mehmuża man-nota tal-Ministru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija tat-22 ta' Lulju 2003 ([76]), l-awtoritajiet Franċiżi stess jagħmlu parallel bejn ir-responsabbiltà tal-azzjonist lejn is-shubijiet u dik tal-Istat lejn l-istabbiliment pubbliku.

(155) Fuq il-bażi tal-elementi preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

— għall-kuntrarju tal-kredituri tal-kumpaniji soġġetti għal-liġi kummerċjali, il-kredituri ta' La Poste (peress li din mhijiex soġġetta għal-liġi li tirregola r-rijabilitazzjoni u l-likwidazzjoni tal-kumpaniji f'diffikultà) m'għandhomx riskju li jaraw it-talba tagħhom tgħib għal kollox jew parzjalment wara proċedura ġudizzjarja ta' likwidazzjoni;

— il-personalità ġuridika ta' La Poste ma tipprekludix il-garanzija tal-Istat favur La Poste;

— fin-nuqqas ta' limitazzjoni espliċita tar-responsabbiltà tal-Istat fir-rigward ta' La Poste, il-kredituri ta' La Poste jistgħu b'mod leġittimu jibbażaw fuq il-prinċipju li l-Istat jappoġġa d-djun ta' La Poste, għalkemm La Poste tgawdi personalità ġuridika.

2. *Il-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi kkundannati minn deċiżjoni tal-qorti stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ma tirriżulta fl-ebda każ fl-għajbien tad-dejn*

(156) Il-Kummissjoni issa bi ħsiebha teżamina l-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi kkundannati minn deċiżjoni tal-qorti, sabiex tiddetermina jekk din il-proċedura tistax twassal għall-estinzjoni tal-obbligu ta' La Poste b'riżultat, għall-kreditur, simili għar-riżultat miksub mill-applikazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji, kif jgħidu l-awtoritajiet Franċiżi. Din il-proċedura ġiet stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u minn diversi dokumenti ta' applikazzjoni ([77]), imsemmija fis-sezzjoni ta' din id-Deċiżjoni li tirrigwarda d-deskrizzjoni tal-miżura.

(i) Il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tagħti poteri sinifikanti lill-Istat: il-mandat tal-kariga u l-ħolqien ta' riżorsi adegwati

(157) Kif spjegat fid-deskrizzjoni tal-miżura, il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tipprovdi li: "jekk il-korp leġiżlattiv tal-grupp jew tal-istabbiliment ma identifikax jew ma ħoloqx riżorsi, […] l-awtorità regolatorja tipprovdi u għandha toħroġ, jekk ikun xieraq, ordni ta' ħlas obbligatorju". Barra minn hekk, id-Digriet tat-12 ta' Mejju 1981, mhux emendat dwar dan il-punt mid-Digriet tal-2008, jispeċifika li r-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja "toħloq, jekk ikun il-każ, ir-riżorsi meħtieġa jew billi tnaqqas il-fondi allokati għal spejjeż oħrajn u li jkunu għadhom jistgħu jintużaw, jew billi żżid ir-riżorsi".

(158) Il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' applikazzjoni tagħha jinnominaw għalhekk lill-Istat bħala l-awtorità kompetenti sabiex tirkupra d-djun tal-istabbilimenti pubbliċi. Barra minn hekk, huma jagħtuh poteri sinifikanti: il-mandat tal-kariga u l-ħolqien ta' riżorsi adegwati.

(159) L-awtoritajiet Franċiżi jiċħdu l-idea li r-riżorsi msemmija jistgħu jkunu r-riżorsi tal-Istat. Kif indikat fil-parti li tirrigwarda l-kummenti tal-Istat Membru ([78]), l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu fil-fatt li l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 tagħti lill-awtorità regolatorja setgħa ta' sostituzzjoni biss. Bħala tali, it-tutela tista' biss teżerċita l-kompetenzi ta' dan l-eżekuttiv, li ma jinkludux il-possibbiltà li tuża l-baġit statali. Bħala appoġġ għal din l-interpretazzjoni, ġew ikkwotati x-xogħlijiet ta' tħejjija tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, artikoli akkademiċi, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Conseil d'Etat dwar il-kawża *Campoloro*. L-awtoritajiet Franċiżi jirrikonoxxu madankollu li l-Liġi tal-1980 ma tiprojbixxix fil-prinċipju kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat bħala appoġġ lill-entità pubblika inkwistjoni.

(160) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li d-dokumenti ma jipprovdux espliċitament għall-obbligu tal-Istat li jħallas sussidju speċjali lil stabbiliment pubbliku f'każ ta' diffikultà finanzjarja. Dan ma jinvalidax il-prova tal-eżistenza ta' garanzija impliċita.

(161) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li r-riżorsi li għandhom ikunu identifikati l-ewwel huma dawk stess tal-istabbiliment. Dan ma jimpedixxix li wieħed jikkunsidra li ladarba jiġu eżawriti r-riżorsi proprji, il-fondi statali biss jistgħu jħallsu d-djun tal-istabbiliment pubbliku li jkollu d-dejn ([79]). Din is-sejba hija konsistenti mal-fatt li mekkaniżmu ta' garanzija huwa sussidjarju, fis-sens li r-riżorsi tad-debitur jiġu mmobilizzati qabel dawk tal-garanti tiegħu.

(ii) Il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' applikazzjoni tagħha ma jipprevedux proċeduri ta' likwidazzjoni-għajbien bl-għajbien tal-obbligi; is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' flus kontanti hija koperta jew hija biss temporanja

(162) Il-Kummissjoni issa sejra tanalizza l-interpretazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi, li wara l-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, ċerti kredituri jistgħu jaraw it-talba tagħhom tgħib mingħajr rimedju ([80]) u li s-sitwazzjoni tagħhom hija ekwivalenti għal dik ta' kredituri ta' kumpaniji soġġetti għall-proċeduri ġudizzjarji.

(163) L-esperta tal-Kummissjoni ([81]) tinnota li l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u d-Digriet ta' applikazzjoni tagħha juru li żewġ xenarji biss huma possibbli f'każ ta' fondi insuffiċjenti: jew l-awtorità regolatorja toħloq ir-riżorsi meħtieġa, jew il-ħlas jiġi pospost. Fl-ebda ħin, il-proċedura ma tindika li f'każ ta' nuqqas sostenibbli ta' flus kontanti, din tieqaf.

(164) Fil-fatt, għalkemm is-sitwazzjoni ta' fondi insuffiċjenti hija prevista mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' applikazzjoni tagħha, din is-sitwazzjoni hija mistennija li tkun temporanja, sakemm jinħolqu riżorsi addizzjonali, l-unika soluzzjoni maħsuba mid-dokument. Fl-ebda ħin, ma huwa maħsub li dan il-ħolqien ta' riżorsi addizzjonali huwa impossibbli jew, min-naħa tiegħu, insuffiċjenti. Sussegwentement għal dan l-istadju ta' ħolqien ta' riżorsi, id-dokumenti jindikaw li l-awtorità kompetenti toħroġ l-ordni ta' ħlas obbligatorju. Iċ-ċirkolari tal-1989 imsemmija hawn fuq hija aktar eżatta rigward in-nuqqas ta' fondi, peress li tinsisti fuq in-natura neċessarjament temporanja, peress li, f'dan il-każ, wieħed għandu jindika lill-kreditur il-bilanċ li ser ikun ikkummissjonat aktar tard. Skont l-esperta tal-Kummissjoni, "skont id-dokumenti, il-kredituri jistgħu jiksbu ċ-ċertezza li jekk ma tkunx onorata minnufih, it-talba tagħhom tkun onorata aktar tard".

(165) Barra minn hekk, l-esperta tal-Kummissjoni ġustament tinnota li l-proċedura prevista mil-liġi Franċiża hija biss proċedura ta' rkupru tal-kreditu, bl-esklużjoni ta' proċedura ta' likwidazzjoni. Fil-każ ta' persuni privati, is-sitwazzjoni ta' sospensjoni ta' ħlas hija marbuta mid-dokumenti ma' dik tal-likwidazzjoni. Għalhekk, ir-riskju ta' sospensjoni ta' ħlasijiet jista' jagħti bidu għal proċedura ta' salvagwardja ([82]) u l-likwidazzjoni hija espressament ippreżentata bħala l-konsegwenza ta' sospensjoni tal-ħlasijiet ([83]). Għall-kuntrarju, fil-każ ta' persuni pubbliċi inġenerali u ta' stabbilimenti pubbliċi, b'mod partikolari, bil-ħabi tas-sitwazzjoni ta' sospensjoni tal-ħlasijiet u billi ma jorbotha mal-ebda likwidazzjoni, il-leġiżlatur u l-awtorità statutorja jissuġġerixxu lill-kredituri li t-talbiet tagħhom sejrin ikunu onorati b'mod indefinit, jekk meħtieġ minn parti terza bħall-Istat.

(166) Fl-aħħar nett, l-esperta tal-Kummissjoni tinnota li r-riforma tal-2008, li saret wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, ma wasslitx sabiex l-awtoritajiet Franċiżi jiċċaraw li r-riżorsi li għandhom jintużaw għandhom ikunu tal-istabbiliment pubbliku u ma jinvolvux riżorsi statali. Kjarifika bħal din kienet tkun sinjal qawwi fil-konfront tal-kredituri fi żmien meta l-proċeduri mibdija mill-Kummissjoni kienu jorbtu espliċitament garanzija mill-Istat mal-formulazzjoni mhux kompluta tad-dokumenti. Il-fatt li din il-kjarifika meħtieġa ma saritx jikkonferma d-dikjarazzjoni li l-Istat Franċiż ma jixtieqx jiċħad li jista' jipprovdi huwa stess ir-riżorsi meħtieġa.

(167) Fin-nota tagħhom mibgħuta fis-27 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li d-dikjarazzjoni tal-esperta tal-Kummissjoni li tgħid *"skont id-dokumenti, il-kredituri jistgħu jiksbu ċ-ċertezza li f'każ li ma tiġix onorata minnufih, it-talba tagħhom tkun onorata aktar tard"* hija bbażata fuq qari ppreġudikat tad-dokumenti li – minbarra li huma dokumenti ta' livell sotto-regolatorju (ċirkolarijiet) – ma jistabbilixxu l-ebda sostituzzjoni possibbli tar-riżorsi tal-Istat ta' dawk tal-istabbiliment. Xejn ma jipprojbixxi l-ħolqien ta' stabbilimenti pubbliċi mhux attivi li l-kredituri tagħhom ma jirnexxielhomx jiksbu l-ħlas tad-dejn dovut lilhom. L-awtoritajiet Franċiżi jqisu barra minn hekk li l-istabbilimenti pubbliċi jistgħu ma jonorawx id-dejn tagħhom mingħajr madankollu ma jsibu ruħhom awtomatikament f'sitwazzjoni ta' sospensjoni tal-ħlasijiet.

(168) Il-Kummissjoni issa sejra tanalizza jekk huwiex legalment possibbli li stabbiliment pubbliku kkundannat minn deċiżjoni tal-qorti li għandha s-setgħa ta' res judicata għall-ħlas ta' somma flus tiġi arkivjata u li l-kreditu qatt ma jiġi onorat, kif isostnu l-awtoritajiet Franċiżi. Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u tad-dokumenti ta' applikazzjoni tagħha huma imposti fuq l-Istat. Fl-agħar xenarju għall-kreditur, dawn id-dokumenti jwasslu lill-Istat sabiex jindika lill-kreditur il-bilanċ li ser ikun ikkummissjonat aktar tard. Jekk wieħed jassumi li ma jsir l-ebda ħlas, il-kreditur dejjem ikollu l-possibbiltà (dan il-punt ser ikun żviluppat fis-sezzjoni 3 ta' din id-deċiżjoni) li jżomm l-Istat responsabbli. F'dawn il-kundizzjonijiet, ix-xenarju teoretiku tal-arkivjar ma jwassal fl-ebda każ għall-estinzjoni tad-dejn. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma taw l-ebda eżempju konkret dwar fejn setgħet seħħet din is-sitwazzjoni.

(169) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

— il-proċedura speċifika definita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u t-testi ta' implimentazzjoni tagħha hija biss proċedura ta' rkupru tad-dejn minbarra proċedura ta' likwidazzjoni; wara l-implimentazzjoni tagħha, id-dejn ma jgħibx, filwaqt li wara l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' likwidazzjoni, id-deċiżjoni ta' għeluq minħabba nuqqas ta' assi mingħajr penali ġġib magħha l-projbizzjoni tal-kredituri li jibdew il-proċeduri legali mill-ġdid;

— il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u t-testi ta' implimentazzjoni tagħha, peress li tipprovdi għall-posponiment tal-ordni tal-ħlasijiet u ma tikkunsdra qatt is-sitwazzjoni ta' sospensjoni tal-ħlasijiet, jagħtu lill-kredituri x'jifhmu li hemm jew dejjem ser ikun hemm riżorsi meħtieġa sabiex jitħallsu l-flus miżmuma fuq l-istabbiliment pubbliku;

— minn dan jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' insuffiċjenza ta' fondi hija koperta mill-Istat, jekk ikun meħieġ, jew li hija biss temporanja. Għall-kuntrarju, l-ebda proċedura ta' likwidazzjoni ma tipprevedi l-possibbiltà għal xi parti terza li ssir responsabbli għad-djun tal-entità insolventi, ħlief naturalment, meta jkun garanti jew kumpanija b'responsabbiltà illimitata.

(iii) Is-sussidju speċjali tal-Istat li jippermetti lill-istabbiliment pubbliku li jwettaq l-obbligi tiegħu huwa meqjus possibbli u previst effettivament minn ċerti dokumenti

(170) F'dan ir-rigward, l-esperta tal-Kummissjoni nnutat li:

(a) [[…]] (*)

(171) Mingħajr il-ħtieġa ta' din il-prova sabiex tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat tal-garanzija li tirriżulta mill-istatus ta' La Poste, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-riżorsi proprji tagħha mmobilizzati f'każ ta' insuffiċjenza ta' likwidità huma limitati. Fil-fatt, kemm it-trasferiment tal-proprjetà ([84]) kif ukoll iż-żieda fit-tariffi tal-ħlasijiet tas-servizz postali universali ([85]) huma sorveljati b'mod strett ħafna mil-leġiżlatur Franċiż. Id-diffikultà sabiex timmobilizza riżorsi addizzjonali tagħha stess sabiex tħallas id-djun iżżid il-ħtieġa ta' interventi statali f'każ ta' nuqqas ta' flus kontanti. L-ewwel nett, skont il-mekkaniżmu ta' wieħed jaffettwa lill-ieħor, l-impossibbiltà ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi permezz tat-trasferiment tal-proprjetà iżżid il-frekwenza ta' rikors għal mekkaniżmi oħrajn ta' garanzija (ħlasijiet bil-quddiem, it-tfittxija tar-responsabbiltà tal-Istat, eċċ.). Fit-tieni lok, il-promulgazzjoni ta' sistema ta' protezzjoni tal-proprjetà mil-leġiżlatur tista' tkabbar il-litigazzjoni tar-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat f'każ ta' falliment possibbli ta' La Poste ([86]).

(172) Fin-nota tagħhom mibgħuta fis-27 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw "l-impossibbiltà" għal La Poste li timmobilizza r-riżorsi proprji:

— f'dak li jirrigwarda t-trasferiment tal-proprjetà, l-Istat huwa ħieles li jiddetermina fid-diskrezzjoni tiegħu jekk iqisx "essenzjali" jew le t-twettiq tas-servizz pubbliku; barra minn hekk, anki jekk jopponi għal dan it-trasferiment, dan ma jfissirx li għandu jikkumpensa permezz ta' mekkaniżmi ta' garanzija; fl-aħħar nett, fil-fatt, l-Istat qatt ma oppona trasferiment ta' proprjetà abbażi tal-Artikolu 23 tal-Liġi tat-2 ta' Lulju 1990, li barra minn hekk skada wara l-kontribut minn La Poste fl-2005 ta' kważi l-beni immobbli kollha tagħha (inklużi l-uffiċċji postali) lil kumpanija sussidjarja li ma kinitx soġġetta għal din is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel;

— f'dak li jirrigwarda ż-żieda fit-tariffi tal-ħlasijiet tas-servizz postali universali, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-ARCEP ma twaqqafx it-tariffi iżda tistabbilixxi *price cap* (limitu ta' prezzijiet) għal dawk l-attivitajiet biss irregolati minn La Poste u li taħtu t-tariffi ta' La Poste jinbidlu liberament (ħlief għall-prezz tal-bolol li huwa stabbilit mill-Ministru responsabbli mill-posta u b'kunsiderazzjoni tal-*price cap*); barra minn hekk wieħed jista' jaħseb li l-ARCEP bilkemm tista' tirrifjuta żieda fit-tariffi li tkun essenzjali għas-sopravvivenza tal-istabbiliment u tal-kompiti ta' servizz pubbliku li hu joffri; fl-aħħar nett, dan il-*price cap* jikkonċerna biss is-settur regolat, li jirrappreżenta inqas min-nofs tal-profitt operattiv tal-grupp La Poste.

(173) Il-Kummissjoni ħadet nota tal-kjarifiki mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi u għamlet żewġ kummenti:

— l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li anki jekk l-Istat jopponi għal trasferiment, dan bl-ebda mod ma jimplika xi garanzija. Madankollu, huma rrikonoxxew (anki jekk huma jikkontestaw li La Poste tista' tikseb vantaġġ) li l-ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku hija essenzjali għar-rappreżentant tal-Istat fl-implimentazzjoni tal-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ([87]), fatt li jista' jinvolvi r-responsabbiltà bla tort tal-istat għal ksur tal-ugwaljanza quddiem l-obbligazzjonijiet pubbliċi kif jintwera hawn taħt ([88]);

— Diment li kreditur ta' La Poste ma jistax jirrikorri għand kumpanija oħra tal-grupp La Poste biex jikseb il-ħlas tat-talba tiegħu, jeħtieġ li wieħed janalizza s-sehem tas-settur regolat u tas-settur riservat fid-dħul ta' La Poste u mhux f'dak tal-grupp La Poste. Minħabba l-ambitu tar-regolament fi Franza ([89]), huwa ċar li l-attivitajiet regolati jirrappreżentaw parti predominanti tal-attivitajiet tal-istabbiliment pubbliku La Poste. L-ipprezzar ta' parti kbira tal-attivitajiet ta' La Poste huwa għalhekk soġġett għal *price cap;* barra minn hekk, it-tariffi tas-servizzi riservati huma stabbiliti permezz ta' digriet ministerjali.

(β) Ċerti ħidmiet u programmi tal-baġit tal-Istat jistgħu jintużaw sabiex jgħinu stabbiliment pubbliku jaffaċċja l-ħlas tad-djun tagħha

(174) Il-programmi identifikati mill-esperta tal-Kummissjoni huma dawn:

— il-programm nru 823, Ħlasijiet bil-quddiem lil korpi separati mill-Istat u li joffru servizzi pubbliċi: l-għan tiegħu "huwa li jippermetti lill-Istat li jagħti ħlasijiet bil-quddiem lil diversi korpi, separati mill-Istat, li joffru servizzi pubbliċi" ([90]). "Dawn il-ħlasijiet huma maħsuba sabiex jintużaw f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, kemm sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-attività pubblika kif ukoll sabiex jiġu implimentati mill-aktar fis miżuri partikolari. Huwa jawtorizza wkoll il-kopertura provviżorja ta' ħtieġa mhux mistennija ta' flus kontanti li riżorsi sostenibbli għandha tiżgura aktar tard b'mod sostenibbli. Huwa jippermetti għalhekk li jiġi evitat il-finanzjament bankarju jew tas-suq u, flimkien ma' dan, jipprevjeni frammentazzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika jew żieda fil-piż tal-interessi tagħhom",

— fi ħdan il-ħidma "Kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istat", hemm żewġ programmi, intitolati rispettivament "Tranżazzjonijiet ta' kapital li jaffettwaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istat" (programm nru 731) u "Tnaqqis tad-dejn tal-Istat u tal-istabbilimenti pubbliċi tal-Istat" (programm nru 732). F'dan il-programm, l-azzjoni nru 01 titkellem dwar "iż-żidiet tal-kapital, kapital addizzjonali, ħlasijiet bil-quddiem tal-azzjonisti u self relatat".

(175) Il-fondi għal dawn il-ħlasijiet bil-quddiem huma kbar. Taħt il-programm nru 731, hija prevista speċifikament riserva ta' EUR 85 miljun. L-approprjazzjonijiet tal-ħlas tal-azzjoni nru 01 tal-programm nru 732 jammontaw għal EUR 660 miljun. L-approprjazzjonijiet tal-ħlas tal-programm nru 823 jammontaw għal EUR 50 miljun.

(176) F'każ ta' diffikultà finanzjarja ta' La Poste, l-Istat jista' juża dawn il-programmi sabiex isalva lil La Poste. Fil-fatt, l-ebda dokument ma jillimita l-possibbiltajiet ta' għoti ta' ħlasijiet bil-quddiem lil IPIK attivi ekonomikament u li joperaw fis-settur kompetittiv.

(177) Fin-nota tagħhom mibgħuta fis-27 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi jiddikjaraw li qatt ma kkontestaw li l-istabbilimenti pubbliċi jistgħu jibbenefikaw minn ħlasijiet bil-quddiem mill-Istat, barra minn hekk espliċiti, iżda li dan ma jimplika l-ebda dritt ta' teħid mill-istabbilimenti pubbliċi tal-baġit tal-Istat; kif indikat l-esperta tal-Kummissjoni, is-sistema ta' ħlasijiet bil-quddiem tal-azzjonisti aktarx li tibbenefika lill-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Istat, hi x'inhi l-forma ġuridika tagħhom, u għalhekk ma jħallix li ssir kwalunkwe konklużjoni għall-IPIK biss; barra minn hekk, u għall-kuntrarju ta' dak li tgħid l-esperta tal-Kummissjoni, dawn il-ħlasijiet bil-quddiem jikkunsidraw bis-sħiħ ir-restrizzjonijiet Komunitarji peress li huma parti mil-loġika ta' investitur prudenti.

(178) Il-Kummissjoni tikkonkludi li:

— it-testi tal-liġi Franċiża jawtorizzaw u saħansitra jinkoraġġixxu l-Istat sabiex jagħmel għotjiet lill-istabbilimenti pubbliċi minflok self bankarju konvenzjonali f'każ ta' sitwazzjoni ta' nuqqas ta' flus kontanti; l-aċċess għal dawn ir-riżorsi bl-ebda mod ma jiddependi mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat; dawn l-għotjiet jistgħu jikkostitwixxu r-"riżorsi addizzjonali" previsti mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980;

— dawn it-testi huma magħrufa mal-kredituri, li għalhekk huma intitolati li jikkunsidraw li l-awtorità regolatorja tista' ssib ir-riżorsi meħtieġa sabiex tħallas id-dejn dovut lilhom;

— La Poste madankollu m'għandha l-ebda dritt li tieħu minn dawn ir-riżorsi.

(179) Billi:

— il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha ma jipprevedu l-ebda proċedura ta' likwidazzjoni-għajbien bl-għajbien tad-drittijiet u l-obbligi;

— il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha fl-ebda ħin ma jipprevedu li r-riżorsi ma jistgħux jinstabu;

— id-dokumenti tal-baġit juru li l-IPIK jistgħu jibbenefikaw minn ħlasijiet speċjali bil-quddiem f'każ ta' bżonn urġenti ta' flus kontanti;

il-Kummissjoni tqis li l-ipoteżi li fiha l-kreditur jonqos milli jikseb il-ħlas tat-talba tiegħu minħabba l-implimentazzjoni tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 hija improbabbli.

(180) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda aċċess dirett tal-istabbilimenti pubbliċi għall-kontijiet tat-Teżor, jekk b'"aċċess dirett", wieħed jifhem il-possibbiltà għal IPIK li tieħu hija stess id-deċiżjoni li tuża b'mod dirett fondi tal-Istat impoġġija għad-dispożizzjoni tagħha, mingħajr ma jkun meħtieġ l-intervent tal-Istat.

(iv) Il-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi li tiċċara d-Digriet li jimplimenta l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 hija insuffiċjenti

(181) L-ewwel, il-Kummissjoni tenfasizza li l-awtoritajiet Franċiżi m'għamlux l-emenda tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 li sejra tkun analizzata f'din is-sezzjoni. Għaldaqstant, l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' garanzija favur La Poste għandha neċessarjament tibbaża fuq il-liġi pożittiva u mhux fuq in-natura adegwata jew le tal-proposti tal-awtoritajiet Franċiżi, li qatt ma kienu kkonfermati, u bil-ħsieb li jeskludu kull garanzija. Minn dan jirriżulta li l-analiżi tal-Kummissjoni f'din is-sezzjoni għandha essenzjalment l-għan li tagħti deskrizzjoni sħiħa tal-proċedura li saret quddiem il-Kummissjoni.

(182) Sabiex jistabbilixxu li r-riżorsi misjuba mill-awtorità regolatorja jistgħu jiġu biss mir-riżorsi tal-grupp jew tal-istabbiliment, l-awtoritajiet Franċiżi pproponew li jemendaw id-Digriet li jimplimenta l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 b'dan il-mod: "Meta l-avviż jibqa" mingħajr effett sal-iskadenza ta' dan it-terminu, ir-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja għandha tirreġistra n-nefqa *fil-baġit tal-korp jew tal-istabbiliment pubbliku li falla*. Din tipprovdi r-riżorsi meħtieġa, jekk ikun il-każ, fil-baġit tal-korp jew tal-istabbiliment jew billi tnaqqas krediti allokati għal spejjeż oħrajn u li għadhom jistgħu jintużaw, jew billi żżid ir-riżorsi' (emendi mmarkati bil-korsiv).

(183) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota, kif għamlet fil-premessa 58 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ, li d-dokumenti, la fil-verżjoni attwali tagħhom, lanqas fil-verżjoni mibdula skont il-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi, ma jeskludu li s-sejba tar-riżorsi tista' ssir permezz ta' żieda tar-riżorsi magħmula possibbli qabel permezz ta' għotja jew użu ta' riżorsi pubbliċi.

(184) Il-Kummissjoni sejra teżamina r-rimedji li jifdal għall-kreditur fl-eventwalità improbabbli li fiha l-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ma tippermettix li l-kreditur jitħallas lura. Il-Kummissjoni sejra teżamina b'mod speċjali is-sistema ta' responsabbiltà tal-Istat sabiex tiddetermina jekk għandhiex il-karatteristiċi ta' mekkaniżmu ta' garanzija.

3. *Is-sistema ta' responsabbiltà tal-Istat fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-istabbilimenti pubbliċi tippreżenta l-karatteristiċi ta' mekkaniżmu ta' garanzija*

(185) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, fil-prinċipju l-Istat ma jistax jinżamm responsabbli kemm b'tort u kemm mingħajr tort ([91]). L-awtoritajiet Franċiżi madankollu jirrikonoxxu li fl-ipoteżi li jkun hemm ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku u li din il-ħtieġa tkun essenzjali għar-rappreżentant tal-Istat fit-twettiq tal-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, jista' jkun li l-imħallef jordna l-kumpens tal-kreditur. Mandankollu, f'din l-ipoteżi, il-kumpens ikollu biss l-effett li jpoġġi lill-kreditur fis-sitwazzjoni li kien ikun fiha fil-liġi komuni; għaldaqstant il-kreditur ma jkun qed igawdi l-ebda vantaġġ.

(186) Il-Kummissjoni tinnota madankollu li fil-liġi komuni, il-kredituri, fi kwalunkwe każ il-kredituri mhux assigurati, fil-prinċipju ma jirkuprawx it-talbiet tagħhom kollha. Barra minn hekk, il-kumpanija li tkun qiegħda tiġi likwidata ma tarax id-djun tagħha mħallsa minn terzi, kif inhu l-każ hawnhekk.

(187) L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu wkoll li fi kwalunkwe każ, il-possibbiltajiet ta' kumpens miftuħa għall-kredituri permezz tal-involviment tar-responsabbiltà ma jistgħux jiġu ttrattati bħala forma ta' garanzija.

(188) Il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu, kif sejra turi, li l-involviment tar-responsabbiltà tal-Istat (b'tort jew mingħajr tort) fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' rkupru tad-djun tal-entitajiet pubbliċi soġġetti għal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 huwa ekwivalenti għal mekkaniżmu ta' garanzija għall-finijiet tal-liġi Komunitarja peress li dan jassigura lill-kredituri r-rimbors tad-dejn dovut lilhom billi jobbliga lill-Istat Membru jħallsu f'każ li La Poste tfalli. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fil-kawża *Campoloro* għandha tendenza li tistabbilixxi garanzija awtomatika. Għalkemm kienu ħielsa li jagħmlu dan, l-awtoritajiet Franċiżi ma llimitawx dawn il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà jew ta' garanzija.

(i) Il-ġurisprudenza preċedenti: prova tas-sistema speċifika stabbilita mill-kawża *Campoloro*

(189) Kif innutat l-esperta tal-Kummissjoni, meta kreditur ta' entità pubblika soġġetta għal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 ifittex ir-responsabbiltà tal-Istat minħabba l-użu tal-prerogattivi pprovduti minn dan id-dokument, qabel il-kawża *Campoloro* (analizzat hawn taħt), l-imħallef amministrattiv identifika żewġ danni. Minn naħa, il-kreditur kien qiegħed isofri dannu minħabba li d-dejn dovut lilu ma tħallasx, dannu kkawżat mis-sitwazzjoni ta' insolvenza tad-debitur biss. Min-naħa l-oħra, il-kreditur seta' jsofri dannu separat minħabba nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-prerogattivi tal-Istat (dewmien, nuqqas ta' rieda, rifjut li jinbdew il-proċeduri, bidu parzjali tal-proċeduri, eċċ.). Dan it-tieni dannu ma setax jiġi evalwat billi jiġi rkuprat l-ammont tad-dejn, iżda billi tiġi stmata l-ispiża ta' dewmien jew ta' rifjut li jintużaw prerogattivi previsti mil-liġi. Din ir-reazzjoni kienet adottata mill-Qorti Amministrattiva tal-Appell ta' Lyon fil-kawża *Campoloro* ([92]).

(ii) Id-Deċiżjoni meħuda mill-Conseil d'Etat fl-2005 fil-kawża *Campoloro*

(190) Skont l-esperta tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni meħuda mill-Conseil d'Etat fil-kawża *Campoloro* tirrappreżenta żvolta minħabba li waħda mill-ipoteżijiet li tipprovdi m'għadhiex strettament każ ta' responsabbiltà, iżda taħdem bħala mekkaniżmu ta' garanzija.

(191) Jeħtieġ li wieħed ifakkar ir-raġunijiet tal-prinċipju tad-Deċiżjoni tal-Conseil d'Etat tas-Sezzjoni tat-18 ta' Novembru 2005, *Société fermière de Campoloro*, nru 271898:

"billi, permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-leġiżlatur kellu l-ħsieb li jagħti lir-rappreżentant tal-Istat, f'każ ta' nuqqas ta' awtorità lokali li tiżgura t-twettiq ta' deċiżjoni ġudizzjarja li għandha l-forza ta' res judicata, u wara intimazzjoni biex tagħmel dan, is-setgħa li jissostitwixxi l-korpi ta' din l-awtorità sabiex isib jew joħloq ir-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa ta' din id-deċiżjoni tal-qorti; li għal dan il-għan, għandu, taħt is-sorveljanza tal-imħallef, jieħu, minħabba s-sitwazzjoni tal-awtorità u l-ħtiġijiet ta' interess ġenerali, il-miżuri meħtieġa; li fost dawn il-miżuri, ikun hemm il-possibbiltà li jbiegħ proprjetà li tappartjeni għall-awtorità sakemm dawn ma jkunux essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-servizzi pubbliċi li għalihom hija responsabbli; li jekk il-prefett jastjeni jew jonqos li juża l-prerogattivi mogħtija lilu mil-liġi, il-kreditur tal-awtorità lokali huwa intitolat li jagħmel talba kontra l-Istat minħabba negliġenza serja fl-eżerċizzju tal-poter ta' superviżjoni; li minbarra dan, fl-ipoteżi li, minħabba s-sitwazzjoni tal-awtorità, b'mod speċjali n-nuqqas ta' assi tagħha, jew minħabba r-rekwiżiti ta' interess ġenerali, il-prefett seta' legalment jirrifjuta li jieħu ċerti miżuri sabiex jassigura l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni tal-qorti, id-dannu li jirriżulta għall-kreditur tal-awtorità lokali jista' jinvolvi r-responsabbiltà tas-setgħa pubblika jekk ikun ta' natura anormali u speċjali".

(192) B'hekk il-Conseil d'Etat jistabbilixxi mekkaniżmu b'effett doppju.

(193) L-ewwel nett, huwa jorganizza sistema ta' responsabbiltà tal-Istat ibbażata biss fuq nuqqas tal-użu tal-prerogattivi introdotti mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha. Din hija sistema ta' responsabbiltà għal negliġenza kbira. L-għażla ta' negliġenza kbira hija ġġustifikata mix-xewqa li ma jsirx trasferiment awtomatiku tad-dejn tal-awtorità lill-Istat. Skont kummentatur prudenti ([93]), "jekk il-prefett jieħu miżuri sabiex jipprova jsib ir-riżorsi addizzjonali iżda dawn il-miżuri ma jkunux biżżejjed minħabba l-ammont kbir ta' dejn tal-awtorità, huwa probabbli li l-imħallef jikkunsidra li ma tkun twettqet l-ebda negliġenza kbira". Hawnhekk, ir-responsabbiltà għal negliġenza kbira hija "klassika" u ma titqiesx bħala mekkaniżmu ta' garanzija f'każ ta' insolvenza tal-korp debitur, minħabba li ma tistax ittaffi s-sitwazzjoni ta' insolvenza.

(194) It-tieni, id-Deċiżjoni tipprevedi l-involviment tar-responsabbiltà mingħajr tort f'żewġ ipoteżijiet.

(195) Skont l-ewwel ipoteżi, "minħabba rekwiżiti ta' interess ġenerali, il-prefett seta" legalment jirrifjuta li jieħu ċerti miżuri sabiex jassigura l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni tal-qorti'. Dan huwa każ klassiku ta' astensjoni tal-amministrazzjoni ġġustifikata minn raġunijiet ta' interess ġenerali, li jinvolvi r-responsabbiltà tagħha għall-ksur tal-ugwaljanza quddiem l-obbligazzjonijiet pubbliċi. Teoretikament id-debitur mhuwiex insolventi, iżda l-Istat jiddeċiedi li ma jużax ir-riżorsi potenzjali tiegħu għal raġunijiet ta' interess ġenerali. Din is-sitwazzjoni ma turix xi mekkaniżmu ta' garanzija, minħabba li d-dannu għall-kreditur jirriżulta minn deċiżjoni tal-Istat u mhux mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' solvenza tad-debitur. Madankollu, il-konsegwenzi huma l-istess bħal dawk ta' mekkaniżmu ta' garanzija.

(196) Min-naħa l-oħra, it-tieni ipoteżi ta' responsabbiltà mingħajr tort tixbaħ aktar lill-mekkaniżmu ta' garanzija. Il-Conseil d'Etat isib li "fl-ipoteżi fejn, minħabba s-sitwazzjoni tal-awtorità, jiġifieri n-nuqqas ta' assi, […], il-prefett seta" legalment jirrifjuta li jieħu ċerti miżuri sabiex jassigura l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni tal-qorti, id-dannu li jirriżulta għall-kreditur tal-awtorità lokali jista' jinvolvi r-responsabbiltà tas-setgħa pubblika jekk ikun ta' natura anormali u speċjali'. Wieħed jinnota li l-avveniment li ħoloq ir-responsabbiltà huwa sempliċement il-pożizzjoni finanzjarja tal-awtorità debitriċi. L-għażla ta' sistema ta' responsabbiltà mingħajr tort tħaffef l-oneru tal-prova li jaqa' fuq il-kreditur, minħabba li dan ikollu sempliċement juri l-avveniment, il-kawżalità u l-ħsara.

(197) Dejjem skont l-esperta tal-Kummissjoni, jitfaċċaw żewġ similaritajiet bejn din is-sistema ta' responsabbiltà u s-sistema ta' garanzija. L-ewwel nett, l-avveniment ma jistax jiġi attribwit lill-Istat oġġettivament minħabba li huwa s-sitwazzjoni tal-korp debitur: din is-sistema ta' responsabbiltà tibbaża fuq l-istess fatt bħall-mekkaniżmu ta' garanzija, jiġifieri l-insolvenza tad-debitur. Fit-tieni lok, id-dannu li qed jirreferi għalih il-Conseil d'Etat, fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni oħra, jidher li huwa n-nuqqas ta' ħlas tad-dejn innifsu, fatt li jagħti bidu wkoll għall-garanzija.

(198) Ċertament, il-Conseil d'Etat jillimita l-involviment tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni anormali u speċjali. Skont l-esperta tal-Kummissjoni, fil-każ ta' anormalitajiet, wieħed jista' jirraġuna bl-eliminazzjoni. Jew id-dejn huwa żgħir u allura wieħed jista' raġonevolment jassumi li mhux ser ipoġġi l- istabbiliment pubbliku nazzjonali (b'mod partikolari La Poste) f'sitwazzjoni ta' insolvenza. Jew id-dejn huwa kbir ħafna u minnu tirriżulta n-natura anormali tad-dannu. Rigward in-natura speċjali tad-dannu, wieħed jista' jassumi li l-kredituri ta' stabbilimenti pubbliċi li jkollhom dejn kbir mhumiex ħafna. Għaldaqstant, il-limitu stabbilit mid-deċiżjoni tal-Conseil d'Etat mhuwiex verament limitu minħabba li nistgħu nassumu li s-sitwazzjoni tad-djun il-kbar biss sejra tkun verament ikkonċernata, sitwazzjoni li għaliha dejjem ser ikun hemm dannu gravi aktar min-normal.

(199) Din hija wkoll l-interpretazzjoni tal-artikli akkademiċi l-aktar politiċi. Għalhekk, skont il-kummentarju ta' P. Bon (imsemmi qabel), "f'din l-ipoteżi li tikkorrispondi probabbilment għal dan il-każ meta wieħed iqis id-differenza evidenti bejn l-ammont tal-piena imposta mill-imħallef lill-awtorità u r-riżorsi limitati ta' din tal-aħħar, il-prefett isib ruħu, b'ċertu mod, mingħajr għażla, peress li huwa dubjuż kemm jista' jsib ir-riżorsi meħtieġa li jippermettu lill-awtorità li tħallas id-dejn tagħha kollu. Naturalment l-ekwità titlob li ż-żewġ kumpaniji rikorrenti, wara tant snin, jiġu kkumpensati'. "huwa jibdel lill-Istat f'assiguratur obbligat tal-konsegwenzi dannużi ta' tali inkompetenza [dik tal-awtorità]". Skont l-esperta tal-Kummissjoni, it-terminu xieraq mhuwiex "assiguratur" iżda "garanti obbligat".

(200) Fil-kronaka tagħhom dwar il-kawża *Société fermière de Campoloro* ([94]), C. Landais u F. Lenica, responsabbli mid-dipartiment ta' dokumentazzjoni tal-Conseil d'Etat fiż-żmien tal-qari tas-sentenza, jenfasizzaw il-karatteristika unika ta' din it-tieni ipoteżi u jirrifjutaw li jinterpretawha bħala li tittrasferixxi lill-Istat il-piż tad-djun tal-awtoritajiet lokali. Iżda l-esperta tal-Kummissjoni tenfasizza li jekk l-interpretazzjoni tiġi diskussa, din għandha tiġi kkunsidrata fil-qari tas-sentenza. It-tmiem tal-kumment jiżvela wkoll: il-kummentaturi jikkunsidraw self jew għotja speċjali. Għaldaqstant, wieħed jinnota li dawk li jirrifjutaw li jxebbhu s-sistema ta' responsabbiltà adottat ma' mekkaniżmu ta' garanzija finalment jagħmlu użu minn elementi oħrajn tal-mekkaniżmu ta' garanzija (għotja).

(201) L-esperta tal-Kummissjoni tiċħad ukoll l-evalwazzjoni magħmula minn D. Labetoulle fl-artiklu tiegħu dwar ir-responsabbiltà mingħajr tort fil-liġi amministrattiva ([95]), ikkwotat mill-gvern Franċiż fil-kummenti tiegħu. Dan l-awtur jirrimarka li l-Conseil d'Etat jikkunsidra fil-kawża *Campoloro* li d-deċiżjoni legali tal-prefett "aktarx li tinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat". Huwa jikkonkludi li ma hemm l-ebda proċess awtomatiku. Skont l-esperta tal-Kummissjoni, din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi aċċettata. Fil-fatt, dak li jikkunsidra l-Conseil d'Etat, huwa li d-deċiżjoni tal-prefett aktarx li tinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat "jekk huwa [id-dannu] ikun ta' natura anormali u speċjali". L-inċertezza ma tirrigwardax il-prinċipju tal-eżistenza ta' responsabbiltà u tal-involviment tagħha jekk dawn il-komponenti jingħaqdu flimkien, iżda l-eżistenza ta' dannu li jippreżenta ċerti partikolaritajiet. Madankollu, kif rajna qabel, jekk id-dannu jkun speċjali u anormali, xejn ma jeskludi li tinħoloq ir-responsabbiltà. Għaldaqstant, jeżisti proċess awtomatiku fil-livell tal-istess prinċipju tal-involviment ta' responsabbiltà li tippreżenta l-karatteristiċi kollha ta' garanzija.

(202) Fl-aħħar nett, l-esperta tal-Kummissjoni tinnota li l-ebda kummentatur tal-ġurisprudenza *Campoloro* ma jikkontempla li d-dejn jista' jibqa' mhux imħallas.

(203) L-esperta tal-Kummissjoni tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-Conseil d'Etat imsemmija qabel fil-kawża *Campoloro* tat bidu għal sistema ta' responsabbiltà li tippreżenta l-karatteristiċi ta' mekkaniżmu ta' garanzija.

(iii) Is-soluzzjoni tal-kawża *Campoloro* mill-Qorti Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem (QEDB)

(204) Il-QEDB, f'deċiżjoni tas-6 ta' Diċembru 2006, *Société de gestion du port de Campoloro* u *Société fermière de Campoloro* vs *Franza* ([96]), solviet il-kwistjoni *Campoloro* billi tefgħet fuq l-Istat il-piż tad-dejn kollu dovut lill-kumpaniji rikorrenti mill-belt ta' Santa-Maria-Poggio. Il-każ juri li l-involviment tar-responsabbiltà tal-Istat Franċiż, f'dan il-każ, jaħdem bħala garanzija impliċita tad-dejn tal-awtoritajiet pubbliċi u mhuwiex marbut ma xi kundizzjoni ta' dannu.

(205) Quddiem il-Qorti, l-awtoritajiet Franċiżi ppruvaw jibbażaw, minn naħa, fuq in-nuqqas tal-avveniment attribwibbli lill-Istat u, min-naħa l-oħra, fuq in-nuqqas ta' garanzija tal-Istat lejn l-awtoritajiet pubbliċi li jkollhom personalità ġuridika. Wieħed jista' jaqra li "[il-Gvern Franċiż] jikkunsidra li raġunijiet oġġettivi biss li jirrigwardaw biss l-impossibbiltà fiżika għall-awtorità biex tidentifika biżżejjed dħul dewmu l-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenzi"; "Il-Gvern isostni għalhekk li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi mogħtija mhuwiex ir-riżultat ta' astensjoni volontarja tal-awtoritajiet nazzjonali, l-Istat jew il-belt. In-nuqqas ta' kreditu mhuwiex skuża iżda realtà dovuta għall-insolvenza tal-korporazzjoni debitriċi"; "In-nuqqas ta' ħlas tad-dejn jirriżulta biss mid-diffikultajiet finanzjarji tal-awtorità u dawn iċ-ċirkostanzi mhux probabbli li jeżentaw lill-awtorità mill-obbligi tagħha, lanqas li jittrasferixxu l-piż tad-dejn tagħha lill-Istat (KE, awtorità ta' Batz sur Mer, 25 ta' Settembru 1970). Fil-liġi interna, mhemm l-ebda bażi legali għal sostituzzjoni tal-awtorità mill-Istat għas-soluzzjoni tal-kumpens. Din is-sostituzzjoni ma tista" lanqas tinvoka l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minħabba li tali soluzzjoni tmur kontra l-istess kunċett ta' koporattiva, li jassumi indipendenza, proprjetà separata'. Għalkemm il-gvern Franċiż ipprova jargumenta b'mod preċiż id-differenzi, li għadhom kemm ġew spjegati hawn fuq, bejn is-sistema ta' responsabbiltà u l-mekkaniżmu ta' garanzija, dawn l-argumenti finalment ma ġewx aċċettati mill-Qorti.

(206) Biex intemmu l-prova, jeħtieġ ukoll li nuru l-argumenti tar-rikorrenti, li, għall-kuntrarju, ġew aċċettati mill-Qorti:

"Għalhekk il-liġi interna ma tipprovdi l-ebda mezz paljattiv li jittratta s-sitwazzjoni ta' sospensjoni ta' ħlas tal-awtorità"; "L-Istat ma jistax ma jaqdix l-obbligu tiegħu li jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-qorti billi jikkwota n-nuqqas ta' kreditu jew l-awtonomija tal-awtoritajiet lokali li ma jistax jiggarantixxi sal-lum minħabba li l-awtorità mhijiex f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha. Ir-rikorrenti għalhekk jiddenunzjaw il-falliment tal-Istat biex jieħu miżuri pożittivi li kienu jippermettu lill-awtorità timplimenta l-obbligu fiskali impost fuqha" "Ir-rikorrenti josservaw li l-Conseil d'Etat, fid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2005, iddeċieda li l-leġiżlatur xtaq li jagħti lir-rappreżentant tal-Istat, f'każ ta' nuqqas ta' awtorità lokali li tiżgura li timplimenta deċiżjoni ġudizzjarja, is-setgħa li jissostitwixxi lill-korpi ta' din il-awtorità sabiex jidentifika jew joħloq ir-riżorsi għall-implimentazzjoni sħiħa ta' din id-deċiżjoni tal-qorti. Huwa fuq il-bażi ta' dawn in-nuqqasijiet min-naħa tal-Istat Franċiż li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-konstatazzjoni tal-ksur tal-Artikolu 6 § 1 u l-kumpens sussegwenti, minħabba li dan ma jġib miegħu l-ebda kontradizzjoni mal-istess kunċett ta' personalità ġuridika u lanqas ma' dawk ta' indipendenza u ta' proprjetà separata".

(207) Il-Qorti finalment sabet ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, partikolarment minħabba li: "Jeħtieġ għalhekk li dawn is-sentenzi jiġu implimentati, filwaqt li l-Qorti tfakkar li l-ebda awtorità tal-Istat ma tista" tuża l-iskuża ta' nuqqas ta' riżorsi tagħha biex ma tonorax id-dejn ibbażat fuq deċiżjoni tal-qorti (Bourdov, imsemmi qabel, Taqsima 30)'.

(208) Il-Qorti sabet ukoll ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem: "L-inabbiltà li sabu ruħhom fiha l-partijiet interessati sabiex jiksbu l-implimentazzjoni ta' dawn is-sentenzi hija interferenza fid-dritt ta' proprjetà ta' dawn, li tirriżulta mill-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll nru 1. Il-Gvern ma ta l-ebda ġustifikazzjoni għal din l-interferenza, u l-Qorti tikkunsidra li n-nuqqas ta' riżorsi ma jiġġustifikax tali ommissjoni (ibid)". "B'kollox, il-Qorti tqis li l-kumpaniji rikorrenti sofrew u qegħdin isofru piż speċjali u enormi mill-fatt li ma tħallsux is-somom li kellhom jibbenefikaw minnhom ladarba jiġu implimentati s-sentenzi msemmija qabel fid-data tal-10 ta' Lulju 1992. B'hekk, kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll nru 1". Finalment, il-Qorti tefgħet il-piż tad-dejn kollu tal-awtoritajiet debituri fuq l-Istat: "Fid-dawl ta' dan li ntqal, il-Qorti tqis li huwa d-dmir tal-Istat konvenut li jiżgura l-ħlas lir-rikorrenti jew, jekk ikun meħtieġ, lil dawk nominati minnhom, tad-djun li għandhom jibbenefikaw minnhom mis-sentenzi tal-qorti amministrattiva ta' Bastia tal-10 ta' Lulju 1992 (ibidem), inklużi l-interessi, sal-jum tal-għoti ta' din id-deċiżjoni".

(209) L-esperta tal-Kummissjoni tikkonkludi minn din il-ġurisprudenza li l-Istat għandu jkopri d-djun tal-awtoritajiet pubbliċi.

(210) Skont il-Kummissjoni, minn dan joħorġu tliet elementi importanti:

— ir-responsabbiltà taħdem bħala garanzija impliċita. Minn naħa, l-Istat Franċiż huwa kkundannat li jħallas id-dejn kollu u ma saret l-ebda distinzjoni bejn dak li seta' kien riżultat tas-sitwazzjoni ta' insolvenza tal-awtorità pubblika debitriċi u kwalunkwe nuqqas attribwibbli lill-Istat. Il-kliem użat għandu jiġi enfasizzat għaliex il-Qorti ma ssemmix responsabbiltà eventwali tal-Istat, iżda tgħid li huwa dmir tal-Istat "*li jassigura*" l-ħlas. Dan il-kliem huwa aktar prodott ta' garanzija milli ta' responsabbiltà. Barra minn hekk, il-Qorti fl-ebda ħin ma tfittex l-avveniment attribwibbli lill-Istat u tibqa' tikkunsidra l-unika sitwazzjoni ta' insolvenza tad-debitur. Fl-aħħar nett, il-Qorti tagħmel trasferiment sħiħ tad-dejn kollu tal-awtoritajiet ikkundannati lill-Istat. Dawn id-diversi elementi juru li din is-sistema ta' responsabbiltà taħdem fir-realtà bħala mekkaniżmu ta' garanzija. Madankollu wieħed għandu jinnota li r-rikorrenti għandhom l-ewwel jiksbu deċiżjoni tal-qorti li tirrikonoxxi d-dejn dovut lilhom. Barra minn hekk, din il-garanzija hija impliċita minħabba li mhi rreġistrata fl-ebda dokument. Dan juri li mekkaniżmu ġuridiku tal-liġi interna jista' jiġi interpretat bħala garanzija impliċita;

— din ir-responsabbiltà tkopri d-djun tal-awtoritajiet pubbliċi li madankollu għandhom personalità ġuridika. L-eżistenza ta' personalità ġuridika u ta' proprjetà tagħha stess kienet espressament invokata mill-Gvern Franċiż sabiex jopponi għall-impenn tar-responsabbiltà tal-Istat Franċiż. Dan l-argument ġie miċħud mill-Qorti;

— l-ambitu ta' applikazzjoni tal-garanzija tal-Istat jestendi għall-awtoritajiet pubbliċi li joħorġu minnu. Il-garanzija għalhekk hija marbuta ħafna mal-istatus pubbliku tad-debitur.

(211) Ta' min ifakkar li s-soluzzjoni magħżula mill-QEDB fil-kawża *Campoloro* mhijiex unika u toħroġ minn xejra ġuridika stabbilita sew. B'hekk, fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Mejju 1980, *Artico* vs *l-Italja* ([97]), il-QEBD iddeċidiet li meta falliment huwa attribwibbli lil persuna oħra għajr l-Istat, hija r-responsabbiltà ta' dak l-Istat, debitur tal-garanzija prevista fl-Artikolu 6(1) li jaġixxi b'mod li jiżgura li r-rikorrenti jgawdi b'mod effettiv mid-dritt rikonoxxut lilu minn dan l-Artikolu. Fil-każ tad-19 ta' Marzu 1997, *Bourdov* vs *ir-Russja*, nru 59498/00, il-Qorti ddeċidiet ukoll li "awtorità tal-Istat ma tistax tuża n-nuqqas ta' kreditu bħala skuża sabiex ma tonorax id-dejn tagħha".

(iv) Evalwazzjoni tal-kummenti tal-awtoritajiet Franċiżi

(α) Kumment rigward id-differenza bejn awtoritajiet lokali u stabbilimenti pubbliċi

(212) Skont l-awtoritajiet Franċiżi ([98]), il-prova tal-esperta tal-Kummissjoni bl-ebda mod ma hija konklussiva u sempliċiment tirreferi għal diversi interpretazzjonijiet waħda wara l-oħra tal-kawża *Campoloro*; fuq kollox, hija ma tagħmilx distinzjoni bejn l-istabbilimenti pubbliċi u l-awtoritajiet lokali meta din id-differenza hija fundamentali għall-kwistjoni dwar jekk dejn jistax jibqa' ma jitħallasx. L-awtoritajiet Franċiżi hawnhekk jirrepetu l-opinjoni tal-espert tagħhom. Dan jitfa' dubju dwar il-premessa li tappoġġa r-raġunamenti tal-Kummissjoni bbażati fuq il-ġurisprudenza ta' *Campoloro*: ir-raġunament tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq ix-xebh bejn l-awtoritajiet lokali u l-istabbilimenti pubbliċi li għandhom komuni l-fatt li huma persuni ġuridiċi tal-liġi pubblika distinti mill-Istat. Madankollu, dawn iż-żewġ tipi ta' entitajiet m'għandhomx l-istess status kostituzzjonali. Għalhekk, l-eżistenza tal-awtoritajiet lokali hija ħtieġa kostituzzjonali u l-Istat għandu obbligu li jiżgura s-sopravvivenza tagħhom. L-IPIK m'għandhomx assolutament l-istess status kostituzzjonali u jistgħu jgħibu. Għaldaqstant, il-ġurisprudenza *Campoloro* li tirrigwarda l-każijiet ta' falliment tal-awtoritajiet lokali ma tistax tintuża fir-rigward tal-istabbilimenti pubbliċi.

(213) Il-Kummissjoni sejra tevalwa jekk id-differenza ta' status kostituzzjonali bejn l-awtoritajiet lokali u l-istabbilimenti pubbliċi tistax titfa' dubji fuq il-konklużjonijiet li waslet għalihom l-esperta tagħha permezz tad-deċiżjonijiet meħuda mill-QEDB u l-Conseil d'Etat fil-kawża *Campoloro*.

(214) Il-Kummissjoni tosserva li l-bażi tad-deċiżjoni tal-QEDB mhijiex il-ħtieġa li tippreżerva l-eżistenza tal-awtorità lokali kkonċernata, iżda li tippreżerva d-drittijiet tal-kreditur, jiġifieri id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq (Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem) u l-ħarsien tal-proprjetà tiegħu (Artikolu 1 tal-Protokoll nru 1): kemm jekk id-debitur huwa stabbiliment pubbliku kif ukoll jekk huwa awtorità lokali, id-drittijiet tal-kreditur jinkisru bl-istess mod.

(215) Rigward id-deċiżjoni tal-Conseil d'Etat, jeħtieġ li wieħed jagħmel distinzjoni bejn id-diversi sistemi ta' responsabbiltà:

— is-sistema ta' responsabbiltà għal negliġenza kbira hija bbażata fuq nuqqas fl-użu mill-Istat tal-prerogattivi stabbiliti mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980: għaldaqstant hija indipendenti min-natura tad-debitur: kemm awtorità lokali kif ukoll stabbiliment pubbliku.

— is-sistema ta' responsabbiltà mingħajr tort, hija, min-naħa tagħha, ibbażata fuq żewġ ipoteżijiet:

(a) Fl-ewwel ipoteżi, il-prefett jirrifjuta li jieħu ċerti miżuri minħabba rekwiżiti ta' interess ġenerali: dawn jistgħu jkunu l-ħtieġa li jippreżerva l-eżistenza tal-awtorità lokali, iżda wkoll li jippreżerva l-kompitu tas-servizz pubbliku. L-espert tal-awtoritajiet Franċiżi jenfasizza li l-ħtieġa ta' kontinwità tirrigwarda biss is-servizz u mhux lill-istabbiliment li tamministrah. Il-fatt jibqa' li fuq żmien qasir, sakemm isir it-trasferiment possibbli tal-kompitu ta' servizz pubbliku għal stabbiliment ieħor li kapaċi jwettqu, il-preżervazzjoni tal-kontinwità tas-servizz pubbliku tista' timplika għall-prefett li għandu jieħu ċerti miżuri, pereżempju l-preżervazzjoni tal-assi meħtieġa għall-kompitu tas-servizz pubbliku jew iż-żieda tar-riżorsi biex jitħallas id-dejn. Barra minn hekk l-awtoritajiet Franċiżi jirrikonoxxu li l-ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku hija essenzjali għar-rappreżentant tal-Istat fl-implimentazzjoni tal-proċedura stabbilita mil-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980.

(b) Fit-tieni ipoteżi, is-sistema ta' responsabbiltà mingħajr tort tista' tiġi invokata "fl-ipotezi fejn, minħabba s-sitwazzjoni tal-awtorità, b'mod partikolari in-nuqqas ta' assi tagħha, […], il-prefett seta" legalment jirrifjuta li jieħu ċerti miżuri sabiex jassigura l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni tal-qorti, id-dannu li jirriżulta għall-kreditur tal-awtorità lokali jista' jinvolvi ir-responsabbiltà tas-setgħa pubblika jekk ikun ta' natura anormali u speċjali'. Kif kien indikat aktar'il fuq, l-avveniment tar-responsabbiltà huwa biss is-sitwazzjoni finanzjarja tal-awtorità debitriċi. Din tal-aħħar tista' tkun stabbiliment kif ukoll awtorità lokali.

(216) B'konklużjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-differenza ta' status kostituzzjonali bejn l-awtoritajiet lokali u l-isituzzjonjiet pubbliċi ma tinvalidax il-konklużjonijiet meħuda mill-ġurisprudenza *Campoloro* mill-esperta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi għandhom l-għan li jikkuntestaw ir-rilevanza tal-kawża *Campoloro* f'dan il-każ li ma jirrigwardax awtorità lokali, meta l-kawża *Campoloro* ssemma primarjament mill-awtoritajiet Franċiżi nfushom sabiex jappoġġa l-pożizzjoni tagħhom.

(β) Kumment rigward in-nuqqas ta' bażi li tinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat

(217) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma jistgħux jifhmu fuq liema bażi tista' tiġi involuta r-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat f'każ ta' falliment ta' stabbiliment pubbliku, jekk ir-responsabbiltà tal-Istat f'dan il-kuntest ma tistax tintalab għajr jekk il-fatt (inkluża l-astensjoni) imputabbli lilu kien il-kawża diretta tad-dannu, li mhuwiex il-każ hawnhekk.

(218) Il-Kummissjoni tosserva madankollu li d-deċiżjoni tal-Conseil d'Etat u d-deċiżjoni tal-QEDB jistabbilixxu b'mod ċar li r-responsabbiltà mingħajr tort tal-istat tista' tintalab.

(γ) Kumment rigward in-nuqqas ta' dannu anormali u speċjali

(219) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi ma jistgħux jifhmu għalfejn l-imħallef jikkunsidra d-dannu bħala "speċjali" meta dan jikkonċerna lill-kredituri kollha tal-istabbiliment, jew bħala "anormali" jekk il-kredituri jkunu aċċettaw li jsellfu flus lil entità f'sitwazzjoni finanzjarja inċerta.

(220) Il-Kummissjoni tosserva li l-eżistenza ta' dannu anormali u speċjali huwa effettivament limitu tal-involviment tar-responsabbiltà tal-Istat skont il-ġurisprudenza tal-Conseil d'Etat. L-awtoritajiet Franċiżi jiddubitaw li hemm dannu anormali, meta l-kredituri jkunu aċċettaw li jsellfu flus lil entità f'sitwazzjoni finanzjarja inċerta. Il-Kummissjoni tinnota f'dan ir-rigward li dan l-argument jippresupponi li l-garanzija ma teżistix (u li l-kredituri jaħsbu li din ma teżistix), meta l-analiżi żviluppata hawn fuq turi l-kuntrarju. Fil-fatt, jekk il-kredituri jkollhom fiduċja fl-eżistenza tal-garanzija, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istabbiliment tkun ħafna inqas kritika għal kull kreditur meta jiddeċiedi li jagħti self lill-istabbiliment u meta jinnegozja t-termini ta' dan is-self. Barra minn hekk, wieħed għandu jikkunsidra li d-dejn ġie kuntrattat meta l-istabbiliment pubbliku ma kienx fil-periklu jew li l-kredituri ma kienux raġonevolment konxji mid-diffikultajiet finanzjarji tiegħu. Fi kwalunkwe każ, il-kunċett ta' dannu anormali għandu jinftiehem lil hinn mill-kwistjoni ta' jekk l-istabbiliment kienx jew le f'diffikultajiet finanzjarji u anki lil hinn mill-kwistjoni jekk id-dannu kienx imġarrab mill-kredituri kollha jew minn wieħed biss. Skont il-ġurisprudenza li tirrigwarda r-responsabbiltà amministrattiva mingħajr tort ([99]), id-dannu anormali u speċjali għandu jiġi evalwat b'referenza għall-interess ġenerali. Biex jikkwalifika bħala dannu anormali u speċjali, id-dannu għandu jkollu importanza sproporzjonata mal-interess ġenerali segwit għal dak li jsofrih. Il-Kummissjoni minn dan tikkonkludi li n-natura anormali u speċjali tad-dannu tirrappreżenta mingħajr ebda dubju filtru li jista' jipprevjeni l-kumpens għal ċertu numru ta' djun, iżda li dan il-filtru jkollu inqas effett jekk id-dejn ikun kbir. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-eżistenza ta' dannu anormali u speċjali mhijiex kundizzjoni imposta mill-ġurisprudenza tal-QEDB. Għaldaqstant, kull kreditur jista' fil-prinċipju jikseb kumpens mill-Istat li jkopri t-talba tiegħu fi tmiem proċedura ġudizzjarja.

(v) In-nuqqas ta' limitazzjoni tar-responsabbiltà u/jew tal-garanzija tal-Istat

(221) Il-Kummissjoni tenfasizza li, kif intwera aktar'il fuq, xejn ma jżomm lil-leġiżlatur, kif jagħmel fil-każ ta' ċerti kumpaniji, milli jipprovdi li l-Istat ma jkunx responsabbli għad-djun tal-IPIK għajr sal-limitu tal-kontribuzzjoni (jew allokazzjoni) inizjali tagħha. B'mod partikolari, xejn ma jżomm lil-leġiżlatur milli jipprovdi limitazzjoni tar-responsabbiltà jew sempliċement li jispeċifika li l-Istat azzjonist ma jistax ikun responsabbli għad-dejn ta' IPIK għajr fil-każ ta' tort jew ta' fatt ċar tas-sempliċi insolvenza tal-IPIK, fatt li jkun attribwibbli lilu personalment u li jkun il-kawża ta' dannu partikolari. Għaldaqstant, il-leġiżlatur jista' b'mod leġittimu jostakola l-garanzija tal-Istat lill-IPIK u jillimita l-involviment tar-responsabbiltà tal-Istat fir-rigward ta' danni sofferti mill-kredituri. Madankollu dawn id-dettalji ma ssemmewx mill-awtoritajiet Franċiżi.

(vi) Konklużjoni tal-Kummissjoni

(222) Il-Kummissjoni tikkonkludi mill-punti (i) sa (v) li fil-liġi attwali Franċiża, kreditur li ma jkunx tħallas tad-dejn dovut lilu permezz tal-proċeduri tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 jista' jieħu s-somma kollha tad-dejn mhux onorat billi jitlob ir-responsabbiltà tal-Istat bħala l-aħħar rikors, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ fil-kuntest ta' likwidazzjoni tal-liġi komuni fejn ir-rimbors tal-kreditur huwa limitat mill-valur tal-assi disponibbli. Ir-responsabbiltà tal-Istat hija ttrattata bħala garanzija. Din ma hija soġġetta għall-ebda limitazzjoni minn xi dokument tal-liġi Franċiża. Hija intrinsikament marbuta mal-istatus tal-liġi pubblika tal-korp debitur.

(vii) Analiżi tal-proposta Franċiża dwar il-klawżola fil-kuntratti

(223) L-awtoritajiet Franċiżi huma lesti, jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' nuqqas ta' għajnuna, li jwessgħu l-proposta tal-inklużjoni tan-nuqqas ta' garanzija fil-kuntratti kollha li jinvolvu dejn. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, din l-estensjoni tippermetti li jitneħħa kull riskju ta' involviment tar-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat ibbażata fuq is-sempliċi insolvenza ta' La Poste.

(224) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-punt magħmul fil-premessa 181 huwa b'mod ċar applikabbli għal din is-sezzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, kif indikat fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li din hija miżura li tista' tillimita l-possibbiltajiet għall-kreditur li ffirma tali kuntratt li jikseb ir-rimbors tat-talba tiegħu permezz ta' azzjoni legali. Hija għandha dubji madankollu rigward is-sostenibbiltà ta' din is-soluzzjoni, minħabba li l-eċċezzjoni ta' riskju aċċettat hija regola stabbilita mill-ġurisprudenza li dejjem tista' tinbidel (il-bidla ġurisprudenzjali inqas u inqas tista' tkun eskluża jekk il-ġurisprudenza tevolvi lejn l-estensjoni tas-sistema tar-responsabbiltà mingħajr tort tal-Istat). Bi tweġiba għall-kummenti tal-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni tenfasizza li r-rimarki preċedenti ma jġiegħlux lill-Kummissjoni tiċħad kull effett tal-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi, iżda tenfasizza l-fraġilità tal-qafas legali li jirriżulta minnha.

(225) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li l-proposta tal-awtoritajiet Franċiżi hija biżżejjed għaliex il-garanzija tal-Istat tista' tapplika għal kull tip ta' responsabbiltà, inkluż b'mod partikolari r-responsabbiltà mhux kuntrattwali u r-responsabbiltà kriminali, li minn din il-perspettiva juru l-istess karatteristiċi: huwa impossibbli li wieħed ibassar minn qabel, permezz ta' kuntratt, għad-debituri li l-Istat mhuwiex responsabbli għad-djun ta' La Poste. B'mod ġenerali, La Poste tista' tkun midjuna lejn parti terza permezz ta' mekkaniżmi ġuridiċi varji, li jimplika l-garanzija tal-Istat f'każ ta' falliment. Pereżempju, kieku La Poste kellha tassorbi struttura oħra (stabbiliment pubbliku ieħor), hija tingħata fl-istess ħin id-drittijiet u l-obbligi ta' din l-istruttura. Kieku kellha aktar tard tonora d-djun ta' din l-istruttura fil-konfront ta' parti terza, l-ebda kuntratt jew dokument ġuridiku ma jkun stabbilixxa li l-Istat mhuwiex meħtieġ li jħallas id-djun ta' La Poste fil-konfront tal-kredituri tal-istruttura assorbita, minħabba li ħadd ma seta' jbassar dan minn qabel. Għalhekk, permezz ta' mekkaniżmu ta' bidla (amalgamazzjoni, akkwist) ta' ċerti strutturi fi ħdan is-settur pubbliku, La Poste tista' ssir responsabbli għal ċertu dejn lejn partijiet terzi, mingħajr ma jkun possibbli li permezz ta' kuntratt tiġi prevista limitazzjoni tal-garanzija tal-Istat. Il-fatt li tiddaħħal tali klawżola fil-"kuntratti" mal-"kredituri" għalhekk mhuwiex biżżejjed minħabba li ma tkoprix l-ipoteżijiet kollha. Tali formulazzjoni tista' tħalli għaddejjin pretensjonijiet minn partijiet terzi li mhumiex identifikabbli mal-ewwel daqqa t'għajn. Dokument ġenerali biss li jindika li l-Istat mhuwiex il-garanti ta' La Poste, applikabbli f'kull sitwazzjoni u għal kull tip ta' parti terza huwa biżżejjed.

(226) Fl-aħħar nett, anki jekk wieħed jassumi li l-proposti Franċiżi jimblukkaw kull possibbiltà għall-kreditur ta' La Poste li jitlob ir-responsabbiltà tal-Istat biex jikseb ir-rimbors tad-dejn dovut lilu (ipoteżi li, skont il-Kummissjoni, mhijiex verifikata), dawn il-proposti ma jippermettux li jiġi stabbilit b'mod ċar x'jiġri f'każ ta' insolvenza ta' La Poste. Fil-fatt, kreditur ta' La Poste li ma jkunx kiseb ir-rimbors tad-dejn dovut lilu billi jitlob l-issodisfar tat-talba personali tiegħu dejjem jista' jittama li jikseb ir-rimbors tad-dejn dovut lilu fil-kuntest tar-riorganizzazzjoni globali ta' La Poste, iffinanzjata mill-Istat kif ser jintwera aktar tard f'din id-deċiżjoni.

4. *Anki jekk ma jiħux sodisfazzjon, il-kreditur jista' joħloq effetti legali għall-iżball leġittimu li wettaq meta fforma d-dejn fuq il-fatt li dan ser ikun dejjem onorat*

(227) L-użu tat-teorija tal-apparenza [100] jippermetti li tiġi kkonfermata l-prova. Fil-fatt, anki jekk wieħed isegwi r-raġunament tal-awtoritajiet Franċiżi, li ma teżistix garanzija bla limitu favur La Poste minħabba l-istatus tagħha, raġunament li l-Kummissjoni tirrifjuta, l-elementi analizzati hawn fuq iwasslu b'mod leġittimu lill-kredituri li jaħsbu li tali garanzija teżisti xorta waħda. It-teorija tal-apparenza tkabbar l-effett prodott mill-koinċidenza ta' sensiela ta' indizzji.

(228) L-indizzji prinċipali rilevanti għat-teorija tal-apparenza huma mqassra hawn taħt:

— rigward il-garanzija tal-Istat favur l-IPIK, hemm testi differenti (il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha) jew dokumenti uffiċjali (dokumenti baġitarji) li jawtorizzaw lill-kreditur jaħseb li l-Istat ser iħallas id-djun tal-IPIK f'każ ta' nuqqas ta' flus jew jidħol responsabbli għalihom;

— in-nuqqas ta' kjarifika tal-liġi wara l-kawża *Campoloro* u tal-proċeduri inizjali mibdija mill-Kummissjoni dwar l-istatus tal-IPIK ukoll ikabbru l-fiduċja tal-kredituri dwar l-eżistenza ta' tali garanzija;

— in-nuqqas ta' indikazzjoni ċara dwar l-effetti ta' sitwazzjoni ta' sospensjoni tal-ħlasijiet minn IPIK ukoll jaħdem f'din id-direzzjoni;

— ir-reazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tidħol ukoll f'dan il-kuntest, peress li partijiet terzi, b'mod żbaljat jew ġustament, jagħtu importanza lill-istatus ta' debitur biex jagħtuh grad li għandu rwol ewlieni fil-finanzjament (dan ser jintwera fis-sezzjoni 4.1.2.a) ta' din id-Deċiżjoni).

(229) Skont il-konklużjonijiet tal-esperta tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li anki jekk, fl-ipoteżi sostnuta mill-awtoritajiet Franċiżi, kien b'mod żbaljat li kreditur jassumi li l-Istat huwa obbligat jigarantixxi d-djun tal-istabbilimenti pubbliċi u ta' La Poste b'mod partikolari, l-iżball tiegħu huwa leġittimu fid-dawl tal-elementi msemmija qabel u l-liġi tista' tagħtih effett. Jekk, b'mod speċjali, il-kreditur ma jirnexxielux jikseb il-ħlas tad-dejn dovut lilu, huwa xorta waħda jkun assigurat li bl-ebda mod mhuwa probabbli li d-dejn jgħib.

B. ***Garanzija fuq iż-żamma tal-eżistenza ta' La Poste u/jew tal-obbligi tagħha***

(230) Kif ser jintwera, anki jekk, fi żmien raġonevoli u wara l-użu tal-proċeduri deskritti fis-sezzjoni preċedenti, il-kreditur ma jirnexxilux jikseb il-ħlas tad-dejn dovut lilu, jibqa' assigurat li dan mhuwiex ser jgħib. Meta kumpanija privata tagħlaq, id-drittijiet u l-obbligi tagħha aktarx li jgħibu magħha. Il-proċedura ta' likwidazzjoni tal-kumpaniji ma toffri l-ebda assigurazzjoni tal-ħlas tad-dejn. Is-sitwazzjoni tal-istabbilimenti pubbliċi hija differenti. Kif intwera aktar'il fuq, ma teżisti l-ebda proċedura ta' għajbien-likwidazzjoni tal-istabbilimenti pubbliċi f'sospensjoni tal-ħlasijiet bit-tħassir tad-djun tagħhom. F'każ ta' għajbien permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità pubblika, għalkemm l-ebda test ma jipprovdi dan b'mod espliċitu, il-prattika u ċerti prinċipji fundamentali tal-liġi amministrattiva għandhom it-tendenza li juru li d-drittijiet u l-obbligi tal-istabbilimenti pubbliċi li jgħibu bħala tali dejjem jiġu assorbiti minn entità oħra u, jekk le, mill-Istat. Ma teżistix likwidazzjoni-għajbien tal-istabbiliment pubbliku bir-rieda tal-awtorità pubblika bl-għajbien tad-drittijiet u l-obbligi tagħha. Għalhekk, kull kreditur huwa ċert li d-dritt derivat mill-kreditu tiegħu jista' jiġi affermat kontra korp ieħor u li t-talba tiegħu mhijiex sejra tgħib.

(231) Din il-prova hija bbażata fuq l-istudju prattiku tal-iżviluppi organiċi li jaffettwaw lill-istabbilimenti pubbliċi. Dan l-istudju, imwettaq mill-esperta tal-Kummissjoni, juri li d-djun tal-istabbilimenti pubbliċi dejjem jiġu trasferiti lil xi korporazzjoni oħra li ma tistax tirrifjutahom.

(232) L-esperta tal-Kummissjoni identifikat tliet kawżi tal-għajbien tal-istabbilimenti pubbliċi ([101]): it-terminazzjoni (1), l-għajbien tal-kompitu (2) u l-każ l-aktar komuni, it-trasferiment tal-kompitu, li jimplika neċessarjament it-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi (3).

(a) **It-terminazzjoni tal-istabbilimenti pubbliċi**

(233) Il-każ ta' terminazzjoni tal-istabbilimenti pubbliċi huwa rari. L-uniku eżempju ([102]) li sabet l-esperta tal-Kummissjoni juri li d-drittijiet u l-obbligi tal-istabbilimenti pubbliċi, b'mod speċjali fosthom id-djun (li jissemmew b'mod speċifiku) jiġu trasferiti lil korporazzjoni pubblika oħra.

(b) **L-għajbien ta' stabbilimenti pubbliċi minħabba l-għajbien tal-kompitu tagħhom**

(234) L-għajbien tal-kompitu ta' stabbiliment pubbliku jimplika kważi dejjem l-għajbien preċedenti ta' kompitu ta' servizz pubbliku. Dan ifisser li l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunux jixtiequ jaraw f'attività partikolari kompitu ta' interess ġenerali li għandhom iwettqu jew jassiguraw. Issa it-tendenza hija pjuttost li jiġu identifikati aktar u aktar attivitajiet bħala servizz pubbliku. Dan jispjega għalfejn dan il-fenomenu jibqa' limitat ħafna fl-ambitu tiegħu.

(235) Wieħed għandu madankollu jirriserva l-każ tal-istabbilimenti pubbliċi li ma jwettqux kompitu ta' servizz pubbliku, li l-għajbien tagħhom minħabba l-għajbien tal-kompitu tagħhom ma jimplikax l-għajbien preċedenti ta' servizz pubbliku. La Poste ma tidħolx f'din l-aħħar kategorija. Fi kwalunkwe każ, anki f'dan il-każ, il-prattika turi li d-drittijiet u l-obbligi ta' dawn l-istabbilimenti jittieħdu b'mod sistematiku minn entità legali oħra tal-liġi pubblika, spiss l-Istat innifsu, kif juri l-għadd kbir ta' testi u eżempji identifikati mill-esperta tal-Kummissjoni ([103]) mill-istudju li sar minn S. Carpi-Petit ([104]).

(c) **It-trasferiment tal-kompitu li jimplika t-trasferiment tad-drittjiet u tal-obbligi**

(236) It-trasferiment tal-kompitu ta' stabbiliment pubbliku lil entità oħra li jimplika t-trasferiment tad-drittjiet u tal-obbligi huwa l-każ l-aktar komuni. Il-prinċipju tal-kontinwità tas-servizz pubbliku jimplika trasferiment tal-proprjetà assenjata għall-kompitu u, għalhekk, trasferiment tad-drittjiet u tal-obbligi.

(237) Minn dan joħroġ prinċipju fundamentali: minħabba li l-kompitu jibqa', id-djun tal-istabbiliment pubbliku ta' qabel jiġu trasferiti lill-korp li jieħu l-missjoni f'idejh.

(238) Spiss ([105]), il-kompitu jingħata lil korp wieħed biss, bil-konsegwenza li l-patrimonju jiġi trasferit sħiħ mingħajr ma jsir qsim. L-istess prinċipju japplika fl-ipoteżi ta' trasferiment tal-patrimonju lil entità privata ([106]).

(239) Jeżistu wkoll ipoteżijiet ta' tqassim tal-patrimonju, li għal darb'oħra juru l-kontinwità tad-drittijiet u l-obbligi tal-istabbilimenti pubbliċi.

(240) Id-Digriet nru 74-947 tal-14 ta' Novembru 1974, rigward it-trasferiment lill-Istitut tal-Awdjoviżiv tal-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi tal-ORTF, jagħti prova konkreta tal-eżistenza ta' prinċipju ta' għażla ta' korp suċċessiv "fin-nuqqas ta' opzjoni oħra": l-Artikolu 1 "il-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi tal-Uffiċċju tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni Franċiża li ma jkunux ġew trasferiti […] lill-istabbiliment pubbliku tax-xandir jew lil xi waħda mill-kumpaniji maħluqa minn din il-liġi, jistgħu jiġu trasferiti lill-Istitut tal-Awdjoviżiv mill-1 ta' Jannar 1975 b'Ordni tal-Prim Ministru".

(241) L-ipoteżijiet li fihom il-patrimonju jiġi trasferit f'diversi stadji jikkonfermaw it-tendenza li diġà ġiet enfasizzata qabel ([107]).

(242) Meta stabbiliment pubbliku jinbidel f'kumpanija limitata, jeżistu diversi metodi ta' "trasformazzjoni":

— l-għajbien-tneħħija: il-każ l-aktar sempliċi huwa dak tal-għajbien minħabba tneħħija, meta l-istabbiliment pubbliku jiġi xolt;

— l-għajbien sostituzzjoni: l-għajbien minħabba sostituzzjoni, skont l-espressjoni ta' B. Plessix ([108]), huwa "it-tneħħija tal-istabbiliment pubbliku akkumpanjat mill-ħolqien ta' korp ġdid ieħor, li jiġi fdat bil-kompitu statutorju li kien responsabbli għalih l-istabbiliment xolt. Fi kliem ieħor, korp ġdid ieħor jissostitwixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-istabbiliment pubbliku xolt; korp ġdid ieħor jissostitwixxi l-kompiti tal-istabbiliment imneħħi".

— il-bidla mingħajr tneħħija: it-trasformazzjoni mingħajr tneħħija, jew mingħajr għajbien, hija operazzjoni bbażata fuq l-organizzazzjoni tal-kontinwità tal-istabbiliment mibdul.

(243) Il-leġiżlatur f'dawn l-aħħar snin wettaq ħafna trasformazzjonijiet mingħajr għajbien. Matul l-ewwel trasformazzjonijiet u b'mod speċjali fil-każ ta' France Télécom, il-leġiżlatur neħħa l-IPIK, imbagħad għadda għat-trasferiment tal-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi kollha tagħha lil kumpanija ġdida li kienet kumpanija privata ([109]). Imbagħad, matul l-operazzjonijiet segwenti, il-leġiżlatur għamel biss trasformazzjoni tal-forma legali mingħajr ma ħoloq entità legali ġdida. F'dan il-każ ma jkunx hemm trasferiment tal-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi tal-IPIK, lanqas sospensjoni tal-attività, iżda l-organizzazzjoni ta' kontinwità legali mil-leġiżlatur, kif jixhdu pereżempju t-termini tal-Liġi nru 2004-803 tad-9 ta' Awwissu 2004, rigward is-servizz pubbliku tal-elettriku u tal-gass lill-kumpaniji tal-elettriku u tal-gass, fl-Artikolu 25 tagħha: "it-trasformazzjoni ta' *Electricité de France* u ta' *Gaz de France* f'kumpaniji ma tinvolvi l-ebda ħolqien ta' korporazzjonijiet ġodda, lanqas sospensjoni tal-attività. Il-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi, kuntratti u awtorizzazzjonijiet ta' kull tip tal-kumpaniji *Electricité de France* u *Gaz de France*, fi Franza u barra Franza, huma dawk ta' kull waħda mill-istabbilimenti pubbliċi fil-ħin tat-trasformazzjoni tal-forma legali tagħhom. Din it-trasformazzjoni ma tippermetti l-ebda dubju dwar il-proprjetà, id-drittijiet u l-obbligi, kuntratti u awtorizzazzjonijiet u m'għandha, b'mod partikolari, l-ebda impatt fuq il-kuntratti konklużi ma' partijiet terzi minn *Electricité de France, Gaz de France […]*. L-operazzjonijiet ikkawżati minn din it-trasformazzjoni ma jirriżultawx fil-ġbir tad-drittijiet, taxxi jew taxxi ta' kwalunkwe tip ikun xi jkun" ([110]).

(244) Skont l-esperta tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-analiżi ta' ipoteżijiet differenti ta' għajbien tal-istabbilimenti pubbliċi twassal għal dawn il-konklużjonijiet li ġejjin:

— jekk ma teżistix sistema legali ġenerali li torganizza l-għajbien tal-istabbilimenti pubbliċi, il-prattika turi li t-test legali dejjem jorganizza trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi tal-istabbilimenti li tkun għebet jew lill-Istat, jew lil dik l-entità li tieħu l-kompitu tagħha. Fl-għarfien tal-Kummissjoni, mhemm l-ebda eżempju ta' test li kkunsidra l-għajbien tad-djun;

— huma "id-drittijiet u l-obbligi" li jiġu ttrasferiti, it-terminu obbligi jirreferi b'mod ċert għad-djun. Ċerti testi jużaw it-terminu aktar vag ta' "patrimonju". Skont id-dizzjunarju legali Cornu ([111]), il-patrimonju huwa "il-proprjetà u l-obbligi kollha tal-istess persuna (jiġifieri id-drittijiet u l-ħlasijiet ivvalutati fi flus)", formulazzjoni li wkoll tinkludi d-djun. L-uniku eżempju li nstab ta' għajbien sempliċi ta' stabbiliment pubbliku jipprevedi fi kwalunkwe każ it-trasferiment tad-"djun" infushom;

— anki meta jkun hemm għajbien tal-kompitu, fil-prattika, id-drittijiet u l-obbligi tal-istabbiliment jittieħdu minn korp ieħor;

— il-prattika deskritta hija konformi mal-istruzzjoni statutorja nru 02-060-M95 tat-18 ta' Lulju 2002 u l-Gwida dwar l-organizzazzjoni finanzjarja tal-ħolqien, trasformazzjoni u tneħħija tal-istabbilimenti pubbliċi nazzjonali. Anki jekk dawn it-testi jirrigwardaw biss l-istabbilimenti li għandhom accountant pubbliku, li mhux il-każ ta' La Poste, xorta waħda jikkonfermaw dak li tgħallem il-prattika, jiġifieri li d-drittijiet u l-obbligi ta' IPIK likwidata jmorru lura għall-Istat, jew għall-korp li ser iwettaq il-kompitu tal-istabbiliment.

(245) Il-Kummissjoni tikkonkludi li din l-analiżi turi li l-kreditur ta' tali stabbiliment pubbliku jista' jkun ċert li d-dejn dovut lilu mhuwiex ser jgħib mal-għajbien tal-istabbiliment.

(246) Il-prova ma tkunx kompluta mingħajr l-analiżi tal-kwistjoni jekk, bħas-suċċessjoni fil-liġi privata, l-eredi jistax jirrifjuta s-suċċessjoni, b'mod speċjali jekk id-djun huma kbar ħafna. Jidher li r-rifjut ta' suċċessjoni fil-liġi amministrattiva huwa limitat ħafna.

(247) Skont S. Carpi-Petit [112]: "għall-kuntrarju tal-liġi ċivili li tiftaħ l-għażla għas-suċċessuri kollha, il-fakultà tal-għażla mhijiex prinċipju ġenerali tal-liġi amministrattiva tas-suċċessjonijiet. Din tiġi offruta biss lil ċerti suċċessuri, skont in-natura tal-operazzjoni mwettqa. Għalhekk, it-trasmissjonijiet involuti minħabba sempliċi tneħħijiet mhumiex fakultattivi. Rigward dawk mibdija mis-sostituzzjonijiet, in-natura volontarja tagħhom tiddependi mill-preeżistenza tad-de cujus". F'dak li jirrigwarda t-tneħħija sempliċi, S. Carpi-Petit jikkonkludi mill-istudju eżawrjenti tiegħu li "in-nuqqas ta' għażla miftuħa għall-profitt tal-Istat huwa wkoll applikabbli fil-liġi amministrattiva. Dan jimplika li, f'dak li jirrigwarda l-eżistenza jew in-nuqqas tad-dritt tal-għażla, l-ipoteżi l-aktar sempliċi hija ċertament dik tat-tneħħija ta' stabbiliment pubbliku nazzjonali mingħajr bidla fil-kompitu. F'dan il-każ, fil-fatt, is-suċċessur huwa dejjem l-Istat. Jekk jirrifjuta l-proprjetà li tħalliet mill-istabbiliment pubbliku mneħħi, din tispiċċa neċessarjament mingħajr sid, li huwa eskluż. Barra minn hekk, mhuwiex possibbli li wieħed jattribwixxi l-piż tal-proprjetà lil patrimonju ieħor. Għalhekk, mhemmx għażla fil-każ tat-tneħħija sempliċi ta' stabbiliment pubbliku nazzjonali".

(248) Fir-rigward tal-ipoteżijiet ta' sostituzzjoni fil-kompitu, "jeżistu żewġ tipi ta' sostituzzjoni fil-liġi amministrattiva tas-suċċessjonijiet. Fl-ewwel ipoteżi, il-korporazzjoni tissostitwixxi l-individwu – b'ħeħh jinħoloq de cujus għal din il-funzjoni. Hija tikkostitwixxi allura l-werriet universali tal-patrimonju. Għalhekk jidher naturali li tiġi miċħuda d-dritt tal-għażla".

(249) L-esperta tal-Kummissjoni tinnota li wieħed jista' joġġezzjona għal dan ir-raġunament, fil-każ tat-tneħħijiet sempliċi ta' stabbilimenti pubbliċi minħabba t-tneħħija tal-kompitu, li l-impossibbiltà għall-Istat li jirrifjuta l-proprjetà ma timplikax neċessarjament l-impossibbiltà li jirrifjuta d-dejn. Jidher madankollu li, fil-każ tal-entitajiet pubbliċi, l-impossibbiltà li tiġi rrifjutata suċċessjoni tibbaża primarjament fuq l-istatus ta' liġi pubblika tal-istabbilimenti pubbliċi u mhux fuq l-impossibbiltà li l-proprjetà titħalla mingħajr sid.

(250) Skont l-esperta tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-djun tal-istabbilimenti pubbliċi huma fil-prattika, dejjem trasferiti lil kumpanija pubblika oħra f'każ tal-għajbien tal-istabbiliment pubbliku li kien wettaq il-kompitu. Il-kredituri ta' dawn l-istabbilimenti pubbliċi, li tagħmel parti minnhom La Poste, ikunu minħabba dan assigurati li d-djun mħux imħallsa lilhom mhumiex sejrin jgħibu.

C. ***Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' garanzija statali favur La Poste***

(251) Fuq il-bażi tal-elementi miġjuba sabiex tintwera l-eżistenza ta' garanzija fuq ir-rimbors tat-krediti individwali u fuq iż-żamma tal-eżistenza tal-obbligi ta' La Poste, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

— id-djun ta' La Poste ma jsibux l-ostakoli tas-soltu mibnija fil-liġi privata u fil-liġi pubblika li x'aktarx jopponu r-rimbors tad-dejn;

— il-kredituri ta' La Poste jistgħu jużaw għall-irkupru tat-talbiet tagħhom proċeduri speċifiċi li jawtorizzaw lill-Istat iġiegħel lill-korp debitur sabiex isolvi d-dejn u li jippermettu, jekk ikun il-każ, lill-Istat iżid ir-riżorsi ta' La Poste għall-ħlas tad-dejn;

— fl-ebda ħin, il-liġi Franċiża ma tagħti lill-kredituri ta' La Poste x'jifhmu li din tista' taffaċċja sitwazzjoni definittiva ta' nuqqas ta' flus;

— f'każ ta' nuqqas ta' flus, id-dokumenti baġitarji jissuġġerixxu li l-Istat jista' jagħti sussidju speċjali lill-korpi tas-settur pubbliku, li La Poste tagħmel parti minnu;

— jekk il-proċeduri deskritti qabel ma jippermettux li l-kreditur jikseb sodisfazzjon, jista' jinvoka r-responsabbiltà tal-Istat sabiex jikseb il-ħlas kollu tad-dejn dovut lilu;

— jekk l-azzjonijiet imsemmija qabel jieħdu ħafna żmien, il-kreditur huwa żgur li t-talba tiegħu mhijiex sejra tgħib anki jekk isir żvilupp organiku f'La Poste kif turi l-prattika.

(252) Dawn il-karatteristiċi huma intrinsikament marbuta mal-istatus ta' stabbiliment pubbliku ta' La Poste.

(253) Il-proċeduri deskritti hawn fuq jimplikaw li l-Istat għandu rwol ta' garanti bħala l-aħħar rimedju. Għaldaqstant wieħed jista' jikkonkludi b'mod leġittimu li La Poste tgawdi minn garanzija mingħajr limitu mill-Istat Franċiż minħabba l-istatus tagħha ta' stabbiliment pubbliku.

(254) Il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste tinduċi trasferiment tar-riżorsi tal-Istat fis-sens tal-punt 2.1 tal-Komunikazzjoni tal-2008 dwar il-garanziji. [113] Fil-fatt, La Poste ma tħallas l-ebda primjum għal din il-garanzija u l-Istat għalhekk jirrinunzja għall-ħlas li normalment jakkumpanja l-garanziji. Min-naħa l-oħra, il-garanzija toħloq ir-riskju tar-responsabbiltà potenzjali u futura fuq ir-riżorsi tal-Istat li jista' jsib ruħu obbligat li jħallas id-djun ta' La Poste [114].

(255) Fl-aħħar nett, il-garanzija mingħajr limitu mill-Istat favur La Poste hija attribwibbli lill-Istat peress li din hija r-riżultat tal-kombinazzjoni tal-istatus pubbliku ta' La Poste, il-prinċipju tal-liġi nazzjonali u ta' żewġ atti leġiżlattivi, jiġifieri il-Liġi tal-25 ta' Jannar 1985, li saret il-Kodiċi Kummerċjali, u l-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, kif ukoll il-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha.

4.1.2. L-EŻISTENZA TA' VANTAĠĠ SELETTIV

(256) Il-garanzija hija element essenzjali tal-għajnuna mill-Istat, li permezz tiegħu La Poste tgawdi minn kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli minn dawk li kienet tikseb kieku kellha tkun ikkunsidrata fuq il-merti tagħha waħedhom (a). Minħabba n-natura ta' garanzija mingħajr limitu, mhuwiex possibbli li wieħed jikkalkula l-ammont tal-primjum tas-suq li La Poste għandha tħallas lill-Istat, li jagħmel il-mezz ta' retroċessjoni propost mill-awtoritajiet Franċiżi inapplikabbli (b). Il-kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli miksuba minn La Poste minħabba l-garanzija impliċita tal-Istat jikkostitwixxu vantaġġ selettiv (c).

(a) **Il-garanzija hija element essenzjali tal-appoġġ mill-Istat, li permezz tiegħu La Poste tgawdi minn kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli minn dawk li kienet tikseb kieku kellha tkun ikkunsidrata fuq il-merti tagħha waħedhom**

1. *Il-kundizzjonijiet ta' kreditu huma stabbiliti b'mod partikolari fuq il-bażi tal-klassifikazzjonijiet finanzjarji*

(257) Il-kundizzjonijiet ta' kreditu huma stabbiliti b'mod partikolari fuq il-bażi tal-klassifikazzjonijiet [115] finanzjarji: aktar ma l-klassifikazzjoni ta' kumpanija tinżel minħabba riskju akbar ta' insolvenza, aktar jogħla l-ħlas impost mill-investitur. Għall-kuntrarju, kumpanija li jkollha riskju zgħir ta' insolvenza tista' tissellef f'kundizzjonijiet favorevoli ħafna.

2. *Kuntrarju għal dak li jsostnu l-awtoritajiet Franċiżi, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni jikkunsidraw li l-garanzija hija element determinanti tal-għajnuna tal-Istat lil La Poste, li permezz tiegħu din tal-aħħar tgawdi klassifikazzjoni ogħla minn din li kienet tikseb kieku kellha tkun ikkunsidrata fuq il-merti tagħha waħedhom*

(i) Il-garanzija, bħala element essenzjali tal-għajnuna tal-Istat lill-Posta, taffettwa l-klassifikazzjoni finanzjarja ta' La Poste

(α) Analiżijiet tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni [116] rigward l-eżistenza ta garanzija mill-Istat favur La Poste

(258) Fi studju dwar l-influwenza tal-għajnuna tal-Istat fuq il-klassifikazzjonijiet tal-operaturi postali, datat it-22 ta' Novembru 2004, Standard and Poor's jindikaw li "l-istatus legali ta' La Poste, li jagħtiha garanzija sovrana finali, jagħti lill-obbligi ta' La Poste garanzija statutorja finali tar-Repubblika Franċiża" [117].

(259) Fit-3 ta' April 2007, Standard and Poor's ikkonfermaw il-konklużjoni tagħhom li l-istatus ta' stabbiliment pubbliku jagħti lil La Poste garanzija finali tal-Istat Franċiż, anki jekk din il-garanzija mhijiex immedjata u espliċita, li huwa rifless fid-differenza tal-klassifikazzjoni bejn La Poste u r-Repubblika Franċiża [118].

(260) Fil-każ ta' Fitch, aġenzija ta' klassifikazzjoni oħra magħrufa, din fakkret fil-31 ta' Marzu 2006, fl-istess żmien li kkonfermat il-grad ta' AAA mogħti lil La Poste, li La Poste hija organizzazzjoni pubblika li tgawdi mill-garanzija tal-Istat Franċiż.

(261) Madankollu Fitch baxxa l-grad ta' La Poste fis-17 ta' April 2008 għal AA, u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li "l-istatus ta' operatur pubbliku ta' La Poste m'għadux jiġġustifika li l-gradi tagħha jiġu awtomatikament allinjati mal-Istat." Għalkemm Fitch jindika li "ma jippresupponix l-eżistenza ta' garanzija impliċita min-naħa tal-Istat", huwa madankollu jiddikjara li "xorta waħda jibqa" l-obbligu statutorju impost fuq l-Istat li jassumi l-obbligi ta' La Poste'. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li mill-perspettiva tal-Unjoni, ma tagħmilx differenza jekk l-obbligu tal-Istat li jassumi l-impenji ta' La Poste jirriżultax minn dik li tissejjaħ garanzija fil-liġi nazzjonali jew minn sempliċi obbligu statutorju. Fil-fatt, fiż-żewġ każijiet, hemm garanzija mill-Istat mill-perspettiva tal-Unjoni (ara l-Komunikazzjoni tal-2008 dwar il-garanziji li tispjega li l-garanziji pubbliċi jistgħu jkunu marbuta mal-forma legali tal-kumpanija nnifisha u tinvolvi kopertura tat-telf mill-Istat ([119])).

(262) Fl-4 ta' Settembru 2009, Fitch indika ([120]): "Madankollu, kif kienet indikat meta baxxiet il-grad ta' LP minn 'AAA' għal 'AA' fl-2008, l-aġenzija ma tirrikonoxxix l-eżistenza ta' garanzija impliċita min-naħa tal-Istat, favur LP, fir-rigward tal-likwidità. Fil-fatt, mill-2006, il-mekkaniżmi ta' għajnuna mill-Istat jistgħu jkunu attivati biss jekk il-ħtiġijiet ta' likwidità jkunu konformi mar-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni; minħabba dan, l-istatus ta' operatur pubbliku ta' LP m'għadux jiġġustifika li l-gradi tagħha jiġu awtomatikament allinjati ma' dawk tal-Istat. Għalhekk, l-aċċess għall-ħlas antiċipat tat-Teżor f'każ ta' kriżi ta' likwidità m'għadux aktar assigurat, fatt li jista' jittardja l-appoġġ mill-Istat f'każ ta' bżonn.' Fitch jikkunsidra għalhekk li l-garanzija fir-rigward ta' likwidità ma tistax tiġi attivata aktar mill-2006 għaliex ma tikkonformax mar-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni. Dan jikkonferma li din l-aġenzija tikkunsidra li qabel din id-data, tali garanzija kienet teżisti u setgħet tkun attivata. Fitch jagħti importanza determinanti lill-ittra tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2006 li permezz tagħha hija kienet infurmat lil Franza dwar il-konklużjonijiet preliminari tagħha rigward l-eżistenza ta' garanzija mingħajr limitu mill-Istat ([121]). Madankollu, Fitch ma tikkkunsidrax il-fatt li l-Kummissjoni, permezz ta' din l-ittra, iddeskriviet il-garanzija ta' għajnuna eżistenti u li l-ittra tas-26 ta' Frar 2006 fiha biss valutazzjoni preliminarja u mhux vinkolanti dwar l-eżistenza ta' din il-garanzija, li bl-ebda mod ma tipprevjeni l-implimentazzjoni tagħha, jekk ikun il-każ. Għalhekk, jekk kienet teżisti garanzija qabel l-2006, l-ittra tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2006 ma tannullax l-eżistenza tagħha u l-possibbiltà li tkun attivata. Dan ikun possibbli biss permezz tar-revoka tal-garanzija nnifisha jew minn Franza, jew mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' att b'effetti legali vinkolanti. B'konklużjoni, għalkemm Fitch tikkunsidra b'mod żbaljat li l-ittra tal-Kummissjoni tannulla l-garanzija, Fitch madankollu tkompli tirrikonoxxi 'il-livell ta' appoġġ speċjali li LP tista' tirċievi mill-prinċipal tagħha, kif ukoll il-probabbiltà kbira li dan jingħatalha f'każ ta' bżonn".

(β) Il-garanzija, bħala element essenzjali tal-għajnuna tal-Istat lill-Posta, taffettwa l-klassifikazzjoni finanzjarja ta' La Poste

(263) L-eżami tal-analiżijiet u l-metodoloġiji ta' Standard and Poor's u Fitch juri li l-garanzija, bħala element essenzjali tal-għajnuna tal-Istat, jaffettwa l-klassifikazzjoni finanzjarja.

— Standard and Poor's (S & P) Metodoloġija

(264) Fl-istudju msemmi qabel dwar l-influwenza tal-għajnuna tal-Istat fuq il-klassifikazzjonijiet tal-operaturi postali, S & P jispjegaw li huma jiddeterminaw il-metodoloġija li għandha tintuża sabiex tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni ta' operatur postali abbażi tal-grad stmat ta' appoġġ mill-Istat ta' dan l-operatur. S & P jagħmlu distinzjoni bejn l-operaturi postali li jgawdu mill-għajnuna tal-Istat (pereżempju l-posta Franċiża u l-posta Taljana) u dawk li ma jgawdu l-ebda appoġġ mill-Istat (bħal pereżempju Deutsche Post u TNT). Fil-kategorija ta' operaturi postali li jgawdu mill-għajnuna tal-Istat, S & P jidentifikaw tliet sottokategoriji:

— l-entitajiet li l-klassifikazzjoni tagħhom hija ugwali għal dik tal-Istat azzjonist: jappartjenu għal din il-kategorija l-entitajiet integrati sew fil-mekkaniżmi tal-gvern u li probabbilment mhumiex sejrin ikunu privatizzati; l-ebda operatur postali ma huwa klassifikat f'din il-kategorija;

— l-entitajiet li l-grad tagħhom huwa mnaqqas minn dak tal-Istat azzjonist permezz ta' tnaqqis (sa żewġ kategoriji jiġifieri 6 *notches*): dawn huma l-entitajiet li, għalkemm joperaw b'mod awtonomu, huma stabbilimenti bbażati fuq il-politika pubblika u li jgawdu appoġġ finanzjarju sostanzjali dirett jew indirett, anki jekk jeżisti livell għoli ta' inċertezza rigward il-livell u l-ħeffa tal-imsemmi appoġġ ([122]); La Poste kienet ikklassifikata f'din il-kategorija għall-inqas sal-mument li fih ġie ppubblikat dan l-istudju;

— l-entitajiet li l-grad tagħhom huwa bbażat fuq il-merti tagħhom stess b'żieda fil-grad skont l-appoġġ mill-Istat. Il-klassifikazzjoni f'din it-tielet kategorija tassumi li l-operatur postali jgawdi appoġġ mill-Istat, iżda taħt il-forma ta' politiki, regoli jew interventi possibbli f'każ ta' emerġenza minflok fil-forma ta' sussidju finanzjarju regolari dirett.

(265) F'dan l-istess studju, S & P jispjegaw li huma jivvalutaw l-appoġġ li l-Istat jagħti lill-operatur postali (u allura l-metodoloġija li għandu juża sabiex jiddetermina l-grad tal-imsemmi operatur u għalhekk *in fine* il-klassifikazzjoni) fuq erba' fatturi, li huma msemmija fl-ordni li ġejja: l-istatus tal-operatur, il-probabbiltà tal-privatizzazzjoni tiegħu, il-governanza u s-sistema regolatorja. Rigward l-istatus, S & P isemmu ġustament il-każ tal-posta Franċiża, billi jenfassizaw l-appoġġ "qawwi ferm" tal-Istat u billi jżidu minnufih li La Poste tgawdi garanzija statutorja finali mir-Repubblika Franċiża ([123]).

(266) S & P għalhekk juru s-saħħa "qawwija ferm" tal-appoġġ li l-Istat Franċiż jagħti lil La Poste permezz tal-eżistenza ta' garanzija statutorja finali. Minn dan l-appoġġ qawwi ferm, S & P jikkonkludu li l-grad ta' La Poste jista' jkun iddeterminat minn dak tar-Repubblika Franċiża bi tnaqqis li jista' jinżel l-aktar sa tliet kategoriji, jiġifieri 6 *notches*. Fil-fatt, il-grad mogħti minn S & P lil La Poste, għalkemm tnaqqas progressivament, qatt ma kien taħt l-4 *notches* mill-grad mogħti lir-Repubblika Franċiża (bi grad ta' AAA) ([124]).

(267) Il-Kummissjoni tikkonkludi minn dan li ntqal li l-garanzija mill-Istat li tgawdi La Poste hija element fundamentali fl-evalwazzjoni ta' S & P li La Poste tgawdi minn "appoġġ qawwi ferm" tal-Istat. Għalhekk huwa minħabba dan l-appoġġ "qawwi ferm" li S & P japplikaw metodoloġija *top-down* għal La Poste. Kieku S & P kienu japplikaw metodoloġija *bottom-up*, jew agħar, ma kinux iżidu l-grad ta' La Poste minħabba l-għajnuna tal-Istat kif inhu l-każ ta' Deutsche Post u TNT, La Poste kien ikollha grad aktar baxx minn dak li għandha fil-preżent. Fil-fatt, fl-istudju dwar l-influwenza tal-għajnuna tal-Istat fuq il-klassifikazzjoni tal-operaturi postali, S & P jikkunsidraw li l-prestazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji tad-Deutsche Poste u TNT huma aqwa minn dawk ta' La Poste. Madankollu, il-gradi tad-Deutsche Post u ta' TNT, ikkwotati fl-istudju ta' S & P, huma inqas minn dawk ta' La Poste. Kieku La Poste kienet ivvalutata fuq il-merti tagħha biss, hija kien ikollha grad aktar baxx minn dak li għandha bħalissa minħabba l-appoġġ "qawwi ferm" tal-Istat li S & P juri permezz tal-eżistenza tal-garanzija statutorja finali.

— L-aħħar gradi

(268) Fl-evalwazzjoni tagħhom ta' La Poste fit-3 ta' April 2007, S & P isemmu l-bidla fl-istruttura tal-kapital li timplika bidla fl-istatus u telf tal-garanzija bħala element ikkunsidrat fil-klassifikazzjoni tiegħu ([125]). S & P jispeċifikaw li diġà qed jikkunsidraw it-tibdil probabbli ta' dawn it-tliet elementi (struttura tal-kapital, status legali u garanzija) fit-tul. Sakemm iseħħ dan it-tibdil, S & P ikomplu japplikaw metodoloġija *top-down*. Issa ntwera fil-paragrafu ta' qabel li permezz ta' din il-metodoloġija, La Poste tista' tikseb u tikseb diġà grad aqwa minn dak li kienet tikseb abbażi tal-merti tagħha biss.

(269) Il-Kummissjoni tammetti madankollu li fl-istess analiżi tat-3 ta' April 2007, S & P jenfasizzaw li l-klassifikazzjoni ta' La Poste ma kinitx affettwata mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni peress li S & P jikkunsidraw li tibdil fl-istatus ta' La Poste ma jirriflettix neċessarjament tnaqqis tal-għajnuna tal-Istat li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' La Poste u li dan intwera permezz tad-deċiżjonijiet reċenti tal-gvern ([126]). Il-Kummissjoni tinnota li jeżistu elementi oħrajn minbarra l-garanzija li jiġu kkunsidrati minn S & P meta dawn jaslu għall-konklużjoni li La Poste tgawdi minn għajnuna qawwija tal-Istat li tiġġustifika metodoloġija *top-down*. Dawn l-elementi jistgħu jikkumpensaw għall-pressjonijiet li jeżistu fuq l-istatus ta' La Poste u li jġiegħlu lil S & P jantiċipaw tibdil fl-istatus u għajbien tal-garanzija fit-tul. Madankollu xorta jibqa' l-fatt li S & P jikkunsidraw il-garanzija bħala element essenzjali tal-għajnuna tal-Istat, fatt li jinfluwenza l-klassifikazzjoni.

(270) Fl-evalwazzjoni tagħhom tal-21 ta' Jannar 2009, li segwiet it-tħabbira li saret fit-18 ta' Diċembru 2008 mill-President tar-Repubblika Franċiża dwar abbozz ta' liġi li jibdel La Poste f'kumpanija limitata, S & P baxxew il-grad ta' La Poste għal A + bi prospetti negattivi. Il-prospetti negattivi kienu ġġustifikati mit-tibdil probabbli fis-sentejn li ġejjin tal-istatus legali u tal-istruttura ta' proprjetà tal-kumpanija ([127]). Skont S & P, dawn l-inizjattivi jistgħu jillimitaw il-possibbiltajiet tal-Istat li jagħti lill-operatur appoġġ speċjali f'każ ta' bżonn. Għal darb'oħra, l-istatus, li miegħu hija assoċjata l-garanzija, jissemma bħala sinjal ta' għajnuna li l-Istat jipprovdi lil La Poste.

— Il-klassifikazzjonijiet ta' Fitch

(271) Fitch ibbażat il-grad ta' AAA tagħha, mogħti lil La Poste sas-17 ta' April 2008, fuq il-fatt li La Poste hija grupp pubbliku li jgawdi mill-garanzija tal-Istat Franċiż.

(272) Fl-4 ta' Ottubru 2006, dakinhar li l-Kummissjoni rrakkomandat li Franza tneħħi l-garanzija mingħajr limitu li tgawdi minnha La Poste bħala korporazzjoni pubblika, l-aġenzija ta' klassifikazzjoni Fitch irrevediet il-klassifikazzjoni tagħha (minn AAA stabbli għal AAA negattiv), għar-raġuni li wieħed għandu jinterpreta "ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bħala l-ewwel sinjal ta' pressjoni fuq l-istatus legali ta' La Poste u għalhekk, fuq il-gradi tagħha". Dan it-tnaqqis tal-grad, kif ukoll il-ġustifikazzjoni li tagħti Fitch, turi r-rabta bejn l-istatus u l-garanzija li tgawdi La Poste minn naħa u l-grad mogħti minn Fitch min-naħa l-oħra.

(273) Fis-17 ta' April 2008, Fitch baxxiet il-grad għal AA. Fitch madankollu tkompli tapplika metodoloġija *top-down*, li hija tiġġustifika bil-fatt li La Poste tifforma parti mis-settur pubbliku. Kif indikat aktar'il fuq, Fitch tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li "l-istatus ta' operatur pubbliku ta' La Poste m'għadux jiġġustifika li l-gradi tagħha jkunu awtomatikament allinjati mal-Istat". Fitch tispjega li l-klassifikazzjonijiet ta' La Poste issa huma msejsa fuq ir-relazzjoni ta' appoġġ bejn il-kumpanija prinċipali, f'dan il-każ l-Istat, u s-sussidjarja tagħha, La Poste. Fitch tuża wkoll fil-preżent metodoloġija *top-down*: il-klassifikazzjoni ta' La Poste m'għadhiex l-istess bħal dik tas-sovran, iżda meta wieħed jikkunsidra l-appoġġ qawwi tal-Istat lil La Poste, li tiegħu l-obbligu statutorju li jassumi l-impenji ta' La Poste jikkostitwixxi element essenzjali, il-klassifikazzjoni ta' La Poste titnaqqas minn dik tas-sovran u mhux biss fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija. Dan l-approċċ, kif ukoll il-grad, ġew ikkonfermati mill-valutazzjoni tad-data tal-4 ta' Settembru 2009.

— Konklużjoni

(274) Mill-analiżijiet preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-garanzija statutorja finali tal-Istat favur La Poste hija kkunsidrata minn Fitch għall-inqas sal-2008 u minn S & P bħala element essenzjali tal-għajnuna mogħtija mill-Istat lil La Poste. Huwa minħabba dan l-appoġġ li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni adottaw metodoloġija *top-down*, li fil-każ ta' La Poste irriżultat fi klassifikazzjoni ogħla minn dik li kienet tikseb fuq il-bażi tal-merti tagħha biss. Il-Kummissjoni tikkunsidra għalhekk li l-garanzija tirrappreżenta jew irrappreżentat element essenzjali tal-klassifikazzjoni ta' La Poste, anki jekk dan mhuwiex l-uniku element. Issa, minħabba li Fitch u S & P huma żewġ aġenziji importanti ta' klassifikazzjoni u minħabba li huwa stabbilit li s-suq jikkunsidra l-klassifikazzjoni tagħhom sabiex jevalwa l-kreditu li għandu jagħti lil kwalunkwe kumpanija, klassifikazzjoni mingħand dawn l-aġenziji (minn waħda jew l-oħra jew mit-tnejn) aqwa minn dik li kienet tingħata fin-nuqqas ta' garanzija, aktarx li toħloq vantaġġ għal La Poste li ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq.

(ii) Konfutazzjoni tal-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi

(α) Il-karattru essenzjali tal-eżistenza ta' garanzija impliċita fil-klassifikazzjoni tal-entitajiet soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-1980 mhuwiex kontradett mill-konstatazzjoni li l-klassifikazzjoni tagħhom tista' tkun aktar baxxa minn dik tas-sovran

(275) L-awtoritajiet Franċiżi jikkuntestaw l-impatt ekonomiku tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 billi jargumentaw li jekk id-dispożizzjonijiet tal- Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 jiġu interpretati mill-aġenziji bħala li jistabbilixxu għall-benefiċċju tal-krendituri tal-korporazzjonijiet pubbliċi mekkaniżmu li jixbah garanzija tal-Istat, huwa diffiċli li wieħed jifhem kif awtoritajiet lokali jistgħu jingħataw grad ta' BBB + jew AA-. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma jistgħux jifhmu kif La Poste, kieku kienet tgawdi minn garanzija tal-Istat jista' jkollha grad aktar baxx minn dak tal-Istat ([128]).

(276) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għall-analiżi ta' S & P bid-data tat-22 ta' Novembru 2004 dwar l-influwenza tal-għajnuna tal-Istat fuq il-klassifikazzjoni tal-entitajiet postali, għal dik bid-data tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-klassifikazzjoni tal-entitajiet marbuta mal-Istat ([129]), kif ukoll l-istudju tal-2007 dwar La Poste. Skont dawn l-analiżijiet, il-klassifikazzjoni ta' kumpanija li tgawdi għajnuna qawwija mill-Istat toriġina mill-klassifikazzjoni mogħtija lill-Istat; madankollu, din tista' titbaxxa b'żewġ kategoriji (jew 6 notches) jekk ir-rabtiet finanzjarji bejn l-imsemmija kumpanija u l-Istat jistgħu jiżviluppaw fuq żmien medju jew twil ([130]). Il-klassifikazzjoni aktar baxxa ta' La Poste meta mqabbla mal-Istat tista' għalhekk tiġi spjegata mill-fatt li S & P jantiċipaw tnaqqis fl-għajnuna tal-Istat fis-snin li ġejjin, fatt li juri sew li l-għajnuna tal-Istat, li tiegħu il-garanzija hija element essenzjali, jagħti l-possibbiltà lil La Poste li tikseb grad ogħla minn dak li kienet tikseb kieku kien mod ieħor.

(277) S & P jgħidu wkoll li fl-1991, La Poste saret entità awtonoma pubblika bi status ta' stabbiliment pubbliku, li jassigura lil La Poste garanzija finali tal-Istat fuq l-obbligi tagħha, iżda mhux garanzija immedjata u espliċita kif rifless mid-differenza bejn il-klassifikazzjoni ta' La Poste u r-Repubblika Franċiża ([131]). Għalhekk, għalkemm S & P inaqqsu l-grad ta' La Poste meta mqabbel ma' dak tal-Istat, S & P jikkunsidraw tabilħaqq li La Poste tgawdi minn garanzija impliċita tal-Istat minħabba l-istatus tagħha ta' stabbiliment pubbliku u dan għandu impatt dirett fuq il-metodu użat biex tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni.

(278) Ir-raġunijiet imsemmija qabel jispjegaw għalfejn S & P iddeċidew li jiddistingwu bejn il-grad ta' La Poste u dak tal-Istat. Madankollu, il-Kummissjoni mhijiex meħtieġa li tiehu xi pożizzjoni dwar l-analiżi tar-raġunijiet li jispjegaw id-differenza bejn il-grad tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali, minħabba li din il-kwistjoni mhijiex is-suġġett ta' din l-investigazzjoni.

(β) L-awtoritajiet Franċiżi jagħmlu konklużjonijiet żbaljati minħabba li ma jirraġunawx "li kollox ikun ugwali"

(279) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-analiżijiet tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni ma jibbażawx fuq analiżi ġuridika iżda fuq evalwazzjoni soġġettiva ta' dak li jista' jkun l-għajnuna tal-Istat f'każ li La Poste tispiċċa f'diffikultà. Biex tissostanzja din id-dikjarazzjoni, Franza tirreferi għall-analiżi ta' S & P tat-3 ta' April 2007. Kif speċifikat aktar'il fuq, S & P jindikaw f'din l-analiżi li wara t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar l-ittra tagħha li tirrakkomanda t-tmiem tal-garanzija, il-klassifikazzjoni ta' La Poste ma nbidlitx għax S & P jikkunsidraw li tibdil fl-istatus ta' La Poste ma jirriflettix neċessarjament tnaqqis fl-appoġġ qawwi tal-Istat li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' La Poste u li ġie affermat mill-ġdid permezz tad-deċiżjonijiet reċenti tal-gvern ([132]).

(280) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jeżistu elementi oħrajn minbarra l-garanzija li huma kkunsidrati minn S & P meta dawn jaslu għall-konklużjoni li La Poste tgawdi minn appoġġ qawwi tal-Istat li jiġġustifika metodoloġija *top-down*. F'dan il-każ, id-deċiżjonijiet reċenti tal-gvern, jiġifieri b'mod partikolari, ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tas-servizz pubbliku, iż-żamma tas-servizzi fdati lil La Poste, l-appoġġ għat-tqassim tal-librett A u ż-żieda fit-tariffi postali (li barra minn hekk jikkostitwixxu wkoll atti ta' awtorità pubblika jekk mhux għajnuniet sħaħ mill-Istat), setgħu jikkumpensaw l-effett tal-ittra ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Dan ma jfissirx li l-ittra ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u b'mod aktar ġenerali l-pressjonijiet fuq it-tibdil tal-istatus ta' La Poste u għalhekk fuq il-garanzija li tgawdi La Poste ma jiġux ikkunsidrati mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni. Naturalment, dawn il-pressjonijiet huma kkunsidrati u analizzati bħala dgħufija tal-appoġġ li l-Istat jista' jagħti lil La Poste: għaldaqstant huma jinfluwenzaw il-klassifikazzjoni. Din hija r-raġuni għaliex fl-4 ta' Ottubru 2006, il-jum li fih il-Kummissjoni talbet lil Franza sabiex twaqqaf il-garanzija mingħajr limitu li tgawdi minnha La Poste bħala korporazzjoni pubblika, l-aġenzija ta' klassifikazzjoni Fitch irrevediet il-grad tagħha u baxxietu (minn AAA stabbli għal AAA negattiv), minħabba li wieħed għandu jinterpreta "ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bħala l-ewwel sinjal ta' pressjoni fuq l-istatus legali ta' La Poste u għalhekk, fuq il-gradi tagħha", fatt li jikkonferma li l-istatus legali huwa element ewlieni.

(281) Biex tispjega l-ħtieġa li wieħed jirraġuna li kollox huwa ugwali, il-Kummissjoni tfakkar li S & P, fl-istess nota tal-2007, speċifikaw ukoll li bidla fl-istruttura tal-proprjetà ta' La Poste (u għalhekk telf tal-garanzija) twassal għal tibdil fil-metodoloġija applikata biex wieħed jiddetermina l-klassifikazzjoni, iżda li dan it-tibdil ma jwassalx neċessarjament għat-tibdil tal-grad ta' La Poste, minħabba t-titjib mistenni fis-sitwazzjoni intrinsika ta' La Poste fis-snin li ġejjin ([133]). Dan jidher li jikkonferma li fin-nuqqas ta' dan l-istatus, sabiex iżżomm l-istess grad La Poste tkun teħtieġ li ttejjeb is-sitwazzjoni intrinsika tagħha. Min-naħa l-oħra, fl-ipoteżi li fiha s-sitwazzjoni intrinsika ta' La Poste tibqa' l-istess, id-dgħufija tal-għajnuna mogħtija mill-Istat lil La Poste ikollha twassal sabiex titbaxxa l-klassifikazzjoni ta' din tal-aħħar ([134]).

(γ) L-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi, li juru li l-istatus ta' La Poste u l-garanzija li tirriżulta minnu mhumiex l-uniċi elementi kkunsidrati mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni, ma jinvalidawx il-prova tal-Kummissjoni

(282) Il-parti l-kbira tal-kummenti tal-awtoritajiet Franċiżi maħsuba sabiex juru l-allegat "nuqqas ta' effett tal-garanzija fuq il-klassifikazzjoni ta' La Poste" ([135]) turi biss li l-garanzija mhijiex l-uniku element ikkunsidrat mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tammetti dan il-punt: bl-ebda mod ma tiġi invalidata l-konstatazzjoni li l-garanzija hija kkunsidrata mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni meta dawn jiddeċiedu l-klassifikazzjoni tal-operaturi postali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi ma jirraġunawx li kollox ikun ugwali.

— L-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi meħuda mill-prinċipji akkademiċi tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal- entitajiet postali

(283) L-awtoritajiet Franċiżi janalizzaw il-metodoloġija użata mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni min-nota ta' S & P dwar l-influwenza tal-għajnuna tal-Istat fuq il-klassifikazzjoni tal-operaturi postali ([136]). Huma jenfasizzaw li fil-klassifikazzjoni deskritta minn S & P, il-klassifikazzjoni f'kategorija 1 tiddependi fuq kriterji wiesgħa, iżda ma tirreferix għall-istatus tal-operatur ikklassifikat. L-awtoritajiet Franċiżi minn dan jikkonkludu li l-istatus ma jikkostitwixxix element importanti ta' analiżi għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni.

(284) Il-Kummissjoni tikkontesta din l-analiżi u tinnota li S & P jiddefinixxu b'mod ċar l-istatus tal-operaturi bħala wieħed mill-elementi ewlenin sabiex wieħed jivvaluta l-livell ta' appoġġ mill-Istat (ara l-premessi 264 sa 267 dwar il-metodoloġija ta' S & P).

(285) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-posta Taljana ġiet ikklassifikata minn S & P fl-istess kategorija ta' La Poste, għalkemm għandha status privat u prestazzjonijiet finanzjarji li ma jiġġustifikawx il-klassifikazzjoni tagħha f'din il-kategorija ([137]).

(286) Il-konstatazzjoni li operatur postali taħt status tal-liġi privata, f'dan il-każ il-Poste Italiane, jista' jkun ikkunsidrat minn aġenzija ta' klassifikazzjoni bħala li jgawdi minn appoġġ qawwi mill-Istat u jiġi kklassifikat fl-istess kategorija ta' La Poste bl-ebda mod ma tinvalida l-argument tal-Kummissjoni li jistabbilixxi li l-eżistenza ta' garanzija li tirriżulta mill-istatus ta' La Poste hija kkunsidrata mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li xi entitajiet postali, bħall-Poste Italiane, jistgħu jikkwalifikaw għall-klassifikazzjoni fl-istess kategorija ta' La Poste mingħajr ma jgawdu garanzija minħabba evidenza oħra li jgawdu wkoll minn appoġġ qawwi mill-Istat. Biex jintwera li l-garanzija m'għandha l-ebda influwenza fuq il-klassifikazzjoni, kien jeħtieġ li jintwera li Poste Italiane u La Poste kienu f'sitwazzjoni strettament komparabbli fir-rigward tal-elementi differenti kkunsidrati mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni sabiex jivvalutaw l-għajnuna tal-Istat u li l-unika differenza li teżisti bejn iż-żewġ entitajiet hija l-eżistenza ta' garanzija għall-benefiċċju ta' La Poste. Fi kliem ieħor, biex ix-xebh jagħmel sens, jeħtieġ li jiġi stabbilit li "kollox huwa ugwali", ħaġa li m'għamlux l- awtoritajiet Franċiżi.

(287) Barra minn hekk, anki kieku l-awtoritajiet Franċiżi wrew li s-sitwazzjoni ta' Poste Italiane u ta' La Poste hija strettament komparabbli -minbarra l-eżistenza ta' garanzija għall-benefiċċju ta' La Poste Franċiża- (li ma ntwerietx), wieħed jinnota li S & P iwettqu fi kwalunkwe każ valutazzjoni differenti tal-livell ta' għajnuna mogħtija mill-Istat Taljan u l-Istat Franċiż lill-Posta rispettiva tagħhom. Fil-fatt, S & P iqisu li l-appoġġ potenzjali mogħti mill-Istat Taljan lil Poste Italiane huwa "qawwi", filwaqt li l-għajnuna mogħtija mill-Istat Franċiż lil La Poste huwa "ferm qawwi" ([138]). Il-Kummissjoni ma teskludix li wieħed għandu jara f'din id-differenza ta' valutazzjoni l-influwenza tal-garanzija, li l-eżistenza tagħha tfakkret minn S & P fl-istess nota eżatt wara d-dikjarazzjoni li La Poste tgawdi minn appoġġ qawwi ferm ([139]). Fi kwalunkwe każ, mhemmx ħtieġa li naslu għal xi konklużjoni rigward ir-raġunijiet li għalihom Poste Italiane f'mument partikolari kienet ikklassifikata fl-istess kategorija ta' La Poste. Fil-fatt, minn naħa waħda, din il-proċedura ma tindirizzax dawn ir-raġunijiet. Min-naħa l-oħra, l-għadd kbir ta' fatturi li jiġu kkunsidrati mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni fil-valutazzjoni ma jippermettix li ssir xi konklużjoni dwar l-effett speċifiku tal-preżenza jew le ta' garanzija statutorja finali fuq il-klassifikazzjoni.

— L-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi meħuda mill-klassifikazzjoni tal-isfera privata

(288) L-awtoritajiet Franċiżi ifakkru li "l-isfera privata hija mimlija b'każijiet li fihom il-klassifikazzjoni ta' sussidjarja hija marbuta ma" dik tal-kumpanija prinċipali'. Huma jikkonkludu li għalhekk dan it-tip ta' approċċ ma jikkostitwixxix karatteristika tal-istatus pubbliku.

(289) Il-Kummissjoni ma tikkuntestax li l-klassifikazzjoni ta' sussidjarja tista' tkun marbuta ma' dik tal-kumpanija prinċipali tagħha, inkluż fis-settur privat u b'mod partikolari mal-livell ta' appoġġ ikkalkulat li l-kumpanija prinċipali hija lesta li toffri lis-sussidjarja tagħha, li eventwalment jista' jintwera permezz ta' impenji ta' garanzija magħmula mill-kumpanija prinċipali. Dan l-argument ma jagħmel xejn għajr jikkonferma l-analiżi tal-Kummissjoni. Huwa spjegat mill-fatt li l-istatus ta' stabbiliment pubbliku, kif ukoll il-garanzija li tirriżulta minnu, huwa element li juri l-għajnuna tal-Istat li ġie kkunsidrat mill-aġenziji fil-klassifikazzjoni ta' La Poste.

— L-argumenti tal-awtoritajiet Franċiżi meħuda mill-klassifikazzjoni ta' La Poste

(290) L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw ukoll li fl-2005, il-klassifikazzjoni ta' La Poste tbaxxiet minn S & P għal AA- flimkien ma' prospett stabbli, meta ma kien hemm l-ebda bidla fl-istatus. L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li l-klassifikazzjoni ta' La Poste mhijiex konsegwenza tal-istatus tagħha ([140]). L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw ukoll fin-nota ta' S & P tat-3 ta' April 2007 dwar La Poste li ż-żewġ elementi msemmija minn S & P bħala sostenn għall-klassifikazzjoni huma l-importanza ekonomika tal-kompitu tas-servizz pubbliku u s-"s-sostenn qawwi tal-azzjonist" u mhux l-istatus ([141]).

(291) Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-eżistenza ta' garanzija mhijiex l-uniku element ikkunsidrat mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni meta dawn jivvalutaw il-livell ta' appoġġ li l-awtoritajiet pubbliċi huma lesti li jagħtu lil kumpanija li tkun f'diffikultà. Fuq il-bażi tal-istudju ta' S & P dwar l-influwenza tal-appoġġ tal-gvern fuq il-klassifikazzjonijiet tal-operaturi postali ([142]), il-Kummissjoni madankollu wriet li l-eżistenza ta' garanzija tiġi kkunsidrata mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni bħala element essenzjali tal-għajnuna mogħtija mill-Istat lil La Poste.

(292) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tikkontesta l-analiżi tal-awtoritajiet Franċiżi li s-"sostenn qawwi tal-azzjonist" imsemmi minn S & P fin-nota tagħhom tat-3 ta' April 2007 huwa separat mill-kwistjoni tal-istatus pubbliku u tal-garanzija. Fil-fatt, mill-istudju dwar l-influwenza tal-għajnuna tal-Istat fuq il-klassifikazzjonijiet tal-operaturi postali, jirriżulta li l-istatus u l-garanzija huma tassew elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mogħtija mill-Istat lil La Poste.

(293) Il-Kummissjoni tikkontesta wkoll l-interpretazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi tan-nota ta' April 2007 li S & P għażlu metodoloġija *"top-down"* ibbażata biss fuq l-ipoteżi tagħhom li La Poste għandha tibqa' azzjonista ta' La Poste 100 % fi żmien medju u ċertament mhux fuq il-bażi tal-istatus tal-liġi pubblika ta' La Poste u tal-garanzija marbuta ma' dan l-istatus. Il-Kummissjoni tfakkar li "il-possibbiltà ta' tibdil mistenni fl-istruttura tal-kapital", li, skont it-termini ta' S & P, iwassal għal telf tal-istatus ta' stabbiliment pubbliku u tal-garanzija marbuta ma' dan l-istatus, hija kkunsidrata b'mod espliċitu minn S & P fil-klassifikazzjoni tagħhom ([143]). Għaldaqstant huwa ċar li għal S & P, mhuwiex biss it-tibdil fl-istruttura tal-kapital li għandu importanza, iżda wkoll l-implikazzjonijiet (telf tal-istatus pubbliku u tal-garanzija), bit-tibdil tal-istruttura tal-kapital ikun l-akbar pass fiċ-ċaqliq lejn żieda fl-awtonomija ta' La Poste fir-rigward tal-Istat.

3. *Il-kundizzjonijiet ta' kreditu attwalment miksuba minn La Poste*

(294) L-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza tal-garanzija u konsegwentement tat-tneħħija futura tagħha ma kellhom l-ebda effett fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' La Poste. Fil-fatt, din kisbet, waqt il-ħruġ ta' bonds f'Ottubru 2006, eżatt wara t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjoni tagħha ta' miżuri utli, firxa fuq il-*mid swap* [144] ta' 12-il punt bażi għall-ħruġ sa 15-il sena u ta' 4 punti bażi għall-ħruġ sa 7 snin. Iżda l-ħruġ preċedenti ta' bonds, li sar fl-2004, fuq bond sa 15-il sena, kien wassal għal firxa ta' 8 punti bażi fuq il-*mid swap*. L-awtoritajiet Franċiżi jikkonkludu li l-kundizzjonijiet ta' finanzjament ta' La Poste mhumiex ibbażati fuq l-eżistenza *de jure* jew *de facto* ta' xi garanzija.

(295) Il-Kummissjoni tqis li l-konklużjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li t-tħabbira tal-Kummissjoni ma kellha l-ebda effett fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament mhijiex fondata, peress li għall-kuntrarju wieħed jinnota tnaqqis tal-firxa, li tmur minn 8 punti għal 12-il punt.

(296) Barra minn hekk, anki fl-ipoteżi fejn il-firxa naqset, li mhuwiex il-każ, il-Kummissjoni għandha dubji fuq il-konklużjonijiet li wieħed jista' jidderiva minn dan rigward l-influwenza tat-tħabbira tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż tal-finanzjament ta' La Poste, minħabba li l-investituri jikkunsidraw bosta elementi oħra, bħal pereżempju l-istruttura finanzjarja ta' La Poste li setgħet tevolvi bejn l-2004 u l-2006.

(297) Barra minn hekk, anki jekk il-kundizzjonijiet ta' finanzjament qabel u wara t-tħabbira tal-Kummissjoni kellhom ikunu identiċi jew inkella jekk id-differenza ma kinitx tkun kbira, dan bl-ebda mod ma jagħti prova li l-garanzija ma tinfluwenzax il-kundizzjonijiet ta' kreditu. Fil-fatt, fiż-żmien tal-ħruġ imsemmi mill-awtoritajiet Franċiżi, il-garanzija li kienet qiegħda tgawdi minnha La Poste kienet ikkwalifikata bħala għajnuna eżistenti. Għaldaqstant hija baqgħet valida u kienet tkopri l-ħruġ. Il-garanzija ssir għajnuna illegali biss, jekk ikun il-każ, mid-data stabbilita minn din id-Deċiżjoni għat-tneħħija tagħha.

(298) Fl-aħħar nett, minħabba li l-Kummissjoni wriet li l-garanzija li tirriżulta mill-istatus ta' La Poste aktarx li tipprovdi vantaġġ lil din tal-aħħar minħabba l-influwenza pożittiva fuq il-klassifikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tqis li m'għandhiex turi l-effetti li din il-garanzija kellha fil-passat. Fil-fatt, huwa prinċipju kostanti tas-sistema tal-għajnuniet mill-Istat li l-Kummissjoni m'għandhiex tipprova l-effetti reali tal-għajnuniet, għaliex f'dan il-każ, l-Istati Membri li ma jinnotifikawx l-għajnuniet ikunu f'vantaġġ meta mqabbla ma dawk li jagħmlu dan [145]. Fil-fatt, il-miżura ta' Stat Membru li jinnotifika garanzija mingħajr limitu, titneħħa minħabba l-effetti potenzjali biss tagħha, filwaqt li Stat li ma jkunx innotifika l-għajnuna jista' jiddefendi ruħu billi juri li, fil-prattika, il-garanzija ma pprovdiet l-ebda vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha. Barra minn hekk, bħal fil-każ tal-miżuri ġodda, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kompatibbiltà tal-miżuri eżistenti mar-regoli tat-Trattat għall-futur u m'għandhiex turi neċessarjament li fil-passat il-miżura pproduċiet effetti mhux kompatibbli mat-Trattat [146]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tordna l-irkupru tal-vantaġġi li attwalment ikunu ngħataw minn għajnuna eżistenti. Għaldaqstant, lanqas hija meħtieġa prova tal-effetti reali tal-garanzija fuq il-kundizzjonijiet ta' kreditu.

(b) **Minħabba n-natura mingħajr limitu tal-garanzija, mhuwiex possibbli li wieħed jikkalkula l-ammont tal-primjum tas-suq li La Poste għandha tħallas lill-Istat, li jagħmel il-mezz ta' retroċessjoni propost mill-awtoritajiet Franċiżi inapplikabbli**

(299) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-garanzija li tgawdi La Poste hija mingħajr limitu f'dak li jirrigwarda t-tul, l-ammont u l-estensjoni, u mhijiex imħallsa. Aktar minn hekk, hija tkopri kemm l-attivitajiet ta' servizz postali universali u l-attivitajiet kompetittivi. Il-Kummissjoni tqis li, minħabba n-natura mingħajr limitu tal-garanzija tal-Istat favur La Poste u skont id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni [147], mhuwiex possibbli li wieħed jikkalkula l-ammont tal-primjum tas-suq li La Poste għandha tħallas lill-Istat għall-għoti ta' din il-garanzija mingħajr limitu. Fil-fatt, fil-każ ta' kull garanzija, l-għajnuna tingħata fil-mument li tiġi offruta l-garanzija. Issa, fil-każ ta' garanzija mingħajr limitu, li tista' tkopri d-djun kollha tal-kumpanija u għal perijodu indefinit, huwa impossibbli li wieħed jikkalkula minn qabel l-ammont tal-għajnuna mogħtija fil-mument tal-għoti u għaldaqstant li wieħed jikkalkula primjum tas-suq xieraq [148]. Dan jagħmel il-mezz ta' retroċessjoni propost mill-awtoritajiet Franċiżi inapplikabbli.

(c) **Il-kundizzjonijiet ta' kreditu aktar favorevoli miksuba minn La Poste minħabba l-garanzija impliċita tal-Istat jikkostitwixxu vantaġġ selettiv**

(300) Il-vantaġġ huwa selettiv minħabba li l-kompetituri ta' La Poste ma jibbenefikawx minnu: il-kompetituri ta' La Poste fil-fatt huma soġġetti għall-proċeduri ġudizzjarji ta' riorganizzazzjoni u ta' likwidazzjoni; ma jgawdux il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat marbuta mal-istatus ta' stabbiliment pubbliku.

4.1.3. DISTORSJONI TAL-KOMPETIZZJONI U EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ

(301) Il-miżura kkunsidrata tista' twassal għal tnaqqis tal-ispejjeż tal-operat ta' La Poste, li jkollu l-effett li jiffavorixxi lil La Poste u għalhekk li joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, minħabba li s-setturi li hija attiva fihom La Poste, b'mod partikolari t-tqassim tal-pakketti, ta' oġġetti mhux indirizzati kif ukoll ta' ittri li t-tqassim tagħhom mhuwiex ristrett għal La Poste, huma ġeneralment miftuħa għall-kummerċ intrakomunitarju, miżuri bħal dawn jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq il-kumpaniji li għandhom, jew li jixtiequ jiżviluppaw, attività ekonomika simili fi Franza. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jkun innutat li skont id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz kif emendata mid-Direttivi 2002/39/KE u 2008/6/KE ([149]) (minn hawn'il quddiem "id-Direttiva postali"), is-servizzi postali kollha għandhom ikunu soġġetti għall-kompetizzjoni fi Franza sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-eżistenza ta' garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste aktarx li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

4.1.4. KONKLUŻJONI RIGWARD IN-NATURA TA' GĦAJNUNA TAL-MIŻURA

(302) Il-garanzija tal-Istat favur La Poste minħabba l-istatus tagħha ta' stabbiliment pubbliku toħloq għalhekk trasferiment tar-riżorsi tal-Istat attribwibbli lill-Istat u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri billi tiffavorixxi lil La Poste. Il-Kummissjoni tikkonkludi li din il-garanzija tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

4.2. *KOMPATIBBILTÀ*

(303) Minħabba li l-miżura kkunsidrata taqa' fl-ambitu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk din il-miżura tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mill-Kummissjoni taħt l-eċċezzjonijiet previsti mill-Artikoli 107(2) u (3), u 106(2) tat-TFUE.

(304) Jidher li l-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste ma tissodisfa l-ebda kundizzjoni ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE, minħabba li l-miżura kkunsidrata mhijiex maħsuba għal xi objettiv previst minn dawn l-eċċezzjonijiet.

(305) Skont l-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE, miżura ta' għajnuna tista' tkun iddikjarata kompatibbli mas-suq intern meta tkun maħsuba sabiex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni Komunitarji fejn il-livell ta' għajxien huwa baxx aktar min-normal jew fejn ikun hemm nuqqas serju ta' xogħol. Minħabba li l-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste hija miżura individwali mogħtija b'diskrezzjoni, li m'għandha l-ebda objettiv reġjonali, hija mingħajr limitu fiż-żmien, mhijiex marbuta mal-ebda investiment u mhijiex regressiva, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE ma tapplikax.

(306) Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(3)(b) u (d) tat-TFUE, l-għajnuna inkwistjoni mhijiex maħsuba sabiex tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew jew sabiex tikkumpensa għal taqlib serju fl-ekonomija Franċiża. Il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste mhijiex intiża sabiex tippromwovi l-kultura u l-preżervazzjoni tal-patrimonju.

(307) L-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE tiddikjara li għajnuna tista' titqies kompatibbli jekk hija maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, sakemm hija ma tibdilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li tmur kontra l-interess komuni. Il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste ma tirrigwarda l-ebda investiment, lanqas il-ħolqien ta' impjiegi u tikkostitwixxi, għalhekk, għajnuna operattiva u mingħajr kundizzjoni. Skont id-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ma tistax tikkunsidra li tali għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi.

(308) Fl-aħħar nett, il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste ma tistax titqies li hija kompatibbli fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Din l-eċċezzjoni tipprovdi li l-kumpaniji inkarigati mill-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li għandhom il-karattru ta' monopolju fiskali għandhom ikunu soġġetti għar-regoli tat-Trattat, b'mod speċjali r-regoli tal-kompetizzjoni, sakemm l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tostakolax il-prestazzjoni fil-liġi jew fil-fatt tal-kompitu partikolari assenjati lilhom. L-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux ikun affettwat b'mod li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.

(309) Il-liġi Franċiża fdat lil La Poste obbligi ta' servizz pubbliku. Skont dan, l-operatur postali jista' jirċievi kumpens finanzjarju jew igawdi ċerti privileġġi li ma jaqblux ma' ċerti regoli tal-liġi ġeneralment applikabbli. Madankollu, tali miżuri finanzjarji jew privileġġi għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ sabiex jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali għal La Poste skont l-obbligi ta' servizz pubbliku.

(310) Il-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li fihom il-Kummissjoni tikkunsidra tali kumpens kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE. B'mod partikolari, il-kumpens mogħti ma jistax jaqbeż l-ispejjeż tal-forniment tas-servizz pubbliku, inklużi l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi.

(311) F'dan il-każ, din l-analiżi tkun teħtieġ valutazzjoni tas-suq tal-garanzija mingħajr limitu tal-Istat favur La Poste li tivverifika jekk il-valur tagħha jaqbiżx l-ispejjez tal-forniment tas-servizz postali universali. Fil-fatt, minħabba li din il-garanzija hija mingħajr limitu, huwa impossibbli li ssir din l-analiżi, li jeskludi l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(312) Barra minn hekk, anki jekk tali valutazzjoni kienet possibbli, hija tibbenefika biss lill-attivitajiet koperti mill-kompitu ta' "servizz postali universali". Issa, il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat fil-forma attwali tagħha tkopri l-attivitajiet kollha ta' La Poste, inklużi l-attivitajiet mhux koperti mill-kompitu ta' "servizz postali universali".

(313) Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-iżvilupp tal-kummerċ huwa affettwat minn dan b'mod li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.

(314) Fost oħrajn, Franza ma bbażat ruħha fuq l-ebda prova li turi l-kompatibbiltà tal-miżura mal-Artikoli 107(2) jew (3), jew 106(2) tat-TFUE, iżda sempliċement ikkontestat l-eżistenza tal-garanzija. Għaldaqstant ma wrietx il-kompatibbiltà tal-għajnuna filwaqt li l-oneru tal-prova jaqa' lura skont il-ġurisprudenza.

(315) B'konlużjoni, il-miżura inkwistjoni, anki jekk emendata skont il-proposti Franċiżi rigward il-kjarifika tad-digriet ta' implimentazzjoni tal-Liġi tal-1980 u l-inklużjoni ta' klawsola limitattiva fil-kuntratti ta' La Poste li jinvolvu dejn, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat eżistenti fis-sens tal-Artikolu 1(b) tar-Regolament (KE) nru 659/1999 u, skont id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-garanziji mingħajr limitu tal-Istat mogħtija lil kumpaniji fdati b'attivitajiet ekonomiċi ([150]), din l-għajnuna ma tissodisfa l-ebda kundizzjoni ta' applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti mit-TFUE. Għaldaqstant, il-garanzija mingħajr limitu tal-Istat imsemmija qabel mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

### 4.3. *NEWTRALITÀ F'DAK LI JIRRIGWARDA S-SISTEMA TAL-PROPRJETÀ*

(316) Il-Kummissjoni, permezz ta' din il-konklużjoni, bl-ebda mod ma tikkontesta li La Poste tappartjeni għall-Istat, lanqas ma tikkontesta l-istatus ta' korporazzjoni pubblika bħala tali. Il-Kummissjoni sempliċement tqis problema l-garanzija li tirriżulta minn dan l-istatus, fl-istat attwali tal-liġi Franċiża, għal La Poste.

(317) Taħt l-Artikolu 345 tat-TFUE, l-Unjoni hija newtrali f'dak li jirrigwarda s-sistema tal-proprjetà fl-Istati Membri u l-ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma tostakola s-sjieda tal-Istat (kompletament jew parzjalment) tal-kumpaniji. Minħabba dan, ir-regoli tal-kompetizzjoni għandhom japplikaw bl-istess mod għall-kumpaniji privati u għall-kumpaniji pubbliċi. L-ebda waħda minn dan it-tip ta' kumpaniji m'għandha tkun vantaġġata jew żvantaġġata mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. F'dan il-każ, il-garanzija ma tirriżultax mill-proprjetà iżda mill-istatus legali tal-kumpanija. L-Istati Membri huma ħielsa li jagħżlu l-forma legali tal-kumpaniji iżda għandhom, fl-għażla tagħhom, jirrispettaw ir-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat. B'mod partikolari, il-fatt biss li l-garanzija tal-Istat hija awtomatikament marbuta mal-istatus legali partikolari ma jimpedixxix li l-imsemmija garanzija tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jekk il-kundizzjonijiet applikabbli jiġu sodisfatti kollha ([151]). Din il-konklużjoni mhijiex affettwata mill-Artikolu 345 tat-TFUE. Għall-kuntrarju, f'xenarju kompetittiv, il-prinċipju ta' newtralità jfisser it-tneħħija ta' kull vantaġġ mhux dovut favur il-kumpaniji pubbliċi għad-detriment tal-kompetituri privati tagħhom. Approċċ simili ġie segwit mill-Kummissjoni, pereżempju, fil-każ li kien jikkonċerna l-istabbilimenti pubbliċi ta' kreditu fil-Ġermanja ([152]) kif ukoll fil-każ li kien jirrigwarda l-EDF ([153]).

### 4.4. *L-ABBOZZ TA' LIĠI DWAR LA POSTE U L-ATTIVITAJIET POSTALI*

(318) Fl-ittra tagħhom datata il-31 ta' Lulju 2009, l-awtoritajiet Franċiżi għarrfu lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' liġi dwar La Poste u l-attivitajiet postali, adottat mill-Kunsill tal-Ministri tad-29 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi t-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija b'responsabbiltà limitata fl-1 ta' Jannar 2010.

(319) Sussegwentement għal dan l-abbozz ġiet adottata emenda li kienet tipposponi d-data tat-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija b'responsabbiltà limitata għax-xahar ta' Marzu 2010.

(320) Fit-2 paragrafu tal-ewwel Artikolu tiegħu, l-abbozz ta' liġi emendata, li jemenda l-Liġi nru 90-568 tat-2 ta' Lulju 1990 rigward l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku ta' La Poste u France Telecom, jistabbilixxi li: "Il-korporazzjoni pubblika La Poste hija ttrasformata mill-1 ta' Marzu 2010 f'kumpanija b'responsabbiltà limitata msejħa La Poste […]".

(321) L-awtoritajiet Franċiżi speċifikaw li t-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija b'responsabbiltà limitata kien ser jagħmilha soġġetta għal-liġi komuni applikabbli għall-kumpaniji li jkunu għaddejjin minn riforma jew stralċ ġudizzjarju.

(322) Il-Kummissjoni taqbel li t-trasformazzjoni effettiva ta' La Poste f'kumpanija b'responsabbiltà limitata prevista mill-abbozz ta' liġi trasmess mill- awtoritajiet Franċiżi tneħħi, b'hekk, il-garanzija mingħajr limitu li hija tgawdi. Il-Kummissjoni tikkunsidra li din it-trasformazzjoni tikkostitwixxi miżura xierqa biex tiġi eliminata, skont il-liġi Komunitarja, l-għajnuna mill-Istat li fil-preżent tgawdi minnha La Poste.

(323) L-adozzjoni tal-abbozz ta' liġi mill-Parlament huwa ppjanat għax-xahar ta' Jannar 2010. Fl-4 ta' Ottubru 2006, skont l-Artikolu 18 tar-regolament tal-proċedura, il-Kummissjoni kienet talbet it-tneħħija tal-garanzija mingħajr limitu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008. Madankollu minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-fatt li d-diskussjonijiet mal-awtoritajiet Franċiżi ġew estiżi sax-xahar ta' Ottubru 2009 kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-approvazzjoni tal-atti ġudizzjarji li jtemmu din il-garanzija, il-Kummissjoni tikkunsidra raġonevoli li titlob lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex effettivament jeliminaw il-garanzija mingħajr limitu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-ewwel Artikolu*

Il-garanzija mingħajr limitu mogħtija minn Franza lil La Poste tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li mhijiex kompatibbli mas-suq intern. Franza għandha tneħħi din l-għajnuna sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-trasformazzjoni effettiva ta' La Poste f'kumpanija b'responsabbiltà limitata tneħħi b'hekk il-garanzija mingħajr limitu li hija tgawdi. It-tneħħija effettiva ta' din il-garanzija mingħajr limitu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010 tikkostitwixxi miżura xierqa biex tiġi eliminata, skont il-liġi tal-Unjoni, l-għajnuna mill-Istat imsemmija fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

Fix-xahrejn ta' wara n-notifika ta' din id-deċiżjoni, Franza għandha tibgħat lill-Kummissjoni deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati sabiex tikkonforma ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*

(1) Mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru rispettivament l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Fiż-żewġ każijiet, id-dispożizzjonijiet, huma sostanzjalment identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu, jekk ikun il-każ, li qed isiru rispettivament għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE.

(2) ĠU C 135 3.6.2008, p. 7.

(3) Każ N531/05, Miżuri marbuta mal-ħolqien ta' La Banque Postale (il-bank tal-posta), (ĠU C 21, 28.1.2006, p. 2).

(4) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

(5) Minħabba li l-kwalifika ta' għajnuna eżistenti diġà kienet immotivata fil-premessi 93 sa 97 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura formali ta' reviżjoni tal-għajnuna (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2) u l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar dan il-punt, il-Kummissjoni mhijiex sejra ssemmi din il-kwistjoni mill-ġdid u sejra sempliċement tikkonferma l-evalwazzjoni preliminari li tinsab fl-imsemmija Deċiżjoni.

(6) *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tas-17 ta' Lulju 1980, p. 1799.

(7) *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-14 ta' Mejju 1981.

(8) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

(9) *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-8 ta' Lulju 1990.

(10) Fi Franza, minbarra l-awtoritajiet pubbliċi nfushom bħall-Istat u l-awtoritajiet lokali, jeżistu żewġ kategoriji prinċipali ta' korporazzjonijiet pubbliċi: l-Istabbilimenti Pubbliċi u l-Gruppi ta' Interess Pubbliku, stabbiliti mil-Liġi Nru 82-610 tal-15 ta' Lulju 1982. Fi ħdan l-"Istabbilimenti Pubbliċi", huwa possibbli li ssir distinzjoni fil-prinċipju bejn l-Istabbilimenti pubbliċi amministrattivi (IPA), li jwettqu l-ħidmiet tradizzjonali ta' amministrazzjoni, u l-Istabbilimenti pubbliċi industrijali u kummerċjali (IPIK), li jwettqu attivitajiet ta' natura ekonomika.

(11) Il-Qorti tal-Kassazzjoni adottat il-prinċipju stabbilit minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Douai tat-22 ta' Ottubru 1998 li xxebbah lil La Poste ma' stabbiliment pubbliku tat-tip industrijali u kummerċjali.

(12) F'rapport lis-Senat Franċiż tal-2003, il-Kummissjoni tal-Affarijiet Ekonomiċi tenfasizza li: "Kulħadd jaf li l-kumpanija prinċipali La Poste tirriżulta, mir-riforma tal-1990, minn status li jixbah lil dak ta' stabbiliment pubbliku industrijali u kummerċjali."

(13) Ara b'mod partikolari id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-21 ta' Diċembru 1987 (Prim'Awla ċivili).

(14) *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tas-26 ta' Jannar 1985, p. 1097.

(15) Qorti amministrattiva tal-Appell, Pariġi, il-15 ta' Frar 1991, JCP E 1991, pan. 742; Qorti tal-Kassazzjoni, Soc. 6 Novembru 1991, JCP E1992, pan. 85, Bull. V nru 476.

(16) Dawn huma l-perjodi msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 3-1 tal-imsemmi Digriet.

(17) L-Artikolu 10 tad-Digriet nru 2008-479 jipprovdi li "Meta l-avviż jibqa" mingħajr effett sal-iskadenza ta' dan it-terminu, ir-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja għandha tirreġistra n-nefqa fil-baġit tal-korp jew tal-isabbiliment pubbliku li falla. Din tipprovdi r-riżorsi meħtieġa, jekk ikun il-każ, billi tnaqqas krediti allokati għal spejjeż oħrajn u li għadhom jistgħu jintużaw, jew billi żżid ir-riżorsi. Jekk, fi żmien tmint ijiem wara n-notifika tar-reġistrazzjoni tal-kreditu, l-awtorità lokali jew l-istabbiliment pubbliku ma jkunx ħallas is-somma dovuta, ir-rappreżentant tal-Istat jew l-awtorità regolatorja tipproċedi awtomatikament fi żmien xahar'.

([18]) *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-20 ta' Frar 1990.

([19]) *Bullettin Uffiċjali tal-Kontabilità Pubblika.* NOR: BUD R 02 00060 J.

([20]) Ara l-Kapitolu 3 tal-Istruzzjoni statutorja Nru 02-060-M95 tat-18 ta' Lulju 2002 dwar ir-regolament finanzjarju u tal-kontijiet tal-istabbilimenti pubbliċi nazzjonali industrijali u kummerċjali, *Bullettin Uffiċjali tal-Kontabilità Pubblika.*

([21]) Ara l-Parti IV, B: "*Quelles dispositions juridiques prévoir?" (Liema dispożizzjonijiet legali għandhom ikunu previsti?),* p. 21.

([22]) L-ERAP, li hija IPIK u li ġiet stabbilita fl-1965, għandha bħala objettiv li, fuq talba tal-Istat, tieħu ishma f'kumpaniji tas-setturi tal-enerġija, tal-farmaċija u tat-telekomunikazzjonijiet.

([23]) Ara l-artiklu "*Fitch attribue la note préliminaire AAA au programme EMTN garanti de EUR 10 MD de ERAP" (Fitch jagħti l-grad preliminari ta' AAA lill-programm EMTN garantit minn 10 biljun Euro minn ERAP*). Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ERAP: www.erap.fr/pdf/CP_Fitch_Ratings_fr.pdf

([24]) Ara l-artiklu "*Moody's attribue la notation Aaa au programme d'EMTN de l'ERAP portant sur 10 milliards d'euros" (Moody's jagħti l-klassifikazzjoni ta' Aaa lill-programm tal-EMTN tal-ERAP ta' 10 biljun Euro).* Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ERAP: www.erap.fr/pdf/CP_Fitch_Ratings_fr.pdf

([25]) Skont l-Artikolu 15 tal-Liġi nru 90-568 tat-2 ta' Lulju 1990, il-kontabilità ta' La Poste issegwi r-regoli applikabbli għall-kumpaniji kummerċjali.

([26]) Ara l-artiklu "*Fitch attribue la note préliminaire AAA au programme EMTN garanti de EUR 10 MD de ERAP*" (*Fitch jagħti l-grad preliminari ta' AAA lill-programm EMTN garantit minn 10 biljun Euro minn ERAP.*

([27]) Ara b'mod partikolari l-ittri tal-awtoritajiet Franċiżi tal-24 ta' April 2006, is-6 ta' Diċembru 2006, is-16 ta' Jannar 2007, l-1 ta' Frar 2007 u d-19 ta' Marzu 2007.

([28]) Ara l-parti III tal-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tat-23 ta' Jannar 2008.

([29]) Conseil d'Etat, 1 ta' April 1938, *société de l'hôtel d'Albe*, ġabra tal-Conseil d'Etat p. 341. Ara l-premessa 33 tad-deċiżjoni ta' ftuħ.

([30]) Conseil d'Etat, 10 ta' Novembru 1999, *kumpanija ta' ġestjoni tal-port ta' Campoloro*, ġabra tal-Conseil d'Etat p. 348; Conseil d'Etat, 18 ta' Novembru 2005, *kumpanija ta' ġestjoni tal-port ta' Campoloro*, ġabra tal-Conseil d'Etat p. 515. Ara l-premessa 34 tad-deċiżjoni ta' ftuħ.

([31]) *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* nru 177 tat-2 ta' Awwissu 2001, p. 12480.

([32]) Ara l-parti IIIB tan-nota mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi fit-23 ta' Jannar 2008 u l-kummenti mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi fis-27 ta' Ottubru 2009.

([33]) Ara n-nota mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi fis-27 ta' Ottubru 2009.

([34]) D. Labetoulle, "*La responsabilité des AAI dotées de la personnalité juridique: coup d'arrêt à l'idée de 'garantie de l'Etat'*" (Ir-responsabbiltà tal-AAI li għandhom personalità ġuridika: daqqa ta' ħarta kbira għall-idea ta' "garanzija mill-Istat") fir-RJEP/CJEG nru 635 Ottubru 2006.

([35]) Ara l-parti IV tal-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tat-23 ta' Jannar 2008.

([36]) Ara l-paragrafu. 78 tal-ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tat-23 ta' Jannar 2008.

([37]) P. Bon, "*Le Préfet face à l'inexécution par une collectivité territoriale d'un jugement la condamnant pécuniairement*" (Il-Prefett quddiem in-nuqqas ta' twettiq min-naħa ta' awtorità lokali ta' sentenza li tikkundannaha finanzjarjament) fir-RFDA – Marzu April 2006, p. 341. C. Landais u F. Lenica, "*Le pouvoir de substitution du préfet en cas d'inexécution de la chose jugée par les collectivités territoriales*" (Is-setgħa ta' sostituzzjoni tal-Prefett f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' *res judicata* mill-awtoritajiet lokali); f'AJDA, 23 ta' Jannar 2006, p. 137.

([38]) Conseil d'Etat, 10 ta' Novembru 1999, Kumpanija ta' ġestjoni tal-port ta' *Campoloro*, imsemmi hawn fuq.

([39]) Conseil d'Etat, 18 ta' Novembru 2005, Kumpanija ta' ġestjoni tal-port ta'*Campoloro*, imsemmi hawn fuq.

([40]) Conseil d'Etat, 30 ta' Novembru 1923, ġabra p. 789.

(*) Partijiet minn dan it-test tħallew barra sabiex ikun żgurat li ma joħroġ l-ebda tagħrif kunfidenzjali. Dawn il-partijiet huma indikati permezz ta' tikek bejn il-parenteżi, segwiti minn asterisk.

([41]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 71 11.3.2000, p. 14).

([42]) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, ir-rispett tal-kriterji huwa biżżejjed iżda mhux meħtieġ, sabiex titwarrab l-eżistenza ta' kwalunkwe vantaġġ. B'mod partikolari, ikun kontro-intuittiv li wieħed jikkunsidra li l-eżistenza allegata ta' dubju dwar il-proċedura applikabbli f'każ ta' insolvenza tista' tirriżulta f'kundizzjonijiet aħjar ta' finanzjament.

([43]) Artikolu L. 643-11 tal-Kodiċi kummerċjali.

([44]) "*Category 1: equalization of ratings with those of the state owner. This first category includes those entities […], generally loss making or with poor financial profiles, and extremely unlikely to be privatized […] given the nature of their activity, as well as their home country's economic, social and political environment. None of the postal companies currently rated by Standard & Poor's falls into this category […].*"

([45]) "*Category 2: notching down with respect to the state owner's rating. […] La Poste and Poste Italiane currently fall within this category.*"

([46]) "*Category 3: notching up from the postal entity's stand-alone rating. […] The entity's postal activities are still a key public service, but the clear aim of the entity is to achieve a high level of operational and financial independence, either through privatization or commercial autonomy (state ownership, but independent management) […]*"

([47]) "*Standard & Poor's Ratings Services lowered its counterparty credit […] ratings on French issuer AGF […] to 'A' from 'A+' […], following a review of AGF's parent, the Munich-based Allianz group (AA-/Negative/A-1+). […]The downgrade of AGF, the holding company, is not specific to any issues within the French franchise and generally reflects the Allianz group's financial leverage and fixed-charge coverage, which are increasingly aggressive relative to the group's ratings and are a result of the group's weakened consolidated capital base and reduced earnings.*"

([48]) "*the ratings also take into account the unchallenged status of both it and its parent, Germany-based Volkswagen Financial Services AG (VWFS), as core and captive finance entities to VW*" et "*the ratings on VW Bank could moderately diverge (generally not more than one notch) from the ratings on VW or VWFS; currently only its outlook differs.*"

([49]) "*the ratings on Germany-based Volkswagen Financial Services AG (VWFS) are based on its unchallenged status as a core subsidiary of German automaker Volkswagen AG (VW; A-/Negative/A-2) and reflect its strategic importance for and close operational integration into its parent.*"

([50]) "*il-klassifikazzjoni ta' kumpanija li tgawdi appoġġ qawwi mill-Istat […] tista' titbaxxa b'żewġ kategoriji sakemm ir-rabtiet finanzjarji bejn din il-kumpanija u l-Istat jistgħu jevolvu fuq żmien medju jew fit-tul*"

([51]) Bl-istess mod, skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-"appoġġ qawwi mill-Istat" imsemmi mill-Kummissjoni fil-punt 84 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ m'għandu l-ebda konnessjoni mal-istatus tal-kumpanija jew ma' kwalunkwe mekkaniżmu ta' garanzija, iżda jirreferi għal deċiżjonijiet bħall-holqien ta' La Banque Postale jew ir-riforma tal-finanzjament tal-pensjonijiet, li huma mmirati sabiex jagħtu lil La Poste il-mezzi sabiex tiżviluppa fuq livell ugwali mal-kompetituri tagħha u "*at arm's length*" mill-Istat. Madankollu, xi whud minn dawn il-miżuri huma fihom infushom għajnuniet mill-Istat ta' ammont konsiderevoli (ara b'mod partikolari id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2007 rigward ir-riforma tal-metodu ta' finanzjament tal-pensjonijiet tal-impjegati ċivili li jaħdmu għal La Poste). Għal-daqstant, ma jistgħux ikunu indikazzjoni tal-interess tal-Istat fl-iżvilupp ta' La Poste f'kundizzjonijiet "*at arm's length*".

([52]) *"a change in the group's ownership structure would lead Standard & Poor's to shift to a bottom-up rating approach, focusing more on LP's stand-alone business and financial profiles. This rating approach may not necessarily translate into rating changes given the expected improvement in LP's stand-alone situation in the coming years."*

([53]) *"The ratings could come under pressure if the group significantly underperforms its operational and financial trajectory at the dawn of full postal deregulation, or if an ownership changes occur sooner than we expect".*

([54]) *"The EC recently recommended that the French government end this guarantee by year-end 2008, which they believe provides LP with more favorable financing conditions than its competitors in a market in the process of being liberalized."*

([55]) *"The ratings on La Poste were unaffected by this recommendation since we consider that a change in La Poste's status would not necessarily reflect a decrease in the strong state support that underpins LP's ratings and that has been reaffirmed by recent government decisions"*

([56]) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-firxa fuq "*mid swap*" kienet ta' 12-il punt bażi għall-ħruġ sa 15-il sena (jiġifieri 33 punt bażi fuq OAT) u ta' 4 punti bażi għall-ħruġ sa 7 snin. Bħala tqabbil, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-ħruġ preċedenti ta' bonds, li sar fl-2004, kien jirrigwarda bonds ta' 580 M€ għal 15-il sena u kien wassal għal firxa ta' 8 punti bażi fuq "*mid swap*". Il-*mid swap* huwa l-medjan bejn ir-rata offruta u r-rata proposta mill-banek f'mument partikolari għall-iskambji interbankarji tagħhom skont il-maturità, jiġifieri r-rata fissa li bank huwa lest li jiskambja kontra euribor ta' 6 xhur bħala regola ġenerali. Din ir-rata tirrappreżenta r-referenza tas-suq b'mod partikolari għall-ħruġ ta' bonds.

([57]) Digriet nru 81-501. Fiż-żmien meta l-awtoritajiet Franċiżi għamlu l-proposta tagħhom, id-Digriet ta' applikazzjoni kien id-Digriet nru 81-501 tat-12 ta' Mejju 1981 meħud għall-infurzar tal-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980 rigward il-penalitajiet imposti amministrattivi u l-infurzar tas-sentenzi mill-korporazzjonijiet pubbliċi u rigward is-"sezzjoni tar-rapport u tal-istudji" tal-Conseil d'Etat.

([58]) Conseil d'Etat, 16 ta' Novembru 1998, *Sille*: "Billi, l-ewwel nett, kif iddeċidew il-Prim'imħallfin, jekk ir-responsabbiltà tas-setgħa pubblika tista' tiġi involuta, anki mingħajr tort, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini quddiem il-piżijiet pubbliċi, fil-każ fejn miżura li ttieħdet legalment ikollha l-effett li tikkawża għad-detriment ta' persuna fiżika jew ġuridika dannu speċjali u ta' ċerta serjetà, mhuwiex il-każ hawnhekk peress li s-Sur Sille, fil-kapaċità tiegħu bħala professjonist tal-proprjetà, ma setax jinjora r-riskji li jiffaċċja neċessarjament it-twettiq ta' programm ta' żvilupp bħal dak li kien ippjanat f'dan il-każ u li għat-twettiq tiegħu kien jeħtieġ b'mod partikolari li jinbidlu d-dispożizzjonijiet tar-regolament tat-tqassim tal-art u li jinkiseb il-kunsens tal-kunsill muniċipali li s-Sur Sille kellu normalment jikkunsidra l-possibbiltà li, quddiem ir-riżultati negattivi tal-investigazzjoni pubblika u l-ostilità li sab il-proġett, dan kien ikun abbandunat mill-belt; li billi ħa dan ir-riskju b'għarfien sħiħ tal-kawża, ma jistax isostni b'suċċess li sofra dannu mhux normali u li l-belt għandha tassumi l-konsegwenzi gravi li sofra mir-rinunzja tal-proġett".

([59]) Conseil d'Etat, 10 ta' Lulju 1996, *Meunier*: "*Billi kien jirriżulta mill-għażla tal-installazzjoni tan-negozju f'post bħal dan u minn ittra tas-sindku rigward il-possibbiltà ta' valangi li l-persuna interessata kienet aċċettat xjentement ir-riskji ta' nuqqas ta' stabilità li kien espost għalihom l-istabbiliment tagħha, il-qorti amministrattiva tal-appell għamlet evalwazzjoni sovrana. Billi kkunsidrat li d-dannu li rriżulta minn sitwazzjoni li għaliha esponiet ruħha xjentement il-persuna interessata ma kienx jintitolaha għal kumpens, din ma kisritx ir-regoli li jirregolaw ir-responsabbiltà tal-pubbliku*".

([60]) Ara, għal aktar dettalji, il-premessi 11 sa 13 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ.

([61]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

([62]) Ara *t-Taqsima* 3.1.1.A ta' din id-Deċiżjoni.

([63]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

([64]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 30.

([65]) Ara l-premessa 110 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali nru 2001-448 tal-25 ta' Lulju 2001: "Billi, jekk l-Artikolu 61 seta', fuq il-bażi tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, jinkludi l-obbligu li jawtorizza fl-Att tal-Finanzi, fi żmien tliet snin, kull garanzija mogħtija mill-Istat, sabiex jipprovdi kjarjifika dwar l-impenji finanzjarji tiegħu, il-piena ta' nuqqas ta' awtorizzazzjoni eventwali ma tistax tkun l-iskadenza tal-garanziji kkonċernati; li fil-fatt, tali konsegwenza tkun ta' natura li tippreġudika l-ugwaljanza quddiem il-piżijiet pubbliċi u, f'każ ta' dannu ta' serjetà partikolari, id-dritt tal-proprjetà; barra minn hekk huwa ċar mill-proċeduri parlamentari li l-Artikolu 61 huwa maħsub biex jipprovdi l-informazzjoni lill-Parlament dwar il-garanziji mogħtija mill-Istat u mhux li jagħtu estinzjoni lil dawk li, mogħtija fil-passat, ma kienux awtorizzati fl-iskadenzi previsti; li, f'dawn il-kundizzjonijiet, l-Artikolu 61 ma jmurx kontra l-Kostituzzjoni".

([66]) Premessa kkwotata fin-nota preċedenti.

([67]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Ġunju 2008, *SIC* vs *Il-Kummissjoni*, T-442/03, Ġabra 2008 p. II-1161, punti 124 sa 127). Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar il-garanziji.

([68]) Ara l-paragrafi 62 sa 68 tan-nota tal-awtoritajiet Franċiżi datata 23 ta' Jannar 2008.

([69]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 34.

([70]) Sezzjoni 4.1.1.A(b)3 ta' din id-Deċiżjoni.

([71]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 39 tad-Deċiżjoni ta' ftuħ. In-nota m'hijiex pubblika, iżda ssemmiet fir-rapport għall-1995.

([72]) Din il-parti tan-nota ġiet ippubblikata mill-edituri tar-Rapport għall-1995 (p. 219).

([73]) Nota tal-awtoritajiet Franċiżi mibgħuta lill-Kummissjoni fid-9 ta' Settembru 2008.

([74]) Ara l-punt 5 tal-Anness għal din in-nota li jsemmi diversi atti fosthom pereżempju *"l-ittra ministerjali jew kull bażi oħra"*.

([75]) Infakkru li d-deċiżjoni ta' għeluq minħabba nuqqas ta' assi mingħajr penali fi tmiem proċedura ta' likwidazzjoni tfisser li l-kreditur ma jkunx jista' jkompli l-proċeduri legali: għaldaqstant id-dejn dovut lilu jkun mitluf b'mod definittiv.

([76]) Ara l-premessa 147 ta' din id-Deċiżjoni

([77]) It-termini tat-testi applikabbli, il-Liġi tas-16 ta' Lulju 1980, id-Digriet tal-20 ta' Mejju 2008 li jissostitwixxi id-Digriet tat-12 ta' Mejju 1981 u ċ-ċirkolari tas-16 ta' Ottubru 1989, ġew imfakkra fit-*Taqsima* ta' din id-Deċiżjoni li tirrigwarda d-deskrizzjoni tal-miżura.

([78]) Ara t-Taqsima 3.1.1.B)(a)1 ta' din id-Deċiżjoni, li hija stess tirreferi għat-*Taqsima* IV, A, 1, p. 19-20 tal-ittra tat-23 ta' Jannar 2008 tal-awtoritajiet Franċiżi

([79]) Fil-fatt, kif tenfasizza l-esperta tal-Kummissjoni, fl-ipoteżi li fiha ir-riżorsi tal-istabbiliment pubbliku ma jkunux biżżejjed, il-possibbiltajiet li jippermettu lill-awtorità regolatorja li tipprovdi għas-sitwazzjoni huma limitati. Ir-riżorsi meħtieġa jistgħu l-ewwel nett ikunu ġejjin minn riżorsi eżistenti allokati għal spejjeż oħrajn u mhux użati sabiex jitħallas id-dejn. Dawn jistgħu mbagħad jirriżultaw mill-bejgħ tal-proprjetà jew miż-żieda tat-tariffi jekk dawn il-proċessi huma possibbli. L-istabbiliment pubbliku jista' wkoll jieħu self. Madankollu, jekk dawn il-ftit possibbiltajiet m'humiex possibbli, jibqa' biss is-soluzzjoni ta' għotja mill-Istat azzjonist.

([80]) Fl-ipoteżi li ma teżistix ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz pubbliku

([81]) Rapport tal-esperta, sezzjoni I.2.A.2, p. 18.

([82]) Art. L. 620-1 tal-Kodiċi kummerċjali

([83]) L-Artikolu L. 640-1 tal-Kodiċi kummerċjali jgħid li "hemm stabbilita proċedura ta' likwidazzjoni miftuħa għal kull debitur imsemmi fl-Artikolu L. 640-2 fil-waqfien tal-ħlasijiet u li l-irkupru tagħhom huwa ovvjament impossibbli".

([84]) La Poste rat l-assi tagħha deprezzati mil-Liġi tal-11 ta' Diċembru 2001, imsejħa l-liġi MURCEF. Madankollu din il-liġi tipprovdi li "meta l-kundizzjoni tal-bejgħ jew tat-trasferiment ta' proprjetà jimminaw il-prestazzjoni tajba ta' La Poste tal-obbligi leġiżlattivi u regolatorji jew tal-impenni meħuda bħala parti mill-kuntratt ta' pjan tagħha […], l-Istat jopponi għall-bejgħ jew għat-trasferiment jew jissoġġetta t-twettiq tagħhom sakemm ma jippreġudikawx il-prestazzjoni tajba ta' tali obbligi".

([85]) It-tariffi tal-benefiċċji taħt is-settur riservat huma approvati mill-ARCEP, ir-regolatur postali. It-tariffi tal-benefiċċji taħt is-settur universali huma sorveljati mill-ARCEP.

([86]) Ara t-Taqsima 4.1.1.A(b)3 ta' din id-Deċiżjoni.

([87]) Ara l-paragrafi 112 u 113 tan-nota mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi fit-23 ta' Jannar 2008.

([88]) Ara t-Taqsima 4.1.1.A(b)3 ta' din id-Deċiżjoni.

(89) Skont l-awtorità regolatorja Franċiża (l-ARCEP), l-ambitu tar-regolament jestendi għall-attivitajiet ta' servizzi postali li jinkludu l-ġbir, l-għażla, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti postali bħala parti minn rondi regolari. Minn dawn huma esklużi: it-tqassim ta' reklamar mhux indirizzat, ir-rondi fil-belt u t-trasport espress.

(90) Ara l-preżentazzjoni strateġika tal-proġett annwali tal-prestazzjonijiet.

(91) Għal aktar dettalji dwar il-pożizzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi, ara b'mod partikolari t-Taqsima 3.1.1.B(a)2 ta' din id-Deċiżjoni.

(92) Qorti amministrattiva tal-Appell, Lyon, 6 ta' Ġunju 1996, Société fermière de *Campoloro*, nru 95LY00935.

(93) P. Bon, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37.

(94) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 37.

(95) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 34.

(96) nru 57516/00.

(97) Serje A nru 37.

(98) Ara n-nota mibgħuta fis-27 ta' Ottubru 2009.

(99) Conseil d'Etat, 29 ta' Diċembru 2004, *Sté d'aménagement des coteaux de Saint-Blaine*, nru 257804: kumpens għas-servitujiet pubbliċi huwa possibbli meta l-proprjetarju jġorr piż speċjali u eċċessiv b'mod sproporzjonat bl-għan segwit ta' interess ġenerali.
Qorti amministrattiva tal-Appell, Bordeaux, 14 ta' Ottubru 2003, *is-Sur u s-Sinjura Claude X.*, nru 99BX01530: l-interruzzjoni tat-traffiku f'toroq lokali li ġarrbu ħsarat wara valangi tista' toħloq dannu mhux normali u speċjali lill-proprjetarju iżolat. L-imħallef amministrattiv jikkunsidra b'mod partikolari li t-tul tad-dannu (it-traffiku kien interrott għal 7 xhur sakemm sar ix-xogħol) jagħtih karattru mhux normali u speċjali li jaqbeż l-ispejjeż li ż-żewġ utenti tat-triq pubblika normalment iħallsu u għaldaqstant għandu jkun ikkumpensat.
Tribunal amministrattiv, Montpellier, 23 ta' Ġunju 1999, *M. Van der Velden*, nru 97-03716: l-għeluq permanenti ta' kampeġġ minħabba r-riskju kbir ta' għargħar ikkawża dannu mhux normali u speċjali lill-proprjetarju b'tali mod li dan għandu d-dritt għall-kumpens minħabba li dan l-għeluq ikkawża t-tmiem tal-unika attività professjonali tal-persuna interessata u t-telf sħiħ tan-negozju tagħha.

(100) Il-kunċett ta' żball leġittimu b'mod li jikkawża effetti legali huwa marbut mat-teorija tal-apparenza. Skont id-dizzjunarju legali Cornu (*Vocabulaire Juridique*), l-apparenza hija "l-aspett li jirriżulta –b'mod intenzjonat jew le- mill-għaqda ta' sinjali esterni li permezz tagħhom stat jew funzjoni normalment jimmanifestaw ruħhom (kwalità ta' aġent, ta' werriet, ta' proprjetarju, eċċ) u li jġiegħlu lil min jaħseb li l-persuna li għandha dawn is-sinjali verament għandha dak l-istat jew dik il-funzjoni". It-teorija tal-apparenza hija "teorija Pretorjana li permezz tagħha l-apparenza biss hija biżżejjed sabiex tipproduċi effetti fir-rigward ta' terza persuna li, minħabba żball leġittimu, injorat ir-realtà". It-teorija tal-apparenza tintuża fil-ġurisprudenza u wasslet ukoll għal soluzzjonijiet famużi ħafna (QEDB, 7 ta' Ġunju 2001, Kress). Tintuża fil-liġi privata meta jkun meħtieġ li jiġu prodotti effetti legali għal xi kuntratt li waħda mill-partijiet tiegħu fdat b'mod leġittimu f'sempliċi apparenza. Wieħed jista' wkoll isemmi l-eżempju ta' residenza apparenti, jew, fil-liġi pubblika, dak tal-uffiċjali *de facto* li d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jibqgħu regolari. Hija għandha l-vantaġġ li tiffaċilita l-prova tal-eżistenza ta' attribut legali jew ta' effett legali meta l-ebda test ma jiddikjara espressament jew espliċitament il-preżenza tagħha.

(101) Distinzjoni magħmula mill-iżviluppi tat-teżi ta' S. Carpi-Petit, *Les successions en droit administratif* (Is-suċċessjonijiet fil-liġi amministrattiva), PUR, 2006.

(102) Dan joħroġ mid-Deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2002 (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-23 ta' Lulju 2002) li tistabbilixxi l-metodi ta' likwidazzjoni tal-università tematika ta' Agen, li l-Artikolu 1 tagħha jipprovdi li l-likwidatur huwa responsabbli "milli jipproponi lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni ogħla t-tqassim bejn l-universitajiet ta' Bordeaux I u Bordeaux IV tal-assi, id-djun, il-passiv u l-bilanċ tal-kont ta' likwidazzjoni li jibqa' wara l-perijodu ta' likwidazzjoni".

([103]) — Digriet nru 53-404 tal-11 ta' Mejju 1953 dwar il-likwidazzjoni tal-fond ta' ekwalizzazzjoni għad-deċentralizzazzjoni tal-industrija tal-ajrunawtika, *Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-12 ta' Mejju 1953, art. 3: "skont l-Artikolu 7 tad-Digriet tal-24 ta' Mejju 1938 imsemmi hawn fuq, il-faċilitajiet u t-tagħmir li jappartjenu għall-fond kif ukoll il-fondi li jibqgħu disponibbli wara l-ħlas tad-djun, isiru l-proprjetà tal-Istat" (hawnhekk, huwa ċar li l-bilanċ huwa pożittiv).

— Digriet nru 75-926 tas-6 ta' Ottubru 1975 dwar it-tneħħija tal-Borża tal-iskambju tad-djar, Art. 2: 'l-operazzjonijiet ta' ħlas tad-djun tal-ġbir tad-dejn u tal-likwidazzjoni tal-proprjetà tal-Borża tal-iskambju tad-djar, kif ukoll, jekk applikabbli, l-azzjonijiet legali kemm bħala attur kif ukoll konvenut li jirrigwardawha jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ministru tal-Ekonomija u tal-Finanzi. L-entrati għandhom jitpoġġew fuq kont speċjali tat-Teżor 904.14 intitolat "Likwidazzjoni tal-istabbilimenti pubbliċi tal-Istat, ta' korpi para-amministrattivi jew professjonali u likwidazzjonijiet diversi".

— Digriet nru 81-1009 tat-12 ta' Novembru 1981 dwar it-tneħħija tal-Istitut Auguste Comte għall-istudju tax-xjenzi u tal-azzjoni: il-bilanċ eventwali tal-likwidazzjoni jiġi trasferit lill-Istat.

— Digriet nru 83-1185 tas-27 ta' Diċembru 1983 dwar ix-xoljiment tal-korporazzjoni pubblika responsabbli mill-iżvilupp tal-belt ġdida ta' Lille-Est: "l-attiv u l-passiv tal-iżvilupp tal-belt il-ġdida ta' Lille-Est huma trasferiti f'din id-data lill-komunità urbana ta' Lille taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Konvenzjoni li ġġib id-data tal-5 ta' Diċembru 1983 imsemmija hawn fuq, ħlief għall-assi mniżżla fl-Anness għal dan id-Digriet li huma trasferiti lill-Istitut ta' riċerka dwar it-trasport".

— Digriet nru 83-1263 tat-30 ta' Diċembru 1983 dwar ix-xoljiment tas-servizz nazzjonali tar-reviżjoni tal-liċenzji tas-sewqan: it-transazzjonijiet huma ppreżentati fil-kont speċjali tat-Teżor "Likwidazzjoni tal-istabbilimenti pubbliċi".

— Digriet nru 87-590 tat-30 ta' Ġunju 1987 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' likwidazzjoni taċ-Ċentru dinji tal-informatika u tar-riżorsi umani, Art. 1: "mill-1 ta' Lulju 1987, data tax-xoljiment taċ-Ċentru dinji tal-informatika u tar-riżorsi umani (ĊDIRU), il-proprjetà mobbli kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi ta' dan l-istabbiliment huma vestiti fl-Istat".

— Digriet tas-17 ta' Novembru 1987 dwar ix-xoljiment taċ-ċentru ta' studju tas-sistemi u tat-teknoloġiji avvanzati (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-18 ta' Novembru 1987) u Digriet nru 87-1167 tal-31 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' likwidazzjoni, Art. 1: "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċentru ta' studju tas-sistemi u t-tekonoloġiji avvanzati (ĊSSTA) huma vestiti fl-Istat mill-1 ta' Jannar 1988, data tax-xoljiment ta' dan l-istabbiliment".

— Ordni tat-28 ta' Settembru 1988 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-likwidazzjoni tal-Aġenzija tal-informatika (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-23 ta' Diċembru 1988): l-operazzjonijiet ta' likwidazzjoni jitwettqu mill-Ministru tal-industrija u tal-iżvilupp tat-territorju.

— Digriet nru 93-775 tas-26 ta' Marzu 1993 dwar it-tneħħija tal-istabbiliment pubbliku msejjaħ "Mużew tal-Posta" (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-30 ta' Marzu 1993): trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi lil La Poste.

— Digriet tas-26 ta' Diċembru 1996 dwar ix-xoljiment tal-istabbiliment pubbliku Fond Franċiż għall-materja prima (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tad-29 ta' Diċembru 2006): "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi ta' dan l-istabbiliment pubbliku huma trasferiti lill-Istat".

— Digriet nru 97-882 tas-26 ta' Settembru 1997 dwar il-likwidazzjoni tal-istabbiliment pubbliku taċ-ċentru tal-konferenzi internazzjonali ta' Pariġi: ir-rikavat tal-likwidazzjoni jingħata lill-Istat.

— Digriet nru 99-1151 tad-29 ta' Diċembru 1999 dwar ix-xoljiment tal-istabbiliment pubbliku tal-Mużew nazzjonali tal-Leġjun ta' Unur, Art. 2: "il-kompiti kif ukoll l-assi, id-drittijiet u l-obbligi ta' dan l-istabbiliment pubbliku huma trasferiti mill-istess data lill-ordni nazzjonali tal-leġjun ta' Unur".

— Digriet nru 2000-1126 tat-22 ta' Novembru 2000 dwar id-devoluzzjoni tar-rikavat tal-likwidazzjoni tal-Istabbiliment pubbliku ta' żvilupp tal-belt ġdida tal-Vaudreuil: ir-rikavat huwa trasferit fil-baġit tal-Istat u l-Artikolu 2 jispeċifika li "id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-attività tal-istabbiliment jew matul il-perijodu ta' likwidazzjoni u mhux magħrufa fl-aħħar tal-perijodu ta' likwidazzjoni huma trasferiti lill-Istat".

— Digriet nru 2001-1383 tal-31 ta' Diċembru 2001 dwar ix-xoljiment tal-istabbiliment pubbliku responsabbli mill-iżvilupp tax-xatt tal-Etang de Berre: l-Artikolu 6 jipprovdi li digriet għandu jiddetermina t-trasferiment lill-Istat tal-attiv u l-passiv li jibqgħu mal-għeluq tal-kont ta' likwidazzjoni kif ukoll tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-attività jew matul il-perijodu ta' likwidazzjoni u mhux magħrufa fi tmiem dan. Id-Digriet nru 2004-234 tas-17 ta' Marzu 2004 dwar diversi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-likwidazzjoni tal-istabbiliment pubbliku responsabbli mill-iżvilupp tax-xatt tal-Etang de Berre trasferixxa lill-Istat "tilwim li rriżulta mill-attività".

— Digriet tad-29 ta' April 2004 dwar ix-xoljiment tal-junjin konġunta għall-iżvilupp taż-żona industrijali u portwarja Eure-Calvados (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tas-6 ta' Mejju 2004) Art. 4: "il-piżijiet eżistenti fid-data ta' likwidazzjoni tal-junjin konġunta jitqassmu bejn il-membri tagħha, skont l-istatuti tagħha".

([104]) S. Carpi-Petit, *Les successions en droit administratif* (Is-suċċessjonijiet fil-liġi amministrattiva), PUR, 2006

[105] — Digriet tal-24 ta' Frar 2004 dwar ix-xoljiment tal-Minjieri tal-Faħam tal-baċin taċ-Ċentru u tan-Nofsinhar (*Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-28 ta' Frar 2004): trasferiment tal-attivitajiet, l-assi, id-drittijiet u l-obbligi lil *Charbonnage de France*.

— Ordni nru 59-80 tas-7 ta' Jannar 1959 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-monopolji fiskali tat-tabakk u s-sulfarini: ħolqien tal-istabbiliment pubbliku SEITA bil-persunal.

— Digriet nru 65-116 tas-17 ta' Diċembru 1965 dwar ir-riunifikazzjoni tar-*Régie autonome des pétroles* (Kumpanija statali awtonoma taż-żejt) u tal-*Bureau de recherches du pétrole* (Uffiċċju għat-tfittxija taż-żejt): "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi kollha tar-Régie autonome des pétroles u tal-Bureau de recherches du pétrole huma awtomatikament trasferiti lill-kumpanija ta' riċerka u tal-attivitajiet taż-żejt".

— Digriet nru 67-796 rigward ir-riunifikazzjoni tal-Minjieri statali tal-potassju ta'Alsace u tal-Uffiċċju nazzjonali industrijali tan-nitroġenu, Art 2: "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-minjieri statali tal-potassa ta'Alsace u tal-Uffiċċju nazzjonali industrijali tan-nitroġenu huma awtomatikament trasferiti lill-kumpanija tal-minjieri u tal-kimika".

— Digriet nru 68-369 tas-16 ta' April 1968 dwar il-fużjoni Minjieri tal-Faħam tal-baċin taċ-Ċentru u tan-Nofsinhar: "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-minjieri tal-faħam tal-baċin kif imneħħija huma awtomatikament trasferiti lill-Minjieri tal-Faħam tal-baċin taċ-Ċentru u tan-Nofsinhar".

— Digriet nru 69-69 tal-24 ta' Jannar 1969 dwar it-trasferiment tal-ORTF: "mill-1 ta' Jannar 1969 il-proprjetà mobbli u immobbli, drittijiet u obbligi tal-uffiċċju ta' kooperazzjoni radjofonika għandhom ikunu trasferiti lill-ORTF".

— Digriet nru 93-1176 tat-13 ta' Ottubru 1993 dwar ix-xoljiment tal-istabbiliment pubbliku tal-*Opéra de Bastille*, Art. 2 "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Istabbiliment pubbliku tal-Opéra de la Bastille għandhom ikunu trasferiti lill-Istabbiliment pubbliku tal-park ta' La Villette".

— Digriet nru 2000-1294 tas-26 ta' Diċembru 2000 dwar ix-xoljiment tal-istabbiliment pubbliku inkarigat mill-iżvilupp tal-belt ġdida ta' Evry u t-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi tagħha lill-Aġenzija tal-art u t-teknoloġija tar-reġjun ta' Pariġi, Art 2: "l-attiv u l-passiv tal-Istabbiliment pubbliku inkarigat mill-iżvilupp tal-belt ġdida ta' Evry għandhom ikunu trasferiti f'din id-data lill-aġenzija tal-art u t-teknoloġija tar-reġjun ta' Pariġi"… "din tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha marbuta mal-attività mwettqa mill-Istabbiliment pubbliku".

— Digriet nru 2004-103 tat-30 ta' Jannar 2004 dwar *Ubifrance*, aġenzija Franċiża għall-iżvilupp internazzjonali tal-kumpaniji: "it-trasferiment lil UbiIFrance […] tad-drittijiet, l-obbligi, il-proprjetà immobbli u mobbli taċ-Ċentru Franċiż tal-kummerċ estern".

— Liġi nru 2004-105 tat-3 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien tal-Aġenzija nazzjonali għall-garanzija tad-drittijiet tal-minaturi, Art. 6: "Bla detriment għax-xoljiment, b'riżoluzzjoni tal-assemblea ġenerali tagħha, tal-assoċjazzjoni msejħa 'Assoċjazzjoni nazzjonali tal-pensjonanti ta' Charbonnages de France u tal-Minjieri tal-faħam tal-baċin kif ukoll tal-eredi tagħhom', l-assi, id-drittijiet u l-obbligi ta' din l-assoċjazzjoni għandhom ikunu trasferiti lill-Aġenzija nazzjonali għall-garanzija tad-drittijiet tal-minaturi".

— Digriet nru 2004-186 tas-26 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien tal-università tax-xjenza tal-organizzazzjonijiet u tad-deċiżjonijiet ta' *Paris-Dauphine* "l-assi, id-drittijiet u l-obbligi tal-università Paris IX għandhom ikunu trasferiti lill-università *Paris-Dauphine*".

[106] — Liġi nru 80-495 tat-2 ta' Lulju 1980 dwar it-tibdil tal-istatus tas-servizz tal-impriża industrijali tat-tabakk u tas-sulfarini: Art. 2 "il-proprjetà tal-istabbiliment ta' natura industrijali u kummerċjali msejjaħ 'servizz tal-impriża industrijali tat-tabakk u tas-sulfarini' għandha tingħata lill-kumpanija maħluqa minn din il-liġi, skont il-metodi stabbiliti mill-awtorità kompetenti'.

— Ara wkoll id-Digriet nru 80-1025 tad-19 ta' Diċembru 1980 dwar l-għoti tal-assi, id-drittijiet u l-obbligi tal-Fond nazzjonali tas-swieq tal-Istat, tal-awtoritajiet u l-istabbilimenti pubbliċi lill-kumpanija msejħa CEPME.

— Liġi nru 88-50 tat-18 ta' Jannar 1988 dwar il-ġbir tal-*Caisse nationale de crédit agricole* (Fond nazzjonali tal-Kreditu agrikolu), Artikolu 1: "Il-proprjetà tal-Caisse nationale de crédit agricole u dak tal-fondi komuni ta' garanzija għandhom ikunu vestiti lill-kumpanija prevista fl-ewwel paragrafu ta' hawn fuq, detentur tad-drittijiet u l-obbligi kollha tal-Fond nazzjonali u tal-fondi komuni ta' garanzija, mal-garanziji u l-kollaterali marbuta magħhom".

— Digriet tad-19 ta' April 1989 li jawtorizza lis-*Centre d'études des systèmes d'information des administrations* (Ċentru tal-istudji tas-sistemi ta' informazzjoni tal-amministrazzjonijiet) li jittrasferixxi l-assi, id-drittjiet u l-obbligi kollha tiegħu lil kumpanija b'responsabbiltà limitata msejħa *Cesia* u li jxolji dan l-Istabbiliment.

— Liġi nru 92-665 tas-16 ta' Lulju 1992 dwar l-adattament għas-suq uniku Ewropew tal-leġiżlazzjoni applikabbli fir-rigward tal-assigurazzjoni u l-kreditu: trasferiment lil kumpanija b'responsabbiltà limitata tal-assi, id-drittjiet u l-obbligi kollha tal-IPIK *Caisse nationale de prévoyance.*

— Digriet nru 2001-1213 tad-19 ta' Diċembru 2001 li jawtorizza l-istabbiliment pubbliku tal-Istat imsejjaħ "*Agence pour la diffusion de l'information technologique*" (Aġenzija għax-xandir tal-informazzjoni teknoloġika) li jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu lil kumpanija b'responsabbiltà limitata li ġġib l-istess isem, u li jħoll dan l-istabbiliment pubbliku u jawtorizza t-trasferiment għas-settur privat ta' din il-kumpanija.

[107] Wieħed jista' jirreferi għall-eżempju tal-operazzjoni ta' tneħħija tal-Fond nazzjonali tas-swieq tal-Istat, tal-awtoritajiet u l-istabbilimenti pubbliċi: id-Digriet nru 80-1025 tad-19 ta' Diċembru 1980 jipprovdi li l-assi, id-drittijiet u l-obbligi, tal-istabbiliment pubbliku għandhom ikunu trasferiti lil kumpanija b'responsabbiltà limitata (CEPME) u l-istabbiliment pubbliku għandu jirċievi xi ishma bi skambju. Imbagħad, permezz tad-Digriet nru 80-1076 tat-23 ta' Diċembru 1980 l-istabbiliment pubbliku għandu jitneħħa u l-proprjetà tiegħu għandha tiġi trasferita lill-Istat. L-istess mekkaniżmu għandu jkun implimentat għat-tneħħija tal-Aġenzija tax-xandir tal-informazzjoni teknoloġika (D nru 2001-1213 tad-19 ta' Diċembru 2001).

([108]) "Stabbilimenti pubbliċi", J-cl. admi. fasc. 135, 2007.

([109]) Pereżempju l-att nru 80-495 tat-2 ta' Lulju 1980 dwar it-trasformazzjoni tas-servizz tal-impriża tat-tabakk u tas-sulfarini f'kumpanija nazzjonali; Att nru 96-660 tas-26 ta' Lulju 1996 dwar il-kumpanija nazzjonali *France Télécom*, Art. 1: "L-istabbiliment pubbliku *France Télécom* imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jinbidel mill-31 ta' Diċembru 1996 f'kumpanija nazzjonali msejħa *France Télécom*, li tagħha l-Istat iżomm direttament aktar min-nofs tal-kapital azzjonarju"; "L-assi, id-drittijiet u l-obbligi tal-istabbiliment pubbliku *France Télécom* għandhom ikunu trasferiti awtomatikament, fil-31 ta' Diċembru 1996, lill-kumpanija nazzjonali *France Télécom*". Din il-proċedura hija ovvjament l-unika waħda possibbli meta jkun servizz tal-Istat b'baġit supplimentari li "jinbidel" f'kumpanija privata. Liġi nru 93-1419 tal-31 ta' Diċembru 1993 dwar l-istamperija nazzjonali, Art. 1: "Id-drittjiet, l-assi u l-obbligi kollha tal-Istat marbuta mal-kompiti tas-servizzi fi ħdan il-baġit supplimentari tal-Istamperija nazzjonali għandhom ikunu trasferiti lil kumpanija nazzjonali, imsemmija 'Stamperija nazzjonali'"; aktar reċenti, Art. 78 tal-liġi finanzjarja li temenda għall-2001, nru 2001-1276 tat-28 ta' Diċembru 2001, li tibdel is-servizz ta' kompetenza nazzjonali DCN f'kumpanija limitata billi tittrasferilha id-drittijiet, l-assi u l-obbligi tal-Istat relatati mas-servizz.

([110]) L-istess proċedura intużat għal ADP permezz tal-Liġi nru 2005-357 tal-20 ta' April 2005, dwar l-ajruporti, Art. 1: "L-istabbilment pubbliku Aéroports de Paris għandu jinbidel f'kumpanija limitata. Din il-bidla la tinvolvi l-ħolqien ta' stabbiliment legali ġdid, u lanqas konsegwenzi fuq is-sistema ġuridika li għaliha huwa soġġett il-persunal".

([111]) G. Cornu, *Vocabulaire juridique*, PUF.

([112]) Ara S. Carpi-Petit, *Les successions en droit administratif* (Is-suċċessjonijiet fil-liġi amministrattiva), imsemmija hawn fuq, p. 207.

([113]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 61.

([114]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, *EPAC* vs *Il-Kummissjoni*, kawżi magħquda T-204/97 u T-270/97, Ġabra 2000, p. II-2267, punti 80 u 81).

([115]) Il-kunċett finanzjarju huwa l-passaġġ obbligatorju tal-finanzjament tal-kumpaniji fuq is-swieq tal- kapital; barra minn hekk qed jintuża dejjem aktar bħala referenza għas-self bankarju. Ara rigward dan in-nota nru 46 ta' qiegħ il-paġna tad-Deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura.

([116]) Dawn huma Standard & Poor's u Fitch, tnejn mill-aktar aġenziji ta' klassifikazzjoni importanti fuq livell dinji.

([117]) Silta minn "*International Postal Entities: Influence of government support on ratings*" Standard and Poor's, 22 ta' Novembru 2004: "*La Poste's legal status, which ensures a last-recourse sovereign guarantee, confers the ultimate statutory guarantee of the Republic of France on its obligations*".

([118]) Silta minn "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*In 1991, LP – previously part of the government bureaucracy- became an independent publicly owned entity with EP status, which ensures LP an ultimate state guarantee on its obligations, but not a timely and explicit guarantee as reflected by the rating differentiation between LP and the Republic of France.*"

([119]) Ara punt 1.2, it-tieni u r-raba' paragrafi, tal-Komunikazzjoni dwar il-garanziji.

([120]) Ara l-artiklu "*Fitch confirme la note 'AA' attribuée à La Poste*" (Fitch jikkonferma l-grad ta' "AA" mogħti lil La Poste), Fitch Ratings, Pariġi/Londra, 4 ta' Settembru 2009.

([121]) Ara premessa 2 ta' din id-Deċiżjoni.

([122]) Silta minn "*International Postal Entities: Influence of government support on ratings*". Standard and Poor's, 22 ta' Novembru 2004: "*Category 2: notching down with respect to the state owner's ratings. The second category includes those entities that, while autonomous in their operations, are largely public-policy-based institutions, still in receipt of substantial direct or indirect financial backing from the State. There is, however, a high level of uncertainty surrounding the level and/or timeliness of this state support. A top-down approach that assumes notching down from the sovereign rating by up to two categories (six notches) applies to such postal entities. La Poste and Poste Italiane currently fall within this category.*"

([123]) Silta minn "*International Postal Entities: Influence of government support on ratings*". Standard and Poor's. 22 ta' Novembru 2004: "*Unlike the credit quality of companies that operate in a commercial manner at arm's length from the government, like SingPost, Deutsche Post or TPG, a major factor underpinning La Poste's robust credit quality is its extremely strong State support. La Poste's legal status confers the ultimate statutory guarantee of the Republic of France (AAAA/Stable/A-1+) on its obligations*".

([124]) L-aħħar tnaqqis tal-grad ta' La Poste sar fil-21 ta' Jannar 2009, ftit wara li l-President tar-Repubblika Franċiża ħabbar it-trasformazzjoni ta' La Poste f'kumpanija limitata: il-grad ta' La Poste tnaqqas għal A+, li jikkonferma għal darb'oħra li, meta kollox ikun l-istess, l-istatus tal-entità pubblika ta' La Poste għandu tassew influwenza kbira fuq il-klassifikazzjoni.

([125]) Silta minn "Ratings direct" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*S & P continues to follow a top-down rating methodology for La Poste – which allows for a governement supported entity to be rated by up to two categories below the sovereign- as we expect the French state to remain La Poste's 100 % shareholder in the medium term. The ratings nevertheless already factor in the long-term likelihood of a change in the group's capital structure, which would require a change in its current 'établissement public' legal status and result in the loss of the state's ultimate guarantee on LP's financial obligations, the elimination of which was recently recommended by the European Commission*".

([126]) Silta minn "Ratings direct" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*The EC recently recommended that the French government end this guarantee by year-end 2008, which they believe provides La Poste with more favorable financing conditions than its competitors in a market in the process of being liberalized. The ratings on La Poste were unaffected by this recommendation since we consider that a change in La Poste's status would not necessarily reflect a decrease in the strong state support that underpins La Poste's ratings and that has been reaffirmed by recent government decisions*".

([127]) Silta minn "*ADP news*" tal-21 ta' Jannar 2009: "*S & P lowers ratings on La Poste with negative outlook*" […] "*The announced legal status and ownership change will give the company a greater autonomy from the government, which is why its rating has a four-notch differential with the rating on the Republic of France, rated AAA/A-1 + with a 'stable' outlook. S & P's 'negative' outlook reflects concerns that the changes in the company's legal status and ownership, likely to take place in the next two years as part of a capital hike, could pressure the ratings. These initiatives could limit the government's ability to provide the postal operator with exceptional support without improving its standalone profile in the short term, as the capital hike should not decrease La Poste's debt relative to its cash generation*".

([128]) Ara l-paragrafu 197 tal-kummenti mibgħuta minn Franza fit-23 ta' Jannar 2008.

([129]) "*Rating Government-Related Entities: A Primer*". Standard and Poor's. 14 ta' Ġunju 2006.

([130]) Ara wkoll "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*The entities" credit standing is linked to that of the government, but ratings can be notched down from those on the State by up to two categories as the financial links between these companies and the state may be increasingly subject to change in the medium or long term'* […] (Il-kwalità ta' firma tal-entità hija marbuta ma' dik tal-gvern, iżda l-klassifikazzjonijiet jistgħu jitnaqqsu b'żewġ kategoriji sakemm ir-rabtiet finanzjarji bejn l-imsemmija kumpanija u l-Istat jistgħu jevolvu fi żmien medju jew fit-tul).

([131]) Silta minn "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*In 1991, La Poste became an independent publicly owned entity with Etablissement Public status, which ensures La Poste an ultimate State guarantee on its obligations, but not a timely and explicit guarantee as reflected by the rating differentiation between La Poste and the Republic of France*".

([132]) Silta minn "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "Dan l-aħħar il-KE irrakkomandat li l-gvern Franċiż itemm din il-garanzija sal-aħħar tas-sena 2008, li huma jemmnu tagħti lil La Poste kundizzjonijiet finanzjarji aktar favorevoli mill-kompetituri tagħha f'suq fil-proċess li jiġi lliberalizzat. Il-klassifikazzjoni ta' La Poste ma ġietx affettwata minn din ir-rakkomandazzjoni peress li aħna nqisu li bidla fl-istatus ta' La Poste ma tirriflettix neċessarjament tnaqqis fl-appoġġ statali qawwi li jirfed il-klassifikazzjoni ta' La Poste u li ġie kkonfermat mill-ġdid minn deċiżjonijiet reċenti tal-gvern".

([133]) Silta minn "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*A change in the group's ownership structure would lead Standard and Poor's to shift to a bottom-up rating approach, focusing more on La Poste's stand-alone business and financial profiles. This rating approach may not necessarily translate into rating changes given the expected improvement in La Poste's stand-alone situation in the coming years*".

([134]) Silta minn "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: "*The ratings on La Poste could be downgraded, however, if state backing for the company were to weaken*".

([135]) Ara t-Taqsima 3.2.1.D ta' din id-Deċiżjoni u l-parti V.4 tal-kummenti mressqa mill-awtoritajiet Franċiżi fit-23 ta' Jannar 2008.

([136]) Parti V 4 a) tal-kummenti mibgħuta minn Franza fit-23 ta' Jannar 2008.

([137]) Ara l-paragrafu 186 tal-kummenti mibgħuta minn Franza fit-23 ta' Jannar 2003.

([138]) Ara t-tabella 1 f'"*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007.

([139]) Silta minn "*International Postal Entities: Influence of government support on ratings*", Standard and Poor's, 22 ta' Novembru 2004: "*Unlike the credit quality of companies that operate in a commercial manner at arm's length from the government, like SingPost, Deutsche Post or TPG, a major factor underpinning La Poste's robust credit quality is its extremely strong State support. La Poste's legal status confers the ultimate statutory guarantee of the Republic of France (AAAA/Stable/A-1+) on its obligations*".

([140]) Ara paragrafu 196 tal-kummenti mibgħuta minn Franza fit-23 ta' Jannar 2008.

(141) Ara paragrafu 198-200 tal-kummenti mibgħuta minn Franza fit-23 ta' Jannar 2008.

(142) "*International Postal Entities: Influence of government support on ratings*", Standard and Poor's, 22 ta' Novembru 2004.

(143) Silta minn "*Ratings direct*" dwar La Poste, S & P, 3 ta' April 2007: *The ratings nevertheless already factor in the long-term likelihood of a change in the group's capital structure, which would require a change in its current "établissement public" legal status and result in the loss of the state's ultimate guarantee on LP's financial obligations, the elimination of which was recently recommended by the European Commission.* Barra minn hekk, id-dgħufijiet identifikati ta' La Poste jinkludu: "*Likely capital structure change at company or bank level in the long term*".

(144) Il-*mid swap* huwa l-medjan bejn ir-rata offruta u r-rata proposta mill-banek f'mument partikolari għall-iskambji interbankarji tagħhom skont il-maturità, jiġifieri r-rata fissa li bank huwa lest li jiskambja kontra euribor ta' 6 xhur fuq regola ġenerali. Din ir-rata tirrappreżenta r-referenza tas-suq b'mod partikolari għall-ħruġ ta' bonds.

(145) Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 1990, *Franza* vs *Il-Kummissjoni, "Boussac"* C-301/87, Ġabra p. I-307, punt 33.

(146) Deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Marzu 2009, *TF1* vs *Il-Kummissjoni*, T354/05, Ġabra p. II-113, punti 166 u 167.

(147) B'mod partikolari, fid-Deċiżjoni tagħha dwar l-EDF (paragrafu 57 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/145/KE, tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar l-għajnuniet mill-Istat mogħtija minn Franza lil EDF u lis-settur tal-industriji tal-elettriku u tal-gass (ĠU L 49, 22.2.2005, p. 9), il-Kummissjoni kkunsidrat li "l-impossibbiltà li EDF tkun soġġetta għal proċedura ta' riorganizzazzjoni u ta' likwidazzjoni legali, u għalhekk li tfalli, hija ugwali għal garanzija ġenerali fuq l-impenji kollha tal-kumpanija. Garanzija bħal din ma tistax tkun soġġetta għal xi ħlas skont ir-regoli tas-suq. Din il-garanzija, li fil-kopertura tagħha, fiż-żmien u fl-ammont tagħha hija mingħajr limitu, tirrappreżenta għajnuna mill-Istat".

(148) Ara l-Komunikazzjoni dwar il-garanziji punt 2.1, it-tielet paragrafu.

(149) ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14.

(150) Ara, pereżempju, d-Deċiżjoni 2005/145/KE.

(151) Ara b'mod partikolari l-punt 1.5 tal-Komunikazzjoni dwar il-garanziji li jikkonferma l-prinċipju tan-newtralità, kif ukoll il-punt 1.2 li jispjega li garanzija statali tista' tinħoloq mis-sempliċi fatt tal-forma legali (it-tieni u t-tielet inċiż ta' dan il-punt).

(152) Każ E 10/2000, "*Anstaltslast und Gewährträgerhaftung*", punt 5 tal-proposta ta' miżuri xierqa tat- 8 ta' Mejju 2001. Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni: *http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2000/e010-00-1.pdf*

(153) Ara d-Deċiżjoni 2005/145/KE.